

Brussell, 1 ta' Lulju 2021
(OR. en)

10381/21

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0171(COD)**

**CONSOM 147
MI 520
COMPET 526
CODEC 1020
DIGIT 83
CYBER 196
CHIMIE 65
JAI 818**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	1 ta' Lulju 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 346 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/357/KEE u d-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2021) 346 final.

Mehmuż: COM(2021) 346 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.6.2021
COM(2021) 346 final

2021/0170 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/357/KEE u d-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2021) 280 final} - {SWD(2021) 168 final} - {SWD(2021) 169 final}

WERREJ

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI	3
1. KUNTEST TAL-PROPOSTA	3
• Raġunijiet u objettivi tal-proposta.....	3
• Konsistenza ma' politiki oħra tal-UE.....	5
2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ	6
• Bażi ġuridika	6
• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva) ⁷	
• Proporzjonalità	8
• Għażla tal-istrument	8
3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET <i>EX POST</i> , TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT	8
• Evalwazzjonijiet <i>ex post</i> /kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti	8
• Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati.....	9
• Ġbir u użu ta' għarfien espert.....	11
• Valutazzjoni tal-impatt.....	11
• Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni	13
• Drittijiet fundamentali	14
4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI	15
5. ELEMENTI OĦRA	15
• Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar	15
• Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta	15
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILLdwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/357/KEE u d-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	
KAPITOLU I.....	32
Dispożizzjonijiet ġenerali.....	32
KAPITOLU II	35
Rekwiżiti tas-sikurezza	35
KAPITOLU III.....	37
Obbligi tal-operaturi ekonomiċi	37
Taqsimi 1	37

Taqsim 2	43
KAPITOLU IV.....	44
Swieq online.....	44
KAPITOLU V.....	46
Sorveljanza u implimentazzjoni tas-suq.....	46
KAPITOLU VI.....	47
Sistema ta' twissija rapida Safety Gate	47
KAPITOLU VII	48
Rwol tal-Kummissjoni u koordinazzjoni tal-infurzar	48
KAPITOLU VIII.....	51
Dritt għall-informazzjoni u għal rimedju	51
KAPITOLU IX.....	53
Kooperazzjoni internazzjonali.....	53
KAPITOLU X.....	54
Dispożizzjonijiet finanzjarji	54
KAPITOLU XI.....	57
Dispożizzjonijiet finali	57
DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA	62

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Din il-proposta għal Regolament dwar is-sikurezza tal-prodotti għall-konsumatur hija konformi mal-Aġenda tal-Konsumatur il-Ġdida tal-2020¹ li għandha l-għan li: (i) taġġorna u timmodernizza l-qafas ġenerali għas-sikurezza tal-prodotti għall-konsumatur li mhumiex tal-ikel; (ii) tippreserva r-rwol tagħha bħala xibka ta' sikurezza għall-konsumaturi; (iii) tadatta d-dispożizzjonijiet għall-isfidi maħluqa minn teknoloġiji ġodda u mill-bejgħ online; u (iv) tiżgura kundizzjonijiet ekwi għan-negozji. Filwaqt li l-proposta se tissostitwixxi d-Direttiva 2001/95/KE dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti² ("DSĠP"), din se tkompli tapplika għall-prodotti manifatturati għall-konsumatur li mhumiex tal-ikel. Ir-Regolament propost se jipprovdi wkoll kontinwità mad-DSĠP billi: (i) jeħtieġ li l-prodotti għall-konsumatur ikunu "sikuri"; (ii) jistabbilixxi ċerti obbligi għall-operaturi ekonomiċi; u (iii) ikun fih dispożizzjonijiet għall-iżvilupp ta' standards b'appoġġ għar-rekwiżit tas-sikurezza ġenerali. Jallinja wkoll ir-regoli tas-sorveljanza tas-suq għall-prodotti li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-armonizzazzjoni ("prodotti mhux armonizzati") ma' dawk li japplikaw għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-armonizzazzjoni ("prodotti armonizzati") kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2019/1020. Għalhekk, ir-Regolament propost għandu l-għan li jaġġorna r-regoli attwalment stabbiliti fid-Direttiva 2001/95/KE biex jiżgura xibka ta' sikurezza għall-prodotti kollha, u, fl-istess ħin, li jiżgura li r-reġim jipprovdi konsistenza akbar bejn prodotti armonizzati u mhux armonizzati.

Diġà fl-2011, l-Att dwar is-Suq Uniku³ identifika r-reviżjoni tad-DSĠP u tar-Regolament (KE) Nru 765/2008⁴ bħala azzjonijiet ewlenin "biex titjeb is-sigurtà tal-prodotti li jdur mal-UE permezz ta' koerenza aħjar u infurzar tar-regoli dwar is-sigurtà tal-prodotti u s-sorveljanza tas-suq". Tali reviżjoni ġiet proposta fl-2013 f'pakkett li jinkludi r-reviżjoni taż-żewġ strumenti legali, bl-għan li jiġi introdott qafas leġiżlattiv uniku għal prodotti armonizzati u mhux armonizzati. Ġie kkunsidrat li t-trikkib tar-regoli tas-sorveljanza tas-suq u l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi stabbiliti f'diversi biċċiet tal-leġiżlazzjoni tal-UE (id-DSĠP, ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 u leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-armonizzazzjoni speċifika għas-settur) wassal għal konfużjoni fost l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet nazzjonali u fixxkel serjament l-effettività tal-attività tas-sorveljanza tas-suq fl-UE. Il-pakkett propost weħel fin-negozjati għall-adozzjoni tiegħu u ġie rtirat. Sadanittant, fl-2017, b'segwitu għall-Komunikazzjoni tal-2015 *Nagħornaw is-Suq Uniku: opportunitajiet aktar għaċ-ċittadini u*

¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, Aġenda tal-Konsumatur ġdida li ssaħħa ir-reżiljenza tal-konsumatur għall-irkupru sostenibbli, COM(2020) 696 final.

² Id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (Test b'relevanza għaż-ŻEE), ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4.

³ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni, L-Att dwar is-Suq Uniku – Tnax-il xprun sabiex jiġi stimulat it-tkabbir u r-rinfurzar tal-fiduċja – Flimkien għal tkabbir ġdid/* COM/2011/0206 final.

⁴ Ir-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 339/93 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30.

*għan-negozji*⁵, il-Kummissjoni adottat proposta biex tirrevedi r-Regolament (KE) 765/2008 biex issaħħaħ il-konformità tal-prodotti u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-armonizzazzjoni tal-prodotti, bħala parti mill-“pakkett dwar il-prodotti”, eż. pakkett ta’ inizjattivi biex jiġi żgurat funzjonament aħjar tas-suq uniku għall-merkanzija. FI-2019, dan wassal għall-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1020⁶.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta’ politika**

Ir-Regolament (UE) 2019/1020⁷

Ir-Regolament (UE) 2019/1020 jistabbilixxi regoli u proċeduri għall-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-armonizzazzjoni tal-prodotti u l-infurzar tagħha. Il-proposta tfittex li tippermetti kooperazzjoni aħjar fost l-awtoritajiet nazzjonali tas-sorveljanza tas-suq. Għal dak il-għan, timmira li tiċċara l-proċeduri għall-mekkaniżmu ta’ assistenza reċiproka bejniethom, u, għal xi kategoriji ta’ prodotti, se tirrikjedi li l-manifatturi mhux tal-UE jaħtru persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-informazzjoni dwar il-konformità. Il-proposta tkopri s-sorveljanza tas-suq ta’ prodotti mhux tal-ikel (“prodotti industrijali”) li t-tqegħid tagħhom fis-suq uniku huwa soġġett għal atti ta’ armonizzazzjoni tal-UE. Hija applikabbli, ħlief għall-Kapitolu VII, għal prodotti armonizzati biss.

Sabiex jiġu żgurati l-koerenza u l-konsistenza bejn ir-reġimi għal prodotti armonizzati u mhux armonizzati, din il-proposta tadotta u tadatta għadd ta’ dispożizzjonijiet tar-Regolament 2019/1020, bħall-Kapitolu IV, V u VI dwar is-sorveljanza tas-suq u l-Artikolu 4.

Id-Deċiżjoni 768/2008/KE⁸

Id-Deċiżjoni 768/2008/KE tistabbilixxi prinċipji u proċeduri komuni li l-leġiżlazzjoni tal-UE trid issewwi meta jiġu armonizzati l-kundizzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti fl-UE u fiż-ŻEE. Dan jinkludi rekwiżiti ta’ referenza li għandhom jiġu inkorporati kull meta tiġi riveduta l-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti. Fil-fatt, hija mudell għal-leġiżlazzjoni futura dwar l-armonizzazzjoni tal-prodotti.

Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn il-leġiżlazzjoni għall-prodotti armonizzati u mhux armonizzati, din il-proposta tieħu xi wħud mid-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 768/2008/KE, bħal dawk dwar ir-rekwiżiti tat-traċċabbiltà u l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi.

Ir-Regolament (UE) 1025/2012⁹

⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Naġġornaw is-Suq Uniku: opportunitajiet aktar għaċ-ċittadini u għan-negozji, COM/2015/0550 final.

⁶ Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011, ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1.

⁷ Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011, ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1.

⁸ Id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta’ prodotti u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/465/KEE (Test b’rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82.

⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u

Ir-Regolament (UE) 1025/2012 jipprovdi bażi ġuridika biex jintużaw standards Ewropej għall-prodotti u s-servizzi, jiġu identifikati l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-ICT, u jiġi ffinanzjat il-proċess Ewropew ta' standardizzazzjoni. Dan jistabbilixxi wkoll obbligu għall-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni (CEN, CENELEC, ETSI) u għall-korpi nazzjonali tal-istandardizzazzjoni dwar it-trasparenza u l-parteeċipazzjoni.

Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mar-reġim ġenerali għall-istandardizzazzjoni kif previst fir-Regolament (UE) 1025/2012, din il-proposta tipprevedi għadd ta' emendi għar-Regolament (UE) 1025/2012 biex jiġi adattat għall-karatteristiċi speċifiċi tar-regolament propost, b'mod partikolari għall-fatt li dan ir-Regolament jeħtieġ l-adozzjoni tar-rekwiżiti tas-sikurezza speċifiċi u għall-fatt li l-istandards adottati skont dan ir-regolament ma jistgħux jiġu assimilati ma' standards armonizzati u għaldaqstant huma indikati bħala "standards Ewropej".

Id-Direttiva (UE) 2019/771¹⁰

Id-Direttiva 2019/771 tintroduċi regoli dwar il-konformità tal-oġġetti, rimedji fil-każ ta' nuqqas ta' konformità u kif isir użu minn dawk ir-rimedji.

Il-proposta tipprovdi rimedji speċifikament għal prodotti perikolużi li ġew irtirati mis-suq. Din is-sitwazzjoni partikolari tiġġustifika li jkun hemm sett ta' regoli li huma parzjalment differenti u aktar faċli biex jiġu attivati, b'mod partikolari minħabba li l-konsumatur ma għandux għalfejn juri n-nuqqas ta' konformità tal-prodott. Dawn ir-regoli huma applikabbli biss jekk il-prodotti jiġu rtirati. Għalhekk, dawn ma jemendawx id-Direttiva 2019/771 iżda jżidu biss protezzjoni addizzjonali fil-każ ta' rtirar.

Ir-Regolament (UE) 2019/881¹¹

L-Att dwar iċ-Ċibersigurtà jintroduċi qafas ta' ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà madwar l-UE għall-prodotti, is-servizzi u l-proċessi tal-ICT. Madankollu, dan ma jinkludix rekwiżiti legali minimi taċ-ċibersigurtà għall-prodotti tal-ICT. Din il-proposta tiċċara li r-riskji taċ-ċibersigurtà li għandhom impatt fuq is-sikurezza tal-konsumaturi huma koperti mill-kunċett ta' sikurezza skont ir-Regolament propost.

• Konsistenza ma' politiki oħra tal-UE

L-inizjattivi li ġejjin li jinsabu għaddejnin jew li huma ppjanati fil-livell tal-UE għandhom rwol importanti għas-sikurezza tal-prodotti:

L-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA), adottat mill-Kummissjoni fil-15 ta' Diċembru 2020¹², għandu l-għan li jirregola r-responsabbiltajiet tal-fornituri ta' servizzi intermedjarji online, inklużi pjattaformi online bħall-midja soċjali u s-swieq online, fir-rigward ta' kontenut,

2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, L 316, 14.11.2012, p. 12.

¹⁰ Id-Direttiva (UE) 2019/771 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw kuntratti għall-bejgħ ta' oġġetti, li temenda r-Regolament (UE) 2017/2394 u d-Direttiva 2009/22/KE, u li tħassar id-Direttiva 1999/44/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 136, 22.5.2019, p. 28.

¹¹ Ir-Regolament (UE) 2019/881 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u dwar iċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 526/2013 (l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà), ĠU L 151, 7.6.2019, p. 15.

¹² Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Suq Intern għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE, COM/2020/825 final.

oġġetti jew servizzi illegali offruti mill-utenti tagħhom. Dik il-proposta tistabbilixxi għadd ta' obbligi ta' diliġenza dovuta għall-pjattaformi online rilevanti għar-regolament propost, inkluża l-introduzzjoni tal-prinċipju tat-“traċċabbiltà tal-kummerċjanti” u l-obbligu li titqies il-liġi dwar is-sikurezza tal-prodotti fl-istruttura tal-interfaċċa (l-Artikolu 22). Id-DSA tkopri t-tipi kollha ta' kontenut illegali, kif definit mid-dritt nazzjonali jew tal-UE, inkluż il-bejgħ ta' prodotti perikolużi online. Peress li d-DSA huwa strument leġiżlattiv ta' applikazzjoni ġenerali, dan ma jinkludix dispożizzjonijiet speċifiċi li jindirizzaw tali tip ta' kontenut. Id-DSA jistabbilixxi wkoll il-qafas għall-proċedura ta' avviż u azzjoni (l-Artikolu 14). Ir-regolament propost jispeċifika ċerti obbligi għas-swieq online fil-qasam tas-sikurezza tal-prodotti.

Il-proposta leġiżlattiva dwar l-intelliġenza artifiċjali (IA) tistabbilixxi regoli armonizzati għat-tqegħid fis-suq, it-tqegħid fis-servizz u l-użu ta' sistemi ta' intelliġenza artifiċjali fl-UE. Ir-regoli jeħtieġ li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tal-interessi pubbliċi, b'mod partikolari dwar is-saħħa u s-sikurezza, u d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tan-nies. Din tistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi li magħhom is-sistemi tal-IA ta' riskju għoli jridu jikkonformaw u timponi obbligi fuq il-fornituri u l-utenti ta' tali sistemi.

Din il-proposta tqis dawn id-dispożizzjonijiet u tipprovdi xibka ta' sikurezza għall-prodotti u r-riskji għas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta dwar l-IA.

L-istrateġija dwar is-sustanzi kimiċi adottata f'Ottubru 2020¹³ tindika l-fatt li l-użu diġà mifruq tas-sustanzi kimiċi se jiżdied, inkluż fil-prodotti għall-konsumatur, u li huwa meħtieġ li jiġu pprojbiti l-aktar sustanzi kimiċi ta' ħsara fil-prodotti għall-konsumatur biex tiġi żgurata s-sikurezza tagħhom. Ir-**Regolament REACH**¹⁴ introduċa obbligi għall-industrija biex tivvaluta u timmaniġġja r-riskji kkawżati mis-sustanzi kimiċi u tipprovdi informazzjoni xierqa dwar is-sikurezza għall-utenti tagħhom. Dan jipprevedi wkoll restrizzjonijiet għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent minn riskji inaċċettabbli kkawżati mis-sustanzi kimiċi. Din il-proposta żżomm xibka ta' sikurezza għar-riskji kimiċi fi prodotti mhux koperti minn leġiżlazzjoni speċifika.

Il-pjan ta' azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari adottat f'Marzu 2020¹⁵ għandu l-għan li jnaqqas l-iskart permezz tal-użu mill-ġdid, it-tiswija, il-manifattura mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' kwalità għolja - b'mod partikolari fir-rigward ta' materja prima sekondarja fejn jistgħu jippersistu sustanzi perikolużi - u jiddikjara li s-sikurezza tal-prodotti trid titqies bħala objettiv primarju. Din il-proposta tirrikonoxxi li, meta l-operaturi ekonomiċi jew l-awtoritajiet jiffaċċjaw għażla ta' azzjonijiet korrettivi, l-aktar azzjoni sostenibbli (jiġifieri dik bl-inqas impatt ambjentali) jenħtieġ li tkun ippreferuta, sakemm ma tirriżultax f'livell aktar baxx ta' sikurezza.

¹³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità, COM/2020/667 final.

¹⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1488/94 kif ukoll id-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE u d-Direttivi tal-Kummissjoni 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE, ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

¹⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari Għal Ewropea aktar nadifa u kompetittiva, COM/2020/98 final.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika għar-Regolament propost hija l-Artikolu 114 tat-TFUE, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-Artikolu 169¹⁶. L-oġġettiv tiegħu huwa li jiżgura s-sikurezza tal-prodotti u jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern. Fl-istess ħin, għandu l-għan li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, billi jikkontribwixxi għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi Ewropej u jippromwovi d-dritt tagħhom għall-informazzjoni¹⁷.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Il-proposta tarmonizza r-rekwiżit tas-sikurezza ġenerali tal-prodott fl-UE. L-iżgurar tas-sikurezza tal-prodotti fis-suq uniku ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri li jaġixxu waħedhom għar-raġunijiet li ġejjin:

- Il-prodotti jiċċirkolaw liberament fis-suq uniku kollu. Meta prodott perikoluż jiġi identifikat f'ċertu pajjiż, huwa probabbli ħafna li l-istess prodott jista' jinstab fi Stati Membri oħra wkoll, mhux l-inqas minħabba t-tkabbir esponenzjali tal-bejgħ online.
- Regoli differenti dwar is-sikurezza tal-prodotti fil-livell nazzjonali jistgħu joħolqu kostijiet mhux uniformi għan-negozji biex jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza tal-prodotti, u għalhekk jistgħu jikkawżaw distorsjonijiet fil-kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern.
- Sabiex jiġi żgurat livell għoli tal-protezzjoni tal-konsumaturi, l-UE trid tikkontribwixxi għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi. Jekk pajjiżi differenti jkollhom regoli differenti, il-konsumaturi ma jkunux protetti kontra prodotti perikolużi bl-istess mod madwar l-UE.
- Sabiex tkun effettiva, is-sorveljanza tas-suq trid tkun uniformi madwar l-UE. Jekk is-sorveljanza tas-suq tkun inqas b'saħħitha f'xi partijiet tal-UE, jinħolqu punti dgħajfa. Dawn jheddu l-interess pubbliku, joħolqu kundizzjonijiet kummerċjali inġusti u jhegħu l-għażla opportunistika tal-ġuriżdizzjoni ("forum shopping"¹⁸).

L-azzjoni fil-livell tal-UE dwar is-sikurezza tal-prodotti għal prodotti mhux armonizzati għandha l-valur miżjud li ġej:

- Regoli u standards komuni għas-sikurezza tal-prodotti fil-livell tal-UE jfissru li n-negozji ma għadx iridu jikkonformaw ma' settijiet eteroġeni ta' regoli nazzjonali. Dan jiġġenera benefiċċji f'termini ta' ffrankar tal-kostijiet, piż amministrattiv aktar baxx u reġim legali inqas kumpless għan-negozji. Dan jippermetti wkoll iċ-ċirkolazzjoni libera tal-merkanzija fl-UE u jippermetti kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-Istati Membri.
- Regoli komuni tal-UE jippermettu ekonomiji ta' skala fis-sorveljanza tas-suq, partikolarment importanti bl-iżvilupp esponenzjali tal-bejgħ online, li jintensifika l-bejgħ transfruntier u l-importazzjonijiet diretti minn barra l-UE. Il-kostijiet tas-

¹⁶ L-Artikolu 169 jagħmel referenza għall-Artikolu 114 biex jintlaħqu l-oġġettivi tiegħu.

¹⁷ Barra minn hekk, is-sikurezza tal-prodotti hija parti mil-livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur żgurat mill-politiki tal-UE (ara l-Artikolu 38 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea) u għalhekk hija wieħed mill-pilastru tal-politika tal-UE dwar il-protezzjoni tal-konsumatur.

¹⁸ Kummerċjanti li jipprovaw punti ta' dħul differenti lejn l-UE.

sorveljanza tas-suq huma kondiviżi wkoll permezz ta' azzjonijiet konġunti ta' sorveljanza tas-suq u l-iskambju ta' informazzjoni fost il-pajjiżi tal-UE.

- Il-funzjonament tas-suq uniku se jittejjeb permezz ta' azzjoni fil-livell tal-UE. Regoli komuni dwar is-sikurezza tal-prodotti u s-sorveljanza tas-suq madwar l-UE jiżguraw trattament aktar uniformi tan-negozji, u għalhekk se jkun inqas probabbli li jfixkel il-kundizzjonijiet ekwi fis-suq uniku tal-UE.
- L-azzjoni tal-UE tippermetti ċirkolazzjoni aktar rapida u aktar effiċjenti tal-informazzjoni, b'mod partikolari permezz tas-sistema Safety Gate/RAPEX, u b'hekk tiżgura azzjoni rapida kontra prodotti perikolużi madwar l-UE u kundizzjonijiet ekwi.
- Fil-livell internazzjonali, is-sett komuni ta' dispożizzjonijiet stabbilit skont id-DSĠP ppermetta wkoll li l-UE tkun aktar b'saħħitha fil-promozzjoni ta' livell għoli ta' sikurezza kemm b'mod bilaterali kif ukoll multilaterali, u b'hekk tiġi indirizzata ċ-ċirkolazzjoni dejjem akbar ta' oġġetti minn pajjiżi terzi permezz tal-bejgħ online.

• **Proporzjonalità**

Din il-proposta toħloq bilanċ preċiż bejn, minn naħa, l-awtonomija regolatorja tal-pajjiżi tal-UE fl-istabbiliment tal-livell ta' protezzjoni tal-konsumatur u s-sorveljanza tas-suq li jqisu meħtieġa, u, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' sikurezza tal-prodott li jridu jiġu indirizzati ċentralment. Kif enfasizzat fil-Kapitolu 7 tal-valutazzjoni tal-impatt, l-isfidi jibqgħu konsiderevoli, bi preżenza għolja ta' prodotti tal-konsumatur mhux sikuri fis-suq tal-UE. Il-kostijiet u l-piżijiet regolatorji assoċjati ma' din il-proposta nżammu limitati kemm jista' jkun. Il-kostijiet totali għan-negozji fl-EU27 fl-ewwel sena tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament huma stmati għal 0,02 % tal-fatturat tal-kumpaniji tal-UE għall-manifattura, il-bejgħ bl-ingrossa u l-bejgħ bl-imnut ta' prodotti mhux armonizzati. Il-miżuri inklużi f'din il-proposta ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jiġu solvuti l-problemi identifikati u sabiex jintlaħqu l-oġġettivi stabbiliti. Il-kostijiet previsti għall-Kummissjoni u l-Istati Membri huma kkunsidrati bħala aċċettabbli, u se jiġu kkompensati mill-iffrankar li jagħmlu n-negozji, u l-benefiċċji kemm għan-negozji, kif ukoll għall-konsumaturi u għall-Istati Membri.

• **Għażla tal-istrument**

Regolament huwa l-uniku strument xieraq biex jintlaħaq l-oġġettiv li jittejjeb l-infurzar tal-leġislazzjoni tal-UE dwar is-sikurezza tal-prodotti u l-konformità magħha, filwaqt li tiġi żgurata l-koerenza fl-implimentazzjoni tal-qafas legali tagħha. Direttiva ma tkunx tista' tilħaq l-oġġettivi b'mod suffiċjenti peress li r-restrizzjonijiet ġurisdizzjonali u l-kunflitti ġurisdizzjonali potenzjali jibqgħu jippersistu wara t-traspożizzjoni tagħha. L-għażla ta' Regolament minflok Direttiva tippermetti wkoll li jintlaħaq aħjar l-oġġettiv li tiġi żgurata l-koerenza mal-qafas leġislattiv tas-sorveljanza tas-suq għall-prodotti armonizzati, fejn l-istrument legali applikabbli jkun ukoll Regolament (ir-Regolament (UE) 2019/1020). Fl-aħħar nett, għażla bħal din tkompli tnaqqas il-piż regolatorju permezz ta' applikazzjoni konsistenti tar-regoli dwar is-sikurezza tal-prodotti madwar l-UE.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

Din il-proposta għal regolament tibni fuq l-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti, imwettqa bħala evalwazzjoni li ssir “back-to-back” mal-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-proposta. Id-DSĠP għandha objettiv doppju. Issegwi l-għan **li ttejjeb il-funzjonament tas-suq uniku**, billi tintroduċi qafas leġislattiv komuni biex jiġu evitati d-disparitajiet bejn l-Istati Membri li setgħu rriżultaw fin-nuqqas tad-dritt tal-UE. Fl-istess ħin, id-DSĠP għandha l-għan li tikseb **livell għoli ta’ protezzjoni tal-konsumatur** billi tintroduċi rekwiżit tas-sikurezza ġenerali tal-prodott u miżuri oħra. Iż-żewġ għanijiet huma interrelatati: ir-rekwiżit ta’ sikurezza armonizzata għall-prodotti għall-konsumatur previst mid-DSĠP jipprevjeni d-disparitajiet li jwasslu għall-ħolqien ta’ ostakli għall-kummerċ u d-distorsjoni tal-kundizzjonijiet ekwi fis-suq uniku.

L-evalwazzjoni kkonkludiet li r-rwol tad-DSĠP bħala l-pedament tas-sikurezza tal-konsumatur u l-funzjonament tas-suq uniku mhuwiex ikkontestat. L-objettivi tagħha jibqgħu kompletament rilevanti, u l-valur miżjud tal-UE tagħha ma jistax jiġi miċħud. Ir-rwol tad-DSĠP bħala “xibka ta’ sikurezza” jibqa’ essenzjali għall-protezzjoni tal-konsumatur, peress li jipprovdi bażi ġuridika mmirata biex tiżgura li l-ebda prodott perikoluż ma jispiċċa f’idejn il-konsumaturi. L-istabbiliment ta’ sistema ta’ twissija rapida għal prodotti perikolużi li mhumiex tal-ikel skont id-DSĠP kien ta’ suċċess. Madankollu, l-evalwazzjoni kixfet għadd ta’ fatturi li jqajmu dubji dwar kemm xi wħud mid-dispożizzjonijiet tad-DSĠP għadhom jikkontribwixxu għall-ilħuq xieraq tal-għanijiet tagħha.

L-ewwel nett, it-tkabbir **tal-kummerċ elettroniku** naqqas l-effettività tad-DSĠP. Id-DSĠP tapplika għall-prodotti kollha għall-konsumatur, irrispettivament minn jekk jinbiegħux fi ħwienet fiżiċi jew online. Madankollu, in-nuqqas ta’ dispożizzjonijiet espliċiti fid-DSĠP biex jiġu indirizzati l-ispeċifikitajiet tal-bejgħ online, b’mod partikolari d-dehra ta’ atturi ġodda fil-katina tal-provvista online, affettwa b’mod negattiv is-sikurezza tal-konsumaturi tal-UE u l-kundizzjonijiet ekwi għal negozji tal-UE konformi.

L-iżvilupp rapidu **ta’ teknoloġiji ġodda** jqajjem ukoll mistoqsijiet dwar l-ambitu ta’ xi wħud mill-kunċetti ewlenin tad-DSĠP. Id-dehra ta’ xi riskji ġodda marbuta mal-konnettività, l-applikabbiltà tad-Direttiva għall-aġġornamenti u t-tniżżil tas-software kif ukoll il-funzjonalitajiet li qed jevolvu tal-prodotti li jaħdmu bl-IA jqajmu dubju dwar jekk id-DSĠP hijiex ċara biżżejjed biex tipprovdi ċertezza legali għan-negozji u protezzjoni għall-konsumaturi.

L-evalwazzjoni identifikat ukoll nuqqas ta’ koerenza interna fil-qafas legali tal-UE, bl-eżistenza ta’ żewġ settijiet differenti ta’ regoli dwar **is-sorveljanza tas-suq** għal prodotti armonizzati u mhux armonizzati.

Fl-aħħar nett, mill-evalwazzjoni jirriżulta li jkun meħtieġ li jiġu rfinati xi wħud mid-dispożizzjonijiet biex tittejjeb l-effettività tad-DSĠP. B’mod partikolari, huma meħtieġa bidliet leġislattivi jew azzjonijiet ulterjuri biex tittejjeb l-effettività **tas-sejħiet lura tal-prodotti**. Hemm ukoll il-ħtieġa ta’ mekkaniżmu ta’ arbitraġġ tat-tilwim bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-valutazzjonijiet tar-riskju. Is-**sistema ta’ traċċabbiltà** skont id-Direttiva u **r-restrizzjonijiet tar-riżorsi tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq** jagħmluha diffiċli li tiġi kkontrollata b’mod effettiv is-sikurezza tal-prodotti, u konsegwentement dawn jeħtieġ li jiġu indirizzati biex tiġi żgurata l-protezzjoni xierqa tal-konsumaturi u l-funzjonament tas-Suq Uniku. Barra minn hekk, **id-Direttiva dwar Prodotti li Jixbhu l-Ikel (FIPD)** bħalissa

mhijiex infurzata b' mod armonizzat fost l-Istati Membri, u għalhekk hija meħtieġa soluzzjoni biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Fit-tħejjija ta' din il-proposta, il-Kummissjoni kkonsultat lill-partijiet ikkonċernati permezz ta' konsultazzjoni pubblika dwar il-valutazzjoni tal-impatt tal-bidu u l-pjan direzzjonali, konsultazzjoni pubblika miftuħa (OPC), workshops tal-partijiet ikkonċernati, kif ukoll kontribuzzjonijiet *ad hoc* u konsultazzjonijiet immirati mal-Istati Membri u ma' partijiet ikkonċernati oħra. Ir-risultati mill-attivitajiet ta' konsultazzjoni ġew inkorporati matul il-valutazzjoni tal-impatt u huma riflessi f'din il-proposta. Il-punti ewlenin imqajma matul il-konsultazzjonijiet huma dawn li ġejjin:

Preżervazzjoni tax-xibka ta' sikurezza: Ir-rispons ġenerali fost il-gruppi kollha tal-partijiet ikkonċernati kien li d-DSĠP hija biċċa leġislazzjoni utli u l-prinċipju tagħha ta' xibka ta' sikurezza jenħtieġ li jiġi ppreżervat. Madankollu, maġġoranza kbira tar-rispondenti ddikjaraw li r-regoli attwali tal-UE dwar is-sikurezza għall-prodotti għall-konsumatur li mhumiex tal-ikel koperti mid-DSĠP jistgħu jittejjbu f'oqsma speċifiċi sabiex jiproteġu aħjar lill-konsumaturi (71 % tat-tweġibiet fl-OPC).

Indirizzar tal-isfidi kkawżati minn teknoloġiji ġodda: Filwaqt li l-partijiet ikkonċernati kollha rrikonnoxxew li t-teknoloġija l-ġodda jqajmu ħafna sfidi, huma ppreżentaw approċċi diverġenti biex jindirizzawhom. Fil-konsultazzjonijiet, ir-rappreżentanti tal-konsumaturi u diversi awtoritajiet tal-Istati Membri esprimew appoġġ għall-espansjoni tad-definizzjoni ta' "sikurezza" biex jiġu inklużi aspetti ta' (ċiber)sigurtà li għandhom impatt fuq is-sikurezza. Madankollu, fil-konsultazzjoni dwar il-pjan direzzjonali/il-valutazzjoni tal-impatt tal-bidu, in-negozji orjentati lejn it-teknoloġija sabuha aktar bi tqila biex jinkludu teknoloġiji ġodda u riskji ġodda relatati magħhom fid-DSĠP. Huma jippreferu li d-DSĠP tibqa' newtrali fir-rigward tat-teknoloġija, b'riskji marbuta ma' teknoloġiji ġodda koperti f'biċċiet ta' leġislazzjoni oħra aktar speċifiċi. Madankollu, il-proposta għal regolament tinkludi aspetti bħal dawn biex jiġi żgurat li r-riskji kkawżati minn teknoloġiji ġodda jkunu fl-ambitu tax-xibka ta' sikurezza, f'każ li dawn ma jkunux koperti minn biċċiet aktar speċifiċi tal-leġislazzjoni tal-UE¹⁹.

Indirizzar ta' kwistjonijiet ta' sikurezza assoċjati ma' prodotti mibjugħa online: Il-kwistjoni tal-prodotti li jiġu direttament jew permezz ta' pjattaformi online minn barra l-UE kienet kwistjoni rikorrenti msemmija fil-konsultazzjonijiet. In-negozji u r-rappreżentanti tan-negozji enfasizzaw l-importanza li jkun hemm kundizzjonijiet ekwi u indikaw li bħalissa ħafna bejjiegħa bl-imnut tal-UE jbatu bħala riżultat ta' kompetizzjoni inġusta minn operaturi bbażati f'pajjiżi terzi. L-awtoritajiet tal-Istati Membri enfasizzaw li kien diffiċli li jiġu kkontrollati l-prodotti li ġejjin minn pajjiżi terzi u li tittieħed azzjoni ta' infurzar kontra operaturi ekonomiċi barra mill-UE. Il-fehmiet varjaw bejn il-partijiet ikkonċernati fir-rigward tal-obbligi tas-swieq online:

- Is-swieq online li pprovdew l-feedback tagħhom dwar il-pjan direzzjonali indikaw li huma jaċċettaw li xi wħud mill-obbligi skont il-Wegħda dwar is-Sikurezza tal-Prodott volontarja attwali jkunu vinkolanti, iżda ma jkunux favur obbligi ulterjuri.²⁰ Il-bejjiegħa bl-imnut argumentaw li s-swieq online għandhom rwol

¹⁹ Ara l-opinjoni tas-sottogrupp dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (IA), il-prodotti konnessi u sfidi ġodda oħra fis-sikurezza tal-prodotti għan-Network tas-Sikurezza tal-Konsumatur ta' Diċembru 2020.

²⁰ Il-feedback riċevut dwar il-pjan direzzjonali: [Id-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-prodotti – rieżami \(europa.eu\)](https://ec.europa.eu/eip/eip-directive_en)

ewlieni fil-katina tal-provvista, u għalhekk jenħtieġ li jkollhom responsabbiltajiet korrispondenti.

- Ir-rappreżentanti tal-konsumaturi u l-awtoritajiet tal-Istati Membri kienu favur it-tisħiħ tar-responsabbiltajiet fil-katina tal-provvista kollha.

Titjib tar-regoli tas-sorveljanza tas-suq u l-infurzar: Fir-rigward tas-sorveljanza tas-suq u l-infurzar, il-partijiet ikkonċernati mill-kategoriji kollha kienu favur allinjament tar-regoli tas-sorveljanza tas-suq bejn prodotti armonizzati u mhux armonizzati. Dan huwa inkluż fil-proposta. Fir-rigward tal-introduzzjoni ta' "persuna responsabbli" fid-DSĠP riveduta, il-maġġoranza l-kbira tar-rispondenti fl-OPC qiesu li l-prodotti koperti mid-DSĠP jenħtieġ li jitqiegħdu fis-suq tal-UE biss jekk ikun hemm operatur ekonomiku stabbilit fl-UE responsabbli għall-finijiet tas-sikurezza tal-prodott (70 % tar-rispondenti favur).

Reviżjoni tal-proċess ta' standardizzazzjoni: Il-maġġoranza tal-partijiet ikkonċernati kienet favur is-simplifikazzjoni tal-proċess ta' standardizzazzjoni għall-iżvilupp ta' standards ġodda skont id-DSĠP u issa skont dan ir-Regolament. Dan huwa previst f'din il-proposta.

Inklużjoni ta' prodotti li jixbhu l-ikel fil-kamp ta' applikazzjoni tad-DSĠP riveduta: Il-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati kienu favur l-inkorporazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar prodotti li jixbhu l-ikel fid-DSĠP riveduta. Il-maġġoranza l-kbira tar-rispondenti tal-OPC iddikjaraw li l-prodotti li jixbhu lill-oġġetti tal-ikel jenħtieġ li jiġu inkorporati fl-istrument legali dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti (69 % tar-rispondenti favur). Fil-konsultazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-impatt tal-bidu, ir-rispondenti ffavorixxew l-inklużjoni ta' dan l-element fil-valutazzjoni tar-riskju għas-sikurezza tal-prodott. Dan l-approċċ huwa rifless fil-proposta. Ma ġie espress l-ebda appoġġ għal projbizzjoni sħiħa ta' prodotti li jixbhu l-ikel.

Titjib tal-qafas għal sejħiet lura ta' prodotti: Il-partijiet ikkonċernati enfasizzaw ripetutament l-importanza kruċjali li l-konsumaturi affettwati jiġu kkuntattjati direttament fil-każ ta' sejħiet lura kull meta jkun possibbli, pereżempju minħabba li l-prodott ġie rreġistrat, mixtri online, jew mixtri bl-użu ta' karta ta' lealtà. Diversi partijiet ikkonċernati semmew li l-konsumaturi jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħżlu li jirċievu notifiki ta' sikurezza biss (meta jirreġistraw prodott jew jabbonaw għal skema ta' lealtà). Kien hemm ftehim wiesa' li xi elementi ewlenin u regoli bażiċi, applikabbli għall-avviżi kollha ta' sejħiet lura, jenħtieġ li jiġu standardizzati u jsiru obbligatorji, li huwa l-każ fir-regolament propost. Bosta partijiet ikkonċernati semmew il-ħtieġa li l-parteċipazzjoni fis-sejħa lura ssir inqas ta' piż u aktar attraenti għall-konsumaturi.

Titjib tat-traċċabbiltà tul il-katina tal-provvista: Il-maġġoranza l-kbira tal-partijiet ikkonċernati qablu li s-sistema ta' traċċabbiltà tal-prodotti jenħtieġ li tissaħħaħ fid-DSĠP (82 % favur fl-OPC). Barra minn hekk, ġie enfasizzat ukoll ir-rwol tas-swieq online fit-titjib tat-traċċabbiltà tal-prodotti, u r-rispondenti argumentaw b'mod partikolari li s-swieq jenħtieġ li jivverifikaw li l-informazzjoni dwar it-traċċabbiltà tkun disponibbli qabel ma jiġi elenkat prodott.

Indirizzar ta' prodotti ffalsifikati: L-organizzazzjonijiet tas-sidien tal-marki enfasizzaw li d-DSĠP jenħtieġ li tiġi emendata biex tindirizza prodotti ffalsifikati mhux sikuri. Din il-kwistjoni tqieset kif xieraq iżda ma ġietx inkluża f'din il-proposta, peress li l-prodotti ffalsifikati diġà huma indirizzati mil-leġiżlazzjoni tal-UE, u prodotti mhux sikuri huma koperti fid-DSĠP u f'din il-proposta irrispettivament mill-awtentiċità tagħhom. Minkejja li l-prodotti ffalsifikati jistgħu joħlqu riskji għas-sikurezza, is-sikurezza ta' prodott partikolari trid tiġi analizzata abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju.

- **Ġbir u użu ta' għarfien espert**

Il-passi preparatorji għal din il-proposta huma bbażati fuq pariri esperti u fuq għadd ta' studji. Dan jinkludi studji b'enfażi fuq l-implimentazzjoni tad-DSĠP, b'appoġġ għall-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tal-impatt, kif ukoll fuq l-effettività tas-sejnhiet lura ta' prodotti.

Il-Kummissjoni għabret ukoll għarfien espert u fehmiet permezz ta' konsultazzjonijiet immirati u attivitajiet ta' involviment, inkluż sensiela ta' workshops, konferenzi, intervisti ma' esperti u awtoritajiet, u l-opinjoni tas-sottogrupp tan-Network tas-Sikurezza tal-Konsumatur dwar l-intelliġenza artifiċjali, prodotti konnessi u sfidi ġodda oħra dwar is-sikurezza tal-prodotti. Il-Kummissjoni organizzat diversi laqgħat bilaterali u wettqet analiżi ta' dokumenti ta' pożizzjoni *ad hoc* minn organizzazzjonijiet tal-konsumatur, rappreżentanti tal-industrija u akkademiċi.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta hija appoġġata minn rapport tal-valutazzjoni tal-impatt (SWD (2021) 169, SWD (2021) 168). Ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt ġie skrutinizzat mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju u rċieva opinjoni pożittiva (SEC 280 (avis du RSB))

Fil-kuntest ta' din l-inizjattiva, il-Kummissjoni eżaminat diversi alternattivi ta' politika kif ippreżentati fir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt. Il-firxa ta' alternattivi ta' politika analizzati kienet tinkludi kemm azzjonijiet mhux leġiżlattivi kif ukoll leġiżlattivi biex jiġu indirizzati l-oġettivi speċifiċi differenti kif ippreżentati fir-rapport: (i) li jiġi żgurat li l-qafas legali tal-UE jipprovdi regoli ta' sikurezza ġenerali għall-prodotti u r-riskji kollha għall-konsumatur, inklużi l-prodotti u r-riskji marbuta ma' teknoloġiji ġodda; (ii) li jiġu indirizzati l-isfidi tas-sikurezza tal-prodotti fil-mezzi tal-bejgħ online; (iii) li s-sejnhiet lura tal-prodotti jsiru aktar effettivi u effiċjenti biex il-prodotti mhux sikuri jinżammu 'l bogħod mill-konsumaturi; (iv) it-tiħiħ tas-sorveljanza tas-suq u l-iżgurar ta' allinjament aħjar tar-regoli għall-prodotti għall-konsumatur armonizzati u mhux armonizzati; u fl-aħħar nett (v) li jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' sikurezza relatati ma' prodotti li jixbhu l-ikel.

Ġew ivvalutati għadd ta' għażliet. L-ewwel nett, il-Kummissjoni qieset kif tista' twieġeb għall-oġettivi speċifiċi mingħajr ma tirrevedi d-DSĠP (Għażla 1). Ġew ikkunsidrati diversi miżuri mhux leġiżlattivi, b'mod partikolari: (i) il-ħruġ ta' dokumenti ta' gwida dwar l-applikabbiltà tad-DSĠP għal teknoloġiji ġodda u dwar sejnhiet lura u; (ii) l-esplorazzjoni tal-espansjoni tal-miżuri volontarji taħt il-Wegħda dwar is-Sikurezza tal-Prodott għall-bejgħ online. Madankollu, il-konsultazzjonijiet differenti wrew li tali miżuri mhux legalment vinkolanti ma jindirizzawx in-nuqqasijiet identifikati.

Il-Kummissjoni qieset diversi għażliet leġiżlattivi biex tindirizza l-oġettivi speċifiċi: reviżjoni leġiżlattiva mmirata tad-DSĠP (Għażla 2) li tiffoka fuq għadd limitat ta' bidliet u reviżjoni sħiħa tad-DSĠP li tipproponi azzjoni komprensiva dwar l-oġettivi kollha (Għażla 3). Il-valutazzjoni tal-impatt turi li l-Għażla 3, li hija aktar ambizzjuża mill-Għażla 2, tindirizza aħjar ukoll in-nuqqasijiet identifikati u tissodisfa aħjar l-oġettivi speċifiċi li għandhom jiġu indirizzati, filwaqt li żżomm l-impatti ekonomiċi limitati. L-Għażla 4 qieset integrazzjoni sħiħa tal-istrumenti tas-sorveljanza tas-suq, kif propost fil-pakkett dwar is-sikurezza tal-prodotti u s-sorveljanza tas-suq tal-2013, biex jiġi analizzat jekk din l-għażla tkunx għadha valida wara l-adozzjoni reċenti tar-Regolament (UE) 2019/1020. Il-valutazzjoni tal-impatt uriet li l-Għażla 4, għalkemm simili fis-sustanza għall-Għażla 3, tista' tiġġenera kostijiet oġhla għan-negozji tal-UE. Għalhekk, il-Kummissjoni għażlet l-Għażla 3 (reviżjoni sħiħa tad-DSĠP inkluż bidla għal regolament) bħala l-aħjar għażla ta' politika għall-proposta attwali

peress li tindirizza bl-aħjar mod l-oġġettivi tal-politika filwaqt li tillimita l-kostijiet għan-negozji u għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

Ġew ikkunsidrati wkoll għażliet differenti fir-rigward tas-sikurezza tal-prodotti li jixbhu l-ikel. Dawn kienu: (i) li jinżamm reġim separat għal dawn il-prodotti skont direttiva separata (li tirrevedi d-Direttiva 87/357/KEE); (ii) li jiġu integrati d-dispożizzjonijiet speċifiċi tad-Direttiva 87/357/KEE attwali fid-DSĠP l-għdida b'reġim legali speċifiku; (iii) li jiġu abbandunati dispożizzjonijiet immirati dwar prodotti li jixbhu l-ikel u minflok jintużaw id-dispożizzjonijiet ġenerali biex tiġi żgurata s-sikurezza ta' tali prodotti abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju każ b'każ. Għall-ewwel żewġ għażliet, il-Kummissjoni qieset ukoll l-iżvilupp ta' gwida biex tingħeleb il-kwistjoni ta' interpretazzjoni differenti mill-Istati Membri; madankollu, il-konsultazzjoni mal-Istati Membri wriet li d-diverġenzi fl-interpretazzjoni tad-Direttiva dwar il-Prodotti li Jixbhu l-Ikel tant kienu kbar li kienet meħtieġa reviżjoni legali tar-regoli biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħha. Il-Kummissjoni għażlet bħala l-aħjar għażla ta' politika li twaqqaf ir-reġim speċifiku għall-prodotti li jixbhu l-ikel u li tivvaluta s-sikurezza tagħhom skont l-istess prinċipji ta' valutazzjoni tar-riskju bħal dawk għall-prodotti għall-konsumatur mhux armonizzati l-oħrajn (l-aspett li jixbhu l-ikel jitqies fil-valutazzjoni tar-riskju tal-prodott partikolari).

L-għażla ppreferuta, li tinkludi: a) kjarifika dwar kif din il-leġislazzjoni tapplika għar-riskji kkawżati minn teknoloġiji ġodda u l-bejgħ online, b) dispożizzjonijiet li jsaħħu l-effettività tas-sejħiet lura tal-prodotti, c) allinjament mar-regoli armonizzati tas-sorveljanza tas-suq u li jiżguraw responsabbiltajiet aħjar relatati mas-sikurezza tal-prodotti tal-operaturi ekonomiċi u tas-swieq online, d) is-simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' standardizzazzjoni u e) l-integrazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Prodotti li Jixbhu l-Ikel, hija mistennija li jkollha l-impatti li ġejjin:

Dwar l-impatti ekonomiċi, l-għażla ppreferuta hija mistennija li twassal għal benefiċċji kbar għall-konsumaturi u għas-soċjetà. Id-detriment stmat għall-konsumatur jenħtieġ li jonqos b'madwar EUR 1,0 biljun fl-ewwel sena tal-implimentazzjoni tal-għażla ppreferuta u b'madwar EUR 5,5 biljun matul id-deċennju li jmiss. Din l-għażla jenħtieġ li tnaqqas ukoll id-detriment għall-konsumatur relatat ma' sejħiet lura mhux effettivi b'aktar minn EUR 400 miljun fis-sena. Barra minn hekk, billi jitnaqqas l-għadd ta' prodotti mhux sikuri, il-miżuri proposti jenħtieġ li jnaqqsu wkoll id-detriment attwali mġarrab mill-konsumaturi u mis-soċjetà tal-UE minħabba inċidenti relatati mal-prodotti li jistgħu jiġu evitati (stmat illum għal EUR 11,5 biljun fis-sena) u l-kost kurrenti tal-kura tas-saħħa għal korrimenti relatati mal-prodotti (stima kurrenti ta' EUR 6,7 biljun fis-sena). L-impatt preċiż ma setax jiġi kkwantifikat minħabba nuqqas ta' *data* dwar il-korriment biex jiġu stmati x-xejriet. L-iffrankar stmat tal-kostijiet ikkawżat mit-tnaqqis tad-differenzi fl-implimentazzjoni nazzjonali u l-frammentazzjoni legali huwa stmat għal EUR 59 miljun fis-sena għan-negozji u EUR 0,7 miljun fis-sena għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

Il-kostijiet totali għan-negozji fl-UE (attivi fil-manifattura, fil-bejgħ bl-ingrossa u fil-bejgħ bl-imnut ta' prodotti mhux armonizzati) huma stmati għal EUR 196,6 miljun, ekwivalenti għal 0,02 % tal-fatturat tagħhom fl-ewwel sena tal-implimentazzjoni. Fis-snin ta' wara, il-kostijiet rikorrenti jammontaw għal EUR 177,8 miljun għan-negozji tal-UE. Dawn il-kostijiet huma marbuta maż-żieda fl-obbligi għan-negozji prinċipalment għall-bejgħ online, il-bejgħ ta' prodotti teknoloġiċi ġodda u s-sejħiet lura ta' prodotti mhux sikuri, u mal-allinjament tar-regoli tas-sorveljanza tas-suq ma' dawk għall-prodotti armonizzati. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fl-Istati Membri jiffaċċjaw kostijiet rikorrenti addizzjonali totali skont din il-proposta ta' madwar EUR 6,7 miljun fis-sena minħabba s-setgħat akbar tagħhom fis-

sorveljanza tas-suq ta' prodotti mhux sikuri, u kostijiet ta' darba għall-adattament u l-implimentazzjoni li huma moderati biss relattivament.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Din il-proposta tipprevedi r-reviżjoni ta' żewġ strumenti leġiżlattivi eżistenti: id-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti u d-Direttiva dwar il-Prodotti li Jixbhu l-Ikel. Biex tissimplifika l-leġiżlazzjoni, il-Kummissjoni tipproponi li tħassar id-Direttiva dwar il-Prodotti li Jixbhu l-Ikel u li tivvaluta s-sikurezza tal-prodotti li jixbhu l-ikel skont il-proposta attwali għal regolament ġdid dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti.

Il-Kummissjoni identifikat ukoll diversi oqsma fejn il-piż amministrattiv u l-kostijiet relatati jistgħu jitnaqqsu.

L-ewwel nett, din il-proposta tnaqqas il-kostijiet u l-piżijiet regolatorji għan-negozji, peress li l-kjarifiki legalment vinkolanti u l-għażla ta' regolament bħala strument se jnaqqsu l-inċertezza regolatorja u jiżguraw implimentazzjoni aktar uniformi tal-leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza tal-prodotti meta mqabbla mal-lum skont id-DSĠP. Barra minn hekk, l-allinjament tar-rekwiżiti ġenerali tas-sorveljanza tas-suq u tas-sikurezza għal prodotti armonizzati u mhux armonizzati se jnaqqas id-differenzi fl-implimentazzjoni u jtejjeb it-traċċabbiltà tal-katina tal-provvista. It-tnaqqis fil-kostijiet se jsejnh għan-negozji kollha, u b'mod partikolari għat-42 % tan-negozji li rrapportaw kostijiet addizzjonali relatati mal-implimentazzjoni mhux uniformi tad-DSĠP. L-iffrankar tal-kostijiet għan-negozji permezz ta' implimentazzjoni aktar armonizzata huwa stmat għal madwar EUR 59 miljun fis-sena (EUR 34 miljun iffrankati mill-SMEs tal-UE u EUR 26 miljun iffrankati minn negozji kbar tal-UE rispettivament).

It-tieni, din il-proposta se ġġib titjib fl-effiċjenza fis-sorveljanza tas-suq u fl-infurzar lill-Istati Membri. Dan huwa dovut għall-allinjament tad-dispożizzjonijiet tas-sorveljanza tas-suq bejn prodotti armonizzati u mhux armonizzati, setgħat ta' infurzar aktar allinjati, effett ta' deterrent akbar u mekkaniżmu ta' arbitraġġ ġdid. Għalhekk, din il-proposta ġġib tnaqqis fil-kostijiet għall-awtoritajiet kollha tas-sorveljanza tas-suq fl-Istati Membri, u b'mod partikolari għas-16 % minnhom li rrapportaw kostijiet addizzjonali relatati minħabba l-oqfsa legali differenti bejn prodotti armonizzati u mhux armonizzati. Dan l-iffrankar tal-kostijiet għall-Istati Membri huwa stmat għal EUR 0,7 miljun fis-sena madwar l-UE.

Fl-aħħar nett, is-simplifikazzjoni proposta tal-proċess ta' standardizzazzjoni se tnaqqas il-piż amministrattiv għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni. Tali simplifikazzjoni tal-proċess tal-istandardizzazzjoni tal-UE se taċċellera l-ħidma ta' standardizzazzjoni u b'hekk iżżid iċ-ċertezza legali u tgħin lill-kumpaniji jikkonformaw mar-rekwiżit tas-sikurezza ġenerali tal-prodotti.

Din il-proposta ma teżenta lill-mikrointrapriżi u lill-SMEs minn ebda wieħed mill-obbligi. Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sikurezza tal-prodotti ma tippermettix reġimi "eħfef" għall-SMEs peress li kwalunkwe prodott għall-konsumatur irid ikun sikur irrispettivament mill-karatteristiċi tal-katina tal-provvista tiegħu sabiex jintlaħaq l-oġettiv ġenerali tas-sikurezza tal-prodotti u tal-protezzjoni tal-konsumatur. Il-Kummissjoni tistma l-kostijiet totali tal-konformità ta' din il-proposta għall-SMEs tal-UE għal EUR 111,1 miljun (kostijiet ta' darba u rikorrenti) fl-ewwel sena tal-implimentazzjoni. Fis-snin sussegwenti, il-kostijiet rikorrenti jammontaw għal madwar EUR 100 miljun għall-SMEs tal-UE. L-iffrankar stmat ikkawżat minn differenzi mnaqqsa fl-implimentazzjoni nazzjonali u l-frammentazzjoni legali jammonta għal EUR 34 miljun għall-SMEs tal-UE.

Din il-proposta se jkollha implikazzjonijiet prattiċi kemm fuq l-operaturi ekonomiċi li jittrattaw prodotti koperti mid-DSĠP kif ukoll fuq l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fl-Istati Membri.

In-negozji se jkollhom jikkonformaw ma' rekwiżiti addizzjonali dwar it-traċċabbiltà u t-trasparenza. Se japplikaw rekwiżiti addizzjonali dwar is-sejħiet lura għan-negozji li fil-fatt ikunu daħħlu prodotti mhux sikuri fis-suq. Is-swieq online se jkollhom jiżguraw ukoll li jistabbilixxu mekkaniżmi interni biex jikkonformaw mal-obbligi l-ġodda tagħhom relatati mas-sikurezza tal-prodotti. Barra minn hekk, il-kumpaniji li jbigħu fis-suq uniku minn barra l-UE se jkollhom jistabbilixxu arranġamenti biex jiżguraw li l-prodotti mibjugħa fl-UE jkollhom operatur ekonomiku responsabbli.

L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri jistgħu jeħtieġu rizersi addizzjonali biex ilaħħqu mat-twessigħ tar-responsabbiltajiet tas-sorveljanza tas-suq u mal-kompetenzi l-ġodda li jingħataw. Pereżempju, l-għodod il-ġodda għas-sorveljanza tas-suq online jwessgħu l-possibiltajiet għall-awtoritajiet nazzjonali u jistgħu jeħtieġu rizersi u ħilet addizzjonali. Madankollu, peress li dawn is-setgħat il-ġodda jiġu allinjati fil-biċċa l-kbira mad-dispożizzjonijiet eżistenti dwar is-sorveljanza tas-suq applikabbli għall-prodotti armonizzati skont ir-Regolament (UE) 2019/1020, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq spiss ikunu familjari magħhom, b'mod partikolari f'dawk l-Istati Membri fejn l-istess awtoritajiet nazzjonali tas-sorveljanza tas-suq diġà jittrattaw kemm prodotti armonizzati kif ukoll mhux armonizzati. Għalhekk, l-implikazzjonijiet prattiċi għall-Istati Membri huma pjuttost sinerġiji aħjar u użu aħjar tal-istrutturi u r-rizersi eżistenti milli ħtiġijiet addizzjonali ġodda. Il-kopertura estiża tar-riskji minn teknoloġiji ġodda (eż. riskji taċ-ċibersigurtà li għandhom impatt fuq is-sikurezza) tkun mistennija li żżid il-ħtieġa għal persunal professjonali u għarfien espert estern fl-Istati Membri biex tiġi vverifikata s-sikurezza ta' prodotti teknoloġiċi ġodda.

L-aktar setturi tan-negozju affettwati jkunu l-bejgħ u l-produtturi online f'xi setturi teknoloġiċi ġodda. Madankollu, bis-saħħa tar-rekwiżiti armonizzati tal-UE dan jenħtieġ li ma jkollux impatt kbir fuq il-kompetittività tagħhom.

Din il-proposta topera b'mod effettiv kemm fid-dinja diġitali kif ukoll f'dik fiżika u tqis l-iżviluppi diġitali, b'mod partikolari l-iżvilupp tal-bejgħ online u ta' prodotti teknoloġiċi ġodda. L-indirizzar tal-isfidi diġitali għas-sikurezza tal-prodotti huwa wieħed mill-oġettivi ewlenin ta' din il-proposta. Din ittejjeb ir-regoli tas-sorveljanza tas-suq għall-bejgħ online u tistabbilixxi obbligi tas-sikurezza tal-prodotti għas-swieq online u għall-bejgiegħa online biex ittejjeb is-sikurezza tal-prodotti mibjugħa online. Din il-proposta tindirizza wkoll riskji ġodda għas-sikurezza li jirriżultaw minn teknoloġiji ġodda u tiċċara l-applikazzjoni tar-regoli dwar is-sikurezza tal-prodotti għas-software. Din il-proposta hija konsistenti bis-sħiħ mal-politiki diġitali tal-UE fis-seħħ u b'mod partikolari mal-proposta għall-Att dwar is-Servizzi Diġitali u mal-ħidma leġiżlattiva dwar l-intelliġenza artifiċjali u l-internet tal-oġġetti. Din l-inizjattiva hija appoġġata minn soluzzjonijiet eżistenti tal-ICT, jiġifieri s-sistema ta' twissija rapida tal-UE għal prodotti perikolużi li mhumiex tal-ikel ("Safety Gate") u l-Business Gateway relatat.

• **Drittijiet fundamentali**

Din il-proposta għandha l-għan li ssaħħaħ il-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi Ewropej u tippromwovi d-dritt tagħhom għall-informazzjoni. Bis-saħħa ta' obbligi aktar ċari u infurzar aħjar tas-sikurezza tal-prodotti, din il-proposta hija mistennija li jkollha impatt pożittiv fuq il-protezzjoni tal-konsumatur u protezzjoni ambjentali u tiżgura livell oġġettiv tagħhom, f'konformità mal-Artikoli 37 u 38 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Il-proposta timponi rekwiżiti addizzjonali fuq in-negozji li huma meħtieġa biex jiġi segwit l-interess ġenerali tal-UE li tizzied il-protezzjoni tal-konsumatur. Il-kostijiet tal-konformità li jirriżultaw huma stmati li jkunu komparattivament baxxi meta mqabbla mal-fatturat tan-

negozji. Fil-fatt, dawn ir-rekwiżiti ma jaffettwawx il-libertà fundamentali tal-impriża u l-proporzjonalità tagħha skont l-Artikolu 52 tal-Karta.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ir-regolament propost jirrikjedi li l-Kummissjoni tappoġġa u tiffaċilita l-kooperazzjoni tal-awtoritajiet tal-infurzar tas-sorveljanza tas-suq, inklużi attivitajiet ikkoordinati ta' sorveljanza tas-suq, il-mekkaniżmu l-ġdid ta' arbitraġġ u r-rieżamijiet bejn il-pari. Barra minn hekk, din il-proposta tippermetti kooperazzjoni msaħħa u skambju ta' informazzjoni mas-sħab internazzjonali tal-UE fil-qasam tas-sikurezza tal-prodotti. Fl-aħħar nett, din il-proposta tipprevedi l-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni u ta' atti delegati (relatati mat-traċċabbiltà u mas-sejthiet lura) u attività ta' standardizzazzjoni oġġla possibbli permezz ta' proċedura ta' standardizzazzjoni simplifikata. Dan se jwassal għal ammont ta' xogħol addizzjonali għall-Kummissjoni, smat għal erba' uffiċjali addizzjonali full-time (tliet amministraturi u assistent wieħed). Dawn ir-riżorsi se jinkisbu permezz tar-ridistribuzzjoni u l-iffukar mill-ġdid tal-kompiti tal-persunal attwali.

Il-Kummissjoni se tiffinanzja wkoll interfaċċi elettroniċi, jiġifieri l-paġna web tas-Safety Gate, il-portal tas-Safety Gate (li jipprovi notifiki ta' prodotti perikolużi) u s-Safety Business Gateway li tiġbor notifiki mill-operaturi ekonomiċi lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

Kostijiet addizzjonali għal dawn l-attivitajiet ta' koordinazzjoni u interfaċċi elettroniċi jistgħu jiġu koperti mill-programm għas-suq uniku skont il-qafas finanzjarju pluriennali attwali 2021-2027. Possibbiltajiet ta' finanzjament simili jistgħu jiġu inklużi wkoll skont il-programmi suċċessuri taħt oqfsa finanzjarji pluriennali futuri. Id-dettalji huma stabbiliti fid-dikjarazzjoni finanzjarja mehmuża ma' din il-proposta.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-ewalwazzjoni u r-rapportar**

L-implimentazzjoni tal-proposta se tkun akkumpanjata minn monitoraġġ ibbażat fuq indikaturi ewlenin ta' infurzar predefiniti. Il-Kummissjoni qed twettaq studju biex tiddefinixxi sett komuni ta' indikaturi ta' infurzar fattibbli u rilevanti fil-qasam tas-sikurezza tal-prodotti, li għandu jintlaħaq qbil dwarhom mal-Istati Membri.

Minbarra l-monitoraġġ u r-rapportar regolari, hija proposta ewalwazzjoni tal-effettività, tal-effiċjenza, tar-rilevanza, tal-koerenza u tal-valur miżjud tal-UE ta' dan l-intervent leġiżlattiv wara ħames snin ta' implimentazzjoni mill-Istati Membri.

Il-Kummissjoni se tappoġġa l-implimentazzjoni tal-proposta permezz ta' azzjonijiet ta' koordinazzjoni, kemm fil-kuntest tan-Network tas-Sikurezza tal-Konsumatur (segwitu tal-implimentazzjoni, skambju tal-aħjar Prattiki bejn l-Istati Membri, eċċ.) kif ukoll l-attivitajiet koordinati tas-sorveljanza tas-suq (CASPs).

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Ir-regolament propost jikkonsisti minn 11-il kapitolu li jinkludu 47 artikolu.

Kapitolu I – Dispożizzjonijiet ġenerali

Dan il-kapitolu jistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni u t-termini ewlenin użati fir-regolament propost. Dan jipprovi "xibka ta' sikurezza" għall-prodotti kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu billi jistabbilixxi rekwiżiti biex tiġi żgurata s-sikurezza tal-prodotti għall-konsumatur u għalhekk is-sikurezza tal-konsumaturi. Dan jipprovi regoli dwar l-

applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal-leġiżlazzjoni mhux armonizzata. Dan jaġġorna d-definizzjonijiet użati fid-Direttiva 2001/95/KE, b'mod partikolari biex jitqies il-kamp ta' applikazzjoni differenti tad-definizzjoni ta' prodott, u jintroduċi definizzjoni speċifika ta' "suq online"

Kapitolu II – Rekwiżiti tas-sikurezza

Dan jintroduċi r-rekwiżit tas-sikurezza ġenerali, jikkonferma l-importanza tal-istandards ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-UE bħala li jipprovdu preżunzjoni tas-sikurezza u jaġġorna aspetti għall-valutazzjoni tas-sikurezza tal-prodotti biex jitqiesu l-prodotti li jixbhu l-ikel fl-evalwazzjoni tar-riskju, wara t-tħassir tad-Direttiva 87/357/KEE. Aspetti ġodda għall-valutazzjoni tas-sikurezza tal-prodotti jinkludu wkoll ir-riskji possibbli relatati mal-prodotti bbażati fuq teknoloġiji ġodda.

Kapitolu III – Obbligi tal-operaturi ekonomiċi

Taqsim 1

Din it-Taqsim 1 tistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi ħliet dawk l-operaturi ekonomiċi li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1020. Dan sabiex jiġi evitat li l-obbligi li jinsabu f'dan il-Kapitolu jistgħu jkunu f'kunflitt ma' obbligi simili li jinsabu fil-leġiżlazzjoni armonizzata. Minbarra l-obbligi aktar ġenerali tal-operaturi ekonomiċi biex jiżguraw is-sikurezza tal-prodotti, din tintroduċi l-kunċett ta' modifika sostanzjali, f'liema każ ir-responsabbiltà għas-sikurezza tal-prodott tgħaddi għand il-persuna li tagħmel il-modifika. Barra minn hekk, din testendi l-kunċett ta' persuna responsabbli fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/1020 għal prodotti mhux armonizzati. Din hija kundizzjoni meħtieġa biex il-prodotti jsiru disponibbli fis-suq u biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet tal-importazzjonijiet diretti minn pajjiżi terzi. Dan il-kapitolu fih ukoll id-dispożizzjonijiet bażiċi dwar it-traċċabbiltà, meħuda l-aktar mid-Deċizzjoni 768/2008/KE, u l-possibbiltà, fil-każ ta' prodotti suxxettibbli li joħolqu riskju serju għas-saħħa u s-sikurezza tan-nies, li tiġi adottata sistema aktar stretta ta' traċċabbiltà, li għandha tiġi adottata permezz ta' att delegat.

Taqsim 2

F'din it-Taqsim 2 nsibu l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi li huma applikabbli wkoll għall-operaturi ekonomiċi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1020. Dawn huma obbligi li ma għandhomx korrispondenza fis-setturi armonizzati u għalhekk l-applikabbiltà tagħhom ukoll għal dan is-settur ma toħloqx kunflitt. Din tikkonċerna l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi f'każ ta' bejgħ mill-bogħod u f'każ ta' inċidenti bi prodott.

Kapitolu IV – Swieq online

Dan il-kapitolu jeżamina r-rwol li għandhom is-swieq online u jistabbilixxi obbligi speċifiċi applikabbli għalihom.

Kapitolu V – Sorveljanza tas-suq u implimentazzjoni

Dan il-kapitolu jadotta u jadatta l-Kapitolu IV, V u VI kollha tar-Regolament (UE) 2019/1020 dwar is-sorveljanza tas-suq. L-għan huwa li jinħoloq, kemm jista' jkun, reġim uniku kemm għall-prodotti armonizzati kif ukoll għal dawk mhux armonizzati.

Kapitolu VI – Sistema ta' twissija rapida Safety Gate

Dan il-kapitolu jistabbilixxi l-prinċipju għall-iskambju ta' informazzjoni fil-każ ta' prodott perikoluż u jibdel l-isem tas-sistema RAPEX għal Safety Gate, filwaqt li jżomm l-istess karatteristiċi tas-sistema. Il-proposta żżid skadenzi aktar speċifiċi. Ir-relazzjoni bejn Safety Gate u s-Sistema ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni għas-Sorveljanza tas-suq (ICSMS) issir

aktar ċara; il-kapitolu jiċċara wkoll li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jafdaw il-kompitu ta' uffiċjal uniku ta' kollegament lill-punt ta' kuntatt nazzjonali tas-Safety Gate.

Kapitolu VII – Rwol tal-Kummissjoni u koordinazzjoni tal-infurzar

Dan il-kapitolu jipprovdi l-possibbiltà li l-Kummissjoni tadotta miżuri, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, f'każ ta' riskju serju li ma jistax jiġi kkontrollat b'mod sodisfaċenti permezz ta' miżuri meħuda mill-Istat(i) Membru/i kkonċernat(i) jew permezz ta' kwalunkwe proċedura oħra skont il-leġiżlazzjoni tal-UE. Din il-possibbiltà diġà teżisti fid-DSĠP: ir-regolament propost jagħmel il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu aktar preċiż. Il-Kapitolu V jintroduċi wkoll mekkaniżmu ta' arbitraġġ volontarju fejn l-Istati Membri jistgħu jippreżentaw lill-Kummissjoni mistoqsijiet dwar l-identifikazzjoni jew il-livell ta' riskju marbut ma' prodott f'każ ta' valutazzjonijiet tar-riskju diverġenti. Dan se jagħmilha possibbli li tittieħed azzjoni aktar uniformi fil-livell tal-UE kontra prodotti perikolużi.

Kapitolu VIII – Dritt għall-informazzjoni u għal rimedju

Dan il-kapitolu jipprovdi dispożizzjonijiet dwar l-informazzjoni għall-konsumaturi. Dan jikkonferma l-obbligu għall-Kummissjoni u għall-Istati Membri li jagħmlu disponibbli għall-konsumaturi informazzjoni relatata mar-riskji għas-saħħa u s-sikurezza kkawżati mill-prodotti. Jistabbilixxi wkoll l-obbligu għall-Istati Membri li jagħtu lill-konsumaturi l-opportunità li jippreżentaw ilmenti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Dan jikkonferma u jkompli jsaħħaħ l-ambitu tal-portal web Safety Gate, li diġà jeżisti, filwaqt li jżid taqsima ġdida fejn il-konsumaturi jistgħu jikkonsultaw twissijiet u sejħiet lura maħruġa direttament mill-operaturi ekonomiċi. Fir-rigward tas-sejħiet lura, id-dispożizzjonijiet il-ġodda jippruvaw itejbu l-effettività tagħhom, u b'hekk jiżguraw forniment aktar komplut u mifruż ta' informazzjoni għall-konsumaturi, kif ukoll sistema mtejba ta' rimedji disponibbli għall-konsumaturi.

Kapitolu IX – Kooperazzjoni internazzjonali

Dan il-Kapitolu jipprovdi l-bażi ġuridika għall-Kummissjoni biex tistabbilixxi forom ta' kooperazzjoni biex titjeb is-sikurezza tal-prodotti. Dawn jinkludu azzjonijiet komuni ta' infurzar, appoġġ tekniku, skambju ta' uffiċjali, u skambju ta' informazzjoni dwar prodotti perikolużi u b'mod partikolari informazzjoni li tinsab fis-Safety Gate. F'dan ir-rigward, id-dispożizzjoni tippermetti parteċipazzjoni sħiħa fis-Safety Gate jew skambju ta' informazzjoni magħżula.

Kapitolu X – Dispożizzjonijiet finanzjarji

Ir-Regolament propost jipprevedi l-finanzjament mill-Kummissjoni ta' attivitajiet fil-kwistjonijiet kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu.

Ir-Regolament propost jinkludi klawżoli ġenerali dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE.

Kapitolu XI – Dispożizzjonijiet finali

Dan il-kapitolu jipprevedi b'mod partikolari sistema ta' penali: filwaqt li jirrikonoxxi li l-istabbiliment ta' penali huwa kompetenza nazzjonali, huwa jistabbilixxi prinċipju gwida għall-penali, b'mod partikolari kriterji għall-istabbiliment ta' penali, it-tipi ta' ksur li għandhom jiġu penalizzati, kriterji dwar il-limiti massimi, kif ukoll il-possibbiltà li jiġu imposti pagamenti perjodiċi ta' penali.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/357/KEE u d-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²¹,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²² tistabbilixxi r-rekwiżit li l-prodotti għall-konsumatur iridu jkunu sikuri u li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri jridu jaġixxu kontra prodotti perikolużi kif ukoll jiskambjaw informazzjoni għal dan il-għan permezz tas-“Sistema tal-Unjoni ta' Skambju Rapidu tal-Informazzjoni”, RAPEX.
- (2) Jeħtieġ li d-Direttiva 2001/95/KE tiġi riveduta u aġġornata fid-dawl tal-iżviluppi relatati ma' teknoloġiji ġodda u mal-bejgħ online, biex tiġi żgurata l-konsistenza mal-iżviluppi fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni u fil-leġiżlazzjoni dwar l-istandardizzazzjoni, biex jiġi żgurat funzjonament aħjar tas-sejħa lura tal-prodotti kif ukoll biex jiġi żgurat qafas aktar ċar għall-prodotti li jixbhu l-ikel li s'issa huma regolati mid-Direttiva tal-Kunsill 87/357/KEE²³. Fl-interess taċ-ċarezza, id-Direttiva 2001/95/KE, kif ukoll id-Direttiva 87/357/KEE, jenħtieġ li jitħassru u jiġu sostitwiti b'dan ir-Regolament.

²¹ .GUC , , p. .

²² Id-Direttiva Nru 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (ĠUL 11, 15.1.2002, p. 4).

²³ Id-Direttiva tal-Kunsill 87/357/KEE tal-25 ta' Ġunju 1987 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar prodotti li, minħabba li jidhru li jkunu xi ħaġa oħra milli fil-fatt ikunu, jipperikolaw is-saħħa jew s-sigurtà tal-konsumaturi (ĠUL 192, 11.7. 1987, p. 49).

- (3) Regolament huwa l-istrument legali xieraq peress li dan jimponi regoli ċari u dettaljati li ma jagħtux lok għal traspożizzjoni diverġenti bejn l-Istati Membri. L-għażla ta' Regolament minflok Direttiva tippermetti wkoll li jintlaħaq aħjar l-objettiv li tiġi żgurata l-koerenza mal-qafas leġiżlattiv tas-sorveljanza tas-suq għal prodotti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2019/1020, fejn l-istrument legali applikabbli huwa wkoll tal-istess tip, jiġifieri r-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁴. Fl-aħħar nett, għażla bħal din tkompli tnaqqas il-piż regolatorju permezz ta' applikazzjoni konsistenti tar-regoli dwar is-sikurezza tal-prodotti madwar l-Unjoni.
- (4) L-għan ta' dan l-istrument huwa li jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi msemmija fl-Artikolu 169 tat-Trattat. B'mod partikolari, jenħtieġ li jkollu l-għan li jiżgura s-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi u l-funzjonament tas-suq intern fir-rigward tal-prodotti maħsuba għall-konsumaturi.
- (5) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkollu l-għan li jipproteġi lill-konsumaturi u s-sikurezza tagħhom bħala wieħed mill-prinċipji fundamentali tal-qafas legali tal-UE, stabbilit fil-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-UE. Prodotti perikolużi jista' jkollhom konsegwenzi negattivi ħafna fuq il-konsumaturi u ċ-ċittadini. Il-konsumaturi kollha, inkluż dawk l-aktar vulnerabbli, bħat-tfal, l-anzjani jew il-persuni b'diżabilità, għandhom id-dritt għal prodotti sikuri. Il-konsumaturi jenħtieġ li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom mezzi suffiċjenti biex jinfurzaw dawn id-drittijiet, u l-Istati Membri għandu jkollhom strumenti u miżuri adegwati għad-dispożizzjoni tagħhom biex jinfurzaw dan ir-Regolament.
- (6) Minkejja l-iżvilupp ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni speċifika għas-settur li tindirizza l-aspetti tas-sikurezza ta' prodotti speċifiċi jew kategoriji tal-prodotti, huwa prattikament impossibbli li tiġi adottata leġiżlazzjoni tal-Unjoni għal kull prodott għall-konsumatur li jeżisti jew li jista' jiġi żviluppat. Għaldaqstant hemm bżonn ta' qafas leġiżlattiv ta' natura orizzontali li jimla l-lakuni u jiżgura protezzjoni tal-konsumatur li mhux żgurata mod ieħor, b'mod partikolari bil-ħsieb li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-sikurezza u s-saħħa tal-konsumaturi, kif meħtieġ mill-Artikolu 114 u l-Artikolu 169 tat-Trattat.
- (7) Fl-istess ħin, fir-rigward ta' prodotti soġġetti għal leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni speċifika għas-settur, il-kamp ta' applikazzjoni tal-partijiet differenti ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġi stabbilit b'mod ċar biex jiġu evitati dispożizzjonijiet imrikkba u qafas legali mhux ċar.
- (8) Filwaqt li xi wħud mid-dispożizzjonijiet bħal dawk li jikkonċernaw il-biċċa l-kbira tal-obbligi tal-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li ma japplikawx għal prodotti koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni peress li diġà huma koperti f'tali leġiżlazzjoni, jenħtieġ li japplika ċertu għadd ta' dispożizzjonijiet oħrajn sabiex tiġi kkomplementata l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni. B'mod partikolari, ir-rekwiżit tas-sikurezza ġenerali tal-prodott u d-dispożizzjonijiet relatati jenħtieġ li jkun applikabbli għall-prodotti għall-konsumatur koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni meta ċerti tipi ta' riskji ma jkunux koperti minn dik il-leġiżlazzjoni. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jikkonċernaw l-obbligi tas-swieq online, l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi f'każ ta' inċidenti, id-dritt għall-

²⁴ Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1).

informazzjoni għall-konsumaturi kif ukoll is-sejħa lura tal-prodotti għall-konsumatur jenħtieġ li japplikaw għal prodotti koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni meta ma jkunx hemm dispożizzjonijiet speċifiċi bl-istess objettiv f'tali leġiżlazzjoni. Bl-istess mod, ir-RAPEX diġà qed tintuża għall-finijiet tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁵, għalhekk id-dispożizzjonijiet li jirregolaw is-Safety Gate u l-funzjonament tagħha li jinsabu f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu applikabbli għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni.

- (9) Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu VII tar-Regolament (UE) 2019/1020, li jistabilixxu r-regoli ta' kontrolli fuq prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni, diġà huma direttament applikabbli għall-prodotti koperti minn dan ir-Regolament u mhijiex l-intenzjoni ta' dan ir-Regolament li jimmodifika tali dispożizzjonijiet. L-istabbiltà tal-ewwel hija partikolarment importanti meta jitqies il-fatt li l-awtoritajiet responsabbli minn dawn il-kontrolli (li fi kważi l-Istati Membri kollha huma l-awtoritajiet doganali) għandhom iwettquhom abbażi tal-analiżi tar-riskju kif imsemmi fl-Artikoli 46 u 47 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 (il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni), il-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni u l-gwida korrispondenti. Dan l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju huwa kruċjali għall-kontrolli doganali minħabba l-volumi sostanzjali ta' merkanzija li tidħol u toħroġ mit-territorju doganali u jirriżulta fl-applikazzjoni ta' miżuri ta' kontroll konkreti skont il-prijoritajiet identifikati. Il-fatt li r-Regolament ma jimmodifika bl-ebda mod il-Kapitolu VII tar-Regolament 2019/1020, b'referenza diretta għall-approċċ ibbażat fuq ir-riskju stabbilit fil-leġiżlazzjoni doganali, ifisser li fil-prattika l-awtoritajiet responsabbli mill-kontrolli fuq prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni (inklużi l-awtoritajiet doganali) jenħtieġ li jillimitaw il-kontrolli tagħhom għall-prodotti l-aktar riskjużi, skont il-probabbiltà u l-impatt tar-riskju, u b'hekk jiżguraw l-effettività u l-effiċjenza tal-attivitajiet tagħhom kif ukoll il-protezzjoni tal-kapaċità tagħhom li jwettqu tali kontrolli.
- (10) Il-prinċipju ta' prekawzjoni huwa prinċipju fundamentali biex tiġi żgurata s-sikurezza tal-prodotti u tal-konsumaturi u għalhekk jenħtieġ li jitqies kif xieraq mill-atturi rilevanti kollha, meta jiġi applikat dan ir-Regolament.
- (11) Meta jitqies ukoll l-ambitu wiesa' mogħti lill-kunċett tas-saħħa²⁶, ir-riskju ambjentali kkawżat minn prodott jenħtieġ li jitqies fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament peress li fl-aħħar mill-aħħar jista' jirriżulta wkoll f'riskju għas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi.
- (12) Il-prodotti li huma ddisinjati b'mod esklużiv għall-użu professjonali iżda li wara ġew imdawra għas-suq tal-konsumatur jenħtieġ li jkunu soġġetti għal dan ir-Regolament għaliex jistgħu joħlqu riskji għas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi meta użati b'kundizzjonijiet raġonevolment prevedibbli.
- (13) Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-ikel, l-għalf u oqsma relatati tistabilixxi sistema speċifika li tiżgura s-sikurezza tal-prodotti koperti minnha. Għalhekk, jenħtieġ li l-ikel u l-għalf jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament bl-eċċezzjoni

²⁵ Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1).

²⁶ Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, "Healthy environment, healthy lives: how the environment influences health and well-being in Europe", ir-rapport tal-EEA Nru 21/2019, it-8 ta' Settembru 2020.

ta' materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel sa fejn ikunu kkonċernati r-riskji li mhumiex koperti mir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁷ jew minn leġislazzjoni oħra speċifika għall-ikel li tkopri biss ir-riskji kimiċi u bijoloġiċi relatati mal-ikel.

- (14) Il-prodotti mediċinali huma soġġetti għal evalwazzjoni qabel is-suq li tinkludi analiżi speċifika tar-riskji u l-benefiċċji. Għalhekk jenħtieġ li dawn jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (15) L-inġenju tal-ajru msemija fl-Artikolu 2(3), punt (d) tar-Regolament (UE) 2018/1139²⁸ huma soġġetti għall-kontroll regolatorju tal-Istati Membri, fid-dawl tar-riskju limitat tagħhom għas-sikurezza fl-avjazzjoni ċivili. Għalhekk jenħtieġ li dawn jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (16) Ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw għal prodotti użati jew għal prodotti li jiġu msewwija, rinnovati jew riċiklati li jergħu jidħlu fil-katina tal-provvista matul attività kummerċjali, ħliet għal dawk il-prodotti li għalihom il-konsumatur ma jistax jistenna b'mod raġonevoli li jissodisfaw l-istandards tas-sikurezza tal-oġġetti livell, bħall-antikitajiet jew il-prodotti li jiġu ppreżentati bħala li għandhom jiġu msewwija jew rinnovati.
- (17) Id-Direttiva 87/357/KEE dwar prodotti tal-konsumatur, li għalkemm mhumiex oġġetti tal-ikel, jixbhu oġġetti tal-ikel u x'aktarx jiġu konfużi ma' oġġetti tal-ikel b'mod li l-konsumaturi, speċjalment it-tfal, jistgħu jpoġġuhom f'ħalqhom, isoffuhom jew jibilgħuhom u li jistgħu jikkawżaw, pereżempju, soffokazzjoni, avvelenament, il-perforazzjoni jew l-ostruzzjoni tas-sistema diġestiva, wasslet għal interpretazzjoni kontroversjali. Barra minn hekk, ġiet adottata fi żmien fejn il-qafas legali għas-sikurezza tal-prodotti għall-konsumatur kien limitat ħafna fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Għal dawn ir-raġunijiet, id-Direttiva 87/357/KEE jenħtieġ li titħassar.
- (18) Is-servizzi jenħtieġ li ma jkunux koperti minn dan ir-Regolament. Madankollu, sabiex jiġi żgurat li jkun hemm il-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi, jenħtieġ li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament dawk il-prodotti li huma furnuti jew disponibbli għall-konsumaturi fil-kuntest tal-provvista ta' servizzi, inklużi prodotti li l-konsumaturi huma esposti direttament għalihom waqt il-provvista ta' servizz. It-tagħmir li jirkbu jew jivvjaġġaw fuqu l-konsumaturi u li jitħaddem minn fornitur tas-servizz jenħtieġ li jkun eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament billi dan irrid ikun trattat flimkien mas-sikurezza tas-servizz mogħti.
- (19) Oġġetti li jikkonnettjaw ma' oġġetti oħrajn jew oġġetti mhux inkorporati li jinfluwenzaw il-mod kif jaħdem oġġett ieħor jistgħu joħolqu riskju għas-sikurezza tal-prodott. Dak l-aspett jenħtieġ li jitqies kif xieraq bħala riskju potenzjali. Il-konnessjonijiet u l-interrelazzjoni li oġġett jista' jkollu ma' oġġetti esterni jenħtieġ li ma jipperikolawx is-sikurezza tiegħu.

²⁷ Ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel u li jħassar id-Direttivi 80/590/KEE u 89/109/KEE (ĠU L 338, 13.11.2004, p. 4).

²⁸ Ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jstabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 (ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1–122).

- (20) Teknoloġiji ġodda jikkawżaw ukoll riskji ġodda għas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi jew ibiddu l-mod kif jistgħu jimmaterjalizzaw ir-riskji eżistenti, bħal intervent estern ta' hacking ta' prodott jew li jbiddu il-karatteristiċi tiegħu.
- (21) L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tiddefinixxi s-“saħħa” bħala stat sħiħ ta' benesseri fiżiku, mentali u soċjali u mhux biss bħala n-nuqqas ta' mard jew infermità. Din id-definizzjoni tappoġġa l-fatt li l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda jista' jgħib riskji ġodda għas-saħħa tal-konsumaturi, bħal riskju psikoloġiku, riskji tal-iżvilupp, b'mod partikolari għat-tfal, riskji mentali, dipressjoni, it-telf tal-irqad, jew funzjoni mibdula tal-moħħ.
- (22) Ir-riskji speċifiċi taċ-ċibersigurtà li jaffettwaw is-sikurezza tal-konsumaturi kif ukoll il-protokollu u ċ-ċertifikazzjonijiet jistgħu jiġu indirizzati mil-leġiżlazzjoni settorjali. Madankollu jenħtieġ li jiġi żgurat, f'każ ta' lakuni fil-leġiżlazzjoni settorjali, li l-operaturi ekonomiċi rilevanti u l-awtoritajiet nazzjonali jqisu r-riskji marbuta ma' teknoloġiji ġodda, rispettivament meta jiddisinjaw il-prodotti u meta jevalwawhom sabiex jiżguraw li l-bidliet introdotti fil-prodott ma jipperikolawx is-sikurezza tiegħu.
- (23) Is-sikurezza tal-prodotti jenħtieġ li tiġi vvalutata billi jitqiesu l-aspetti rilevanti kollha, b'mod partikolari l-karatteristiċi u l-preżentazzjoni tagħhom kif ukoll il-ħtiġijiet u r-riskju speċifiċi tal-kategoriji tal-konsumaturi li x'aktarx jużaw il-prodotti, b'mod partikolari t-tfal, l-anzjani u l-persuni b'diżabbiltà. Għalhekk, jekk tkun meħtieġa informazzjoni speċifika biex il-prodotti jsiru sikuri fir-rigward ta' kategorija partikolari ta' persuni, il-valutazzjoni tas-sikurezza tal-prodotti jenħtieġ li tqis ukoll il-preżenza ta' din l-informazzjoni u l-aċċessibbiltà tagħha. Is-sikurezza tal-prodotti jenħtieġ li tiġi vvalutata billi titqies il-ħtieġa li l-prodott ikun sikur tul il-ħajja kollha tiegħu.
- (24) L-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jkollhom obbligi li jikkonċernaw is-sikurezza tal-prodotti, fir-rigward tar-rwoli rispettivi tagħhom fil-katina tal-provvista, sabiex jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi. L-operaturi ekonomiċi kollha li jintervjenu fil-katina tal-provvista u tad-distribuzzjoni jenħtieġ li jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li jagħmlu disponibbli, fis-suq, biss prodotti, li jkunu sikuri u li jkunu konformi ma' dan ir-Regolament. Jeħtieġ li tkun prevista distribuzzjoni ċara u proporzjonata tal-obbligi li jikkorrispondu għar-rwol ta' kull operatur fil-proċess tal-provvista u d-distribuzzjoni.
- (25) Il-bejgħ mill-bogħod inkluż il-bejgħ online jenħtieġ li jaqa' wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Il-bejgħ online kiber b'mod konsistenti u kostanti, u ħoloq mudelli ta' negozju ġodda u atturi ġodda fis-suq bħas-swieq online.
- (26) Is-swieq online għandhom rwol kruċjali fil-katina tal-provvista - billi jippermettu lill-operaturi ekonomiċi jilhqgħu għadd indefinit ta' konsumaturi - u għalhekk ukoll fis-sistema tas-sikurezza tal-prodotti.
- (27) Minħabba r-rwol importanti li għandhom is-swieq online meta jintermedjaw il-bejgħ ta' prodotti bejn il-kummerċjanti u l-konsumaturi, dawn l-atturi jenħtieġ li jkollhom aktar responsabbiltajiet fl-indirizzar tal-bejgħ ta' prodotti perikolużi online. Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁹ tipprovdi l-qafas ġenerali għall-kummerċ elettroniku u tistabbilixxi ċerti obbligi għall-pjattaformi online. Ir-

²⁹ Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (“Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku”) - ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1-16.

Regolament [...] dwar Suq Intern għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE³⁰ jirregola r-responsabbiltà u l-akkontabbiltà tal-fornituri tas-servizzi intermedjarji online fir-rigward ta' kontenut illegali, inklużi prodotti mhux sikuri. Dak ir-Regolament japplika mingħajr preġudizzju għar-regoli stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur u s-sikurezza tal-prodotti. Għaldaqstant, abbażi tal-qafas legali orizzontali previst minn dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu introdotti rekwiżiti speċifiċi essenzjali biex jiġi indirizzat b'mod effettiv il-bejgħ ta' prodotti perikolużi online, f'konformità mal-Artikolu [1(5), punt (h)] ta' dak ir-Regolament.

- (28) Il-Wegħda dwar is-Sikurezza tal-Prodott, iffirmata fl-2018 u li magħha nqas għadd ta' swieq minn dak iż-żmien, tipprevedi għadd ta' impenji volontarji dwar is-sikurezza tal-prodotti. Il-Wegħda dwar is-Sikurezza tal-Prodott uriet ir-raġunament tagħha fit-tisħiħ tal-protezzjoni tal-konsumaturi kontra prodotti perikolużi mibjugħa online. Madankollu, in-natura volontarja tagħha u l-parteċipazzjoni volontarja minn għadd limitat ta' swieq online inaqqsu l-effettività tagħha u ma jistgħux jiżguraw kundizzjonijiet ekwi.
- (29) Is-swieq online jenħtieġ li jaġixxu b'attenzjoni xierqa fir-rigward tal-kontenut ospitat fl-interfaċċi online tagħhom li jikkonċerna s-sikurezza tal-prodotti, f'konformità mal-obbligi speċifiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġu stabbiliti obbligi ta' diliġenza dovuta għas-swieq online kollha fir-rigward tal-kontenut ospitat fl-interfaċċi online tagħhom li jikkonċerna s-sikurezza tal-prodotti.
- (30) Barra minn hekk, għall-finijiet ta' sorveljanza effettiva tas-suq, is-swieq online jenħtieġ li jirreġistraw fil-portal Safety Gate u jindikaw, fl-istess portal, l-informazzjoni dwar il-punti uniċi ta' kuntatt tagħhom għall-faċilitazzjoni tal-komunikazzjoni ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet ta' sikurezza tal-prodotti. Il-punt uniku ta' kuntatt skont dan ir-Regolament jista' jkun l-istess bħall-punt ta' kuntatt skont [l-Artikolu 10] tar-Regolament (UE) .../... [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali], mingħajr ma jipperikola l-oġettiv li jiġu trattati kwistjonijiet marbuta mas-sikurezza tal-prodotti b'mod rapidu u speċifiku.
- (31) Sabiex ikunu jistgħu jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-konformità f'waqtha u effettiva mal-ordnijiet tal-awtoritajiet pubbliċi, l-ipproċessar tal-avviżi ta' partijiet terzi oħra u l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fil-kuntest ta' miżuri korrettivi fuq talba, is-swieq online jenħtieġ li jkollhom fis-seħħ mekkaniżmu intern għall-immaniġġjar ta' kwistjonijiet relatati mas-sikurezza tal-prodotti.
- (32) L-obbligi imposti minn dan ir-Regolament fuq is-swieq online jenħtieġ li la jammontaw għal obbligu ġenerali li tiġi mmonitorjata l-informazzjoni li huma jittrażmettu jew jażnu, u lanqas li jfittxu b'mod attiv fatti jew ċirkostanzi li jindikaw attività illegali, bħall-bejgħ ta' prodotti perikolużi online. Madankollu, is-swieq online jenħtieġ li jneħħu malajr il-kontenut li jirreferi għal prodotti perikolużi mill-interfaċċi online tagħhom, malli jiksbu għarfien attwali jew, fil-każ ta' talbiet għad-danni, għarfien tal-kontenut illegali, b'mod partikolari f'każijiet fejn is-suq online ikun sar jaf bil-fatti jew biċ-ċirkostanzi li abbażi tagħhom operatur ekonomiku diliġenti kellu jidentifika l-illegalità inkwistjoni, sabiex jibbenefikaw mill-eżenzjoni mir-responsabbiltà għas-servizzi ta' hosting skont id-“Direttiva dwar il-kummerċ

³⁰ Ir-Regolament [...] dwar Suq Intern għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE.

elettroniku” u l-[Att dwar is-Servizzi Diġitali]. Is-swieq online jenħtieġ li jipproċessaw avviżi li jikkonċernaw kontenut li jirreferi għal prodotti mhux sikuri, riċevuti f’konformità mal-[Artikolu 14] tar-Regolament (UE) .../... [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali], fil-perjodi ta’ żmien addizzjonali stabbiliti minn dan ir-Regolament.

- (33) L-Artikolu 14(4) tar-Regolament (UE) 2019/1020 jipprovdi lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq bis-setgħa, fejn ma jkun hemm l-ebda mezz effettiv ieħor disponibbli biex jiġi eliminat riskju serju, li jirrikjedu t-tneħħija tal-kontenut li jirreferi għall-prodotti relatati minn interfaċċa online jew li jirrikjedu l-wiri espliċitu ta’ twissija lill-utenti finali meta dawn jaċċessaw interfaċċa online. Is-setgħat fdati lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq mill-Artikolu 14(4) tar-Regolament (UE) 2019/1020 jenħtieġ li japplikaw ukoll għal dan ir-Regolament. Għas-sorveljanza effettiva tas-suq skont dan ir-Regolament u biex jiġi evitat li prodotti perikolużi jkunu preżenti fis-suq tal-Unjoni, jenħtieġ li din is-setgħa tapplika fil-każijiet kollha meħtieġa u proporzjonati u wkoll għal prodotti li joħolqu riskju inqas minn serju. Huwa essenzjali li s-swieq online jikkonformaw ma’ tali ordnijiet b’urġenza. Għalhekk, dan ir-Regolament jintroduċi limiti ta’ żmien vinkolanti f’dan ir-rigward, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li jiġi stabbilit limitu ta’ żmien iqsar fl-ordni nnifisha. Din is-setgħa jenħtieġ li tiġi eżerċitata f’konformità mal-[Artikolu 8] tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali.
- (34) Anke meta l-informazzjoni mis-Safety Gate ma jkunx fiha lokatur uniformi tar-riżorsi (URL) preċiż u, fejn meħtieġ, informazzjoni addizzjonali li tippermetti l-identifikazzjoni tal-kontenut illegali kkonċernat, is-swieq online jenħtieġ li madankollu jqisu l-informazzjoni trażmessa, bħall-identifikaturi tal-prodott, meta disponibbli, u informazzjoni oħra dwar it-traċċabbiltà, fil-kuntest ta’ kwalunkwe miżura adottata mis-swieq online fuq l-inizjattiva tagħhom stess bl-għan li jidentifikaw, ineħħu jew jiddiżattivaw l-aċċess għal prodotti perikolużi offruti fis-suq tagħhom, fejn applikabbli.
- (35) Għall-finijiet tal-[Artikolu 19] tar-Regolament (UE) .../... [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali], u fir-rigward tas-sikurezza tal-prodotti mibjugħa online, il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali jenħtieġ li jqis b’mod partikolari l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u l-assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interess tal-konsumaturi, fuq talba tagħhom, bħala sinjalaturi fdati, sakemm ikunu ġew sodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti f’dak l-artikolu.
- (36) It-traċċabbiltà tal-prodotti hija fundamentali għal sorveljanza effettiva tas-suq ta’ prodotti perikolużi u miżuri korrettivi. Il-konsumaturi jenħtieġ ukoll li jiġu protetti kontra prodotti perikolużi bl-istess mod fil-mezzi tal-bejgħ offline u online, inkluż meta jixtru prodotti fi swieq online. Filwaqt li jibnu fuq id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) .../... [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali] dwar it-traċċabbiltà tal-kummerċjanti, is-swieq online jenħtieġ li ma jippermettux l-elenkar fil-pjattaformi tagħhom sakemm il-kummerċjant ma jkunx ipprovda l-informazzjoni kollha relatata mas-sikurezza u t-traċċabbiltà tal-prodotti kif spjegat f’dan ir-Regolament. Tali informazzjoni jenħtieġ li tintwera flimkien mal-elenkar tal-prodott sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-istess informazzjoni disponibbli online u offline. Madankollu, is-suq online jenħtieġ li ma jkunx responsabbli għall-verifika tal-kompletezza, il-korrettezza u l-preċiżjoni tal-informazzjoni nnifisha, peress li l-obbligu li tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-prodotti jibqa’ tal-kummerċjant.
- (37) Huwa importanti wkoll li s-swieq online jikkooperaw mill-qrib mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u mal-operaturi ekonomiċi

rilevanti dwar is-sikurezza tal-prodotti. Obbligu ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq huwa impost fuq il-fornituri tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2019/1020 fir-rigward tal-prodotti koperti minn dak ir-Regolament u għalhekk jenħtieġ li jiġi estiż għall-prodotti kollha għall-konsumatur. Pereżempju, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq qed itejbu b'mod kostanti l-għodod teknoloġiċi li jużaw għas-sorveljanza tas-suq online biex jidentifikaw prodotti perikolużi mibjugħa online. Sabiex dawn l-għodod ikunu operazzjonali, is-swieq online jenħtieġ li jagħtu aċċess għall-interfaċċi tagħhom. Barra minn hekk, għall-finijiet tas-sikurezza tal-prodotti, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jista' jkollhom bżonn ukoll li jiġbru d-*data* mis-swieq online.

- (38) Il-bejgħ dirett minn operaturi ekonomiċi stabbiliti barra mill-Unjoni permezz ta' mezzi online jfixxkel il-ħidma tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq meta jindirizzaw prodotti perikolużi fl-Unjoni, peress li f'ħafna każijiet l-operaturi ekonomiċi ma jistgħux jiġu stabbiliti u lanqas ma għandhom rappreżentant legali fl-Unjoni. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ikollhom setgħat u mezzi adegwati biex jindirizzaw b'mod effettiv il-bejgħ ta' prodotti perikolużi online. Sabiex jiġi żgurat infurzar effettiv ta' dan ir-Regolament, l-obbligu stabbilit fl-Artikolu 4(1), (2) u (3) tar-Regolament 2019/1020 jenħtieġ li jiġi estiż ukoll għall-prodotti li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni biex jiġi żgurat li hemm operatur ekonomiku responsabbli fl-Unjoni, inkarigat b'kompiti relatati ma' tali prodotti u li jipprovdi lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq b'interlokutur u jwettaq il-kompiti speċifiċi fi żmien xieraq.
- (39) Jenħtieġ li l-informazzjoni ta' kuntatt tal-operatur ekonomiku, stabbilit fl-Unjoni u responsabbli għall-prodotti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tiġi indikata mal-prodott sabiex jiġu ffaċilitati l-kontrolli tul il-katina tal-provvista kollha.
- (40) Meta l-operaturi ekonomiċi jew l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jiffaċċjaw għażla ta' diversi miżuri korrettivi, l-aktar azzjoni sostenibbli li tirriżulta fl-inqas impatt ambjentali, bħat-tiswija tal-prodott, jenħtieġ li tiġi ppreferuta sakemm dan ma jirriżultax f'livell inqas ta' sikurezza.
- (41) Kwalunkwe operatur ekonomiku li jqiegħed prodott fis-suq f'ismu jew bit-trademark tiegħu jew ibiddel prodott b'tali mod li tista' tiġi affettwata l-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jitqies li huwa l-manifattur u jenħtieġ li jassumi l-obbligi tal-manifattur.
- (42) Il-proċeduri interni ta' konformità li permezz tagħhom l-operaturi ekonomiċi jiżguraw, internament, it-twettiq effettiv u rapidu tal-obbligu tagħhom kif ukoll il-kundizzjonijiet biex jirreaġixxu fil-waqt f'każ ta' prodott perikoluż, jenħtieġ li jiġu stabbiliti mill-operaturi ekonomiċi nfushom.
- (43) Meta jagħmlu disponibbli prodotti fis-suq, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jipprovdu informazzjoni minima dwar is-sikurezza u t-traċċabbiltà tal-prodott bħala parti mill-offerta rilevanti. Dan jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' informazzjoni stabbiliti mid-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³¹, bħal dwar il-karatteristiċi prinċipali tal-oġġetti, sa fejn ikun xieraq għall-mezz u għall-oġġett.

³¹ Id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament

- (44) L-iżgurar tal-identifikazzjoni u t-traċċabbiltà tal-prodotti matul il-katina tal-provvista kollha jgħin biex ikunu identifikati l-operaturi ekonomiċi u biex jittieħdu miżuri korrettivi effettivi kontra prodotti perikolużi, bħal sejħiet lura mmirati. Għalhekk l-identifikazzjoni u t-traċċabbiltà tal-prodotti jiżguraw li l-konsumaturi u l-operaturi ekonomiċi jkollhom informazzjoni preċiża dwar prodotti perikolużi biex b'hekk tiżdied il-kunfidenza fis-suq u jkun evitat ix-xkiel mhux meħtieġ tal-kummerċ. Għalhekk il-prodotti jenħtieġ li jkollhom informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni tagħhom u l-identifikazzjoni tal-manifattur u, jekk applikabbli, tal-importatur. Tali rekwiżiti ta' traċċabbiltà jistgħu jsiru aktar stretti għal ċerti tipi ta' prodotti. Jenħtieġ li l-manifatturi jstabilixxu wkoll dokumentazzjonijiet tekniċi rigward il-prodotti tagħhom, li jenħtieġ li jkun fihom l-informazzjoni meħtieġa biex jagħtu prova li l-prodott tagħhom huwa sikur.
- (45) Il-qafas legali għas-sorveljanza tas-suq tal-prodotti koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni u stabbilit fir-Regolament (UE) 2019/1020 u l-qafas legali għas-sorveljanza tas-suq tal-prodotti koperti minn dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu koerenti kemm jista' jkun. Għalhekk huwa meħtieġ, sa fejn huma kkonċernati l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq, l-obbligi, is-setgħat, il-miżuri, u l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, li titnaqqas id-diskrepanza bejn iż-żewġ settijiet ta' dispożizzjonijiet. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-Artikoli 10 sa 16, l-Artikoli 18 u 19 u l-Artikoli 21 sa 24 tar-Regolament (UE) 2019/1020 ikunu applikabbli wkoll għall-prodotti koperti minn dan ir-Regolament.
- (46) Biex tiġi ppreżervata l-koerenza tal-qafas legali tas-sorveljanza tas-suq u, fl-istess ħin, tiġi żgurata kooperazzjoni effettiva bejn in-network Ewropew tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għas-sikurezza tal-prodotti ("Network tas-Sikurezza tal-Konsumatur") previsti minn dan ir-Regolament u n-Network tal-Unjoni għall-Konformità tal-Prodottimmirati lejn il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni strutturata bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-Istati Membri u l-Kummissjoni previsti mir-Regolament (UE) 2019/1020, huwa meħtieġ li n-Network tas-Sikurezza tal-Konsumatur jiġi assoċjat man-Network tal-Unjoni għall-Konformità tal-Prodotti fl-attivitajiet imsemmija fl-Artikoli 11, 12, 13 u 21 tar-Regolament (UE) 2019/1020.
- (47) L-awtoritajiet nazzjonali jenħtieġ li jkunu jistgħu jikkomplementaw l-attivitajiet tradizzjonali tas-sorveljanza tas-suq iffukati fuq is-sikurezza tal-prodotti b'attivitajiet tas-sorveljanza tas-suq li jiffukaw fuq il-proċeduri ta' konformità interna stabbiliti mill-operaturi ekonomiċi biex jiżguraw is-sikurezza tal-prodotti. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrikjedu lill-manifattur jindika liema prodott oħra - prodott bl-istess proċedura, jew li jkun fihom l-istess komponenti meqjusa li joħlqu riskju jew li jkunu parti mill-istess lott ta' produzzjoni - huma affettwati mill-istess riskju.
- (48) Jenħtieġ li jiġi stabbilit skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament abbażi ta' indikaturi tal-output li jippermettu l-kejl u t-tqabbil tal-effettività tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sikurezza tal-prodotti.
- (49) Jenħtieġ li jkun hemm skambju effettiv, rapidu u preċiż ta' informazzjoni dwar prodott perikolużi.

Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64).

- (50) Is-Sistema ta' Informazzjoni Rapida tal-Unjoni (RAPEX) instabet li kienet effettiva u effiċjenti. Ir-RAPEX tippermetti li l-miżuri korrettivi jiġu implimentati mal-Unjoni kollha fir-rigward ta' prodotti li jgħolqu riskju lil hinn mit-territorju ta' Stat Membru uniku. Madankollu, huwa xieraq li l-isem imqassar użat jinbidel minn RAPEX għal Safety Gate għal aktar ċarezza u sensibilizzazzjoni aħjar għall-konsumaturi. Is-Safety Gate tinkludi sistema ta' twissija rapida dwar prodotti perikolużi li mhumiex tal-ikel li biha l-awtoritajiet nazzjonali u l-Kummissjoni jistgħu jiskambjaw informazzjoni dwar tali prodotti, portal web biex jinforma lill-pubbliku (Safety Gate portal) u interfaċċa li tippermetti lin-negozji jikkonformaw mal-obbligu tagħhom li jinfurmaw lill-awtoritajiet u lill-konsumaturi dwar prodotti perikolużi (Safety Business Gateway).
- (51) L-Istati Membri jenħtieġ li jinnotifikaw fis-Safety Gate kemm miżuri korrettivi obbligatorji kif ukoll volontarji li jipprevjenu, jirrestrinġu jew jimponu kundizzjonijiet speċifiċi fuq il-kummerċjalizzazzjoni possibbli ta' prodott minħabba riskju serju għas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi jew, fil-każ ta' prodotti koperti mir-Regolament (UE) Nru 2019/1020, ukoll għal interessi pubbliċi rilevanti oħra tal-utenti finali.
- (52) Skont l-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) Nru 2019/1020, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-miżuri adottati kontra prodotti koperti minn dak ir-Regolament, li jgħolqu riskju inqas minn serju, permezz tas-sistema ta' informazzjoni u komunikazzjoni msemmija fl-istess artikolu, filwaqt li l-miżuri korrettivi adottati kontra l-prodotti koperti minn dan ir-Regolament li jgħolqu riskju inqas minn serju jenħtieġ li jiġu nnotifikati fis-Safety Gate. L-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li jagħmlu disponibbli għall-pubbliku informazzjoni relatata mar-riskji għas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi ppreżentati mill-prodotti. Huwa xieraq għall-konsumaturi u għan-negozji li l-informazzjoni kollha dwar il-miżuri korrettivi adottati kontra prodotti li jgħolqu riskju tinsab fis-Safety Gate, li tippermetti li l-informazzjoni rilevanti dwar prodotti perikolużi, titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku permezz tal-portal Safety Gate. Għalhekk, l-Istati Membri huma mħeġġa jinnotifikaw fis-Safety Gate il-miżuri korrettivi kollha dwar prodotti li jgħolqu riskju għas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi.
- (53) F'każ li l-informazzjoni għandha tiġi nnotifikata fis-sistema ta' informazzjoni u komunikazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2019/1020, hemm il-possibbiltà, għal tali notifiki, li jiġu sottomessi direttament fis-Safety Gate jew, li jiġu ġġenerati mis-sistema ta' informazzjoni u komunikazzjoni għas-sorveljanza tas-suq prevista fl-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2019/1020. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni żżomm u tkompli tiżviluppa l-interfaċċa li għet stabbilita għat-trasferiment tal-informazzjoni bejn is-sistema ta' informazzjoni u komunikazzjoni u s-Safety Gate, sabiex jiġi evitat id-dħul doppju tad-*data* u jiġi ffaċilitat tali trasferiment.
- (54) Il-Kummissjoni jenħtieġ li żżomm u tiżviluppa aktar il-portal web Safety Business Gateway, li jippermetti lill-operaturi ekonomiċi jikkonformaw mal-obbligi tagħhom li jinformaw lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u lill-konsumaturi dwar prodotti perikolużi li jkun qiegħdu jew għamli disponibbli fis-suq. Din l-għodda jenħtieġ wkoll li tippermetti wkoll lill-operaturi ekonomiċi jinfurmaw lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq dwar inċidenti kkawżati minn prodotti li jkun qiegħdu jew għamli disponibbli fis-suq. Dan jenħtieġ li jippermetti skambju ta' informazzjoni rapidu u effiċjenti bejn l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet nazzjonali, u jiffaċilita l-informazzjoni lill-konsumaturi mill-operaturi ekonomiċi.
- (55) Jista' jkun hemm każijiet fejn ikun meħtieġ li jiġi indirizzat riskju serju fil-livell tal-Unjoni fejn ir-riskju ma jkunx jista' jiġi kkontrollat b'mod sodisfaċenti permezz ta'

miżuri meħuda mill-Istat Membru kkonċernat jew permezz ta' kwalunkwe proċedura oħra skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Dan jista' jkun partikolarment il-każ ta' riskji emerġenti ġodda jew dawk li jħallu impatt fuq il-konsumaturi vulnerabbli. Għal dik ir-raġuni, il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Istati Membri. Tali miżuri jenħtieġ li jkunu adattati għall-gravità u l-urġenza tas-sitwazzjoni. Barra minn hekk, huwa meħtieġ li jiġi previst mekkaniżmu adegwat li bih il-Kummissjoni tkun tista' tadotta miżuri *interim* applikabbli immedjament.

- (56) Id-determinazzjoni tar-riskju li jikkonċerna prodott u l-livell tiegħu hija bbażata fuq valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-atturi rilevanti. L-Istati Membri, fit-tweġġ tal-valutazzjoni tar-riskju, jistgħu jilħqu riżultati differenti f'dak li jikkonċerna l-preżenza ta' riskju jew il-livell tiegħu. Dan jista' jipperikola l-funzjonament korrett tas-suq uniku u l-kundizzjonijiet ekwi kemm għall-konsumaturi kif ukoll għall-operaturi ekonomiċi. Għalhekk, jenħtieġ li mekkaniżmu ta' arbitraġġ ikun disponibbli għall-Istati Membri, fuq bażi volontarja, li jippermetti lill-Kummissjoni tipprovdi opinjoni dwar il-kwistjoni fit-tilwima.
- (57) In-Network tas-Sikurezza tal-Konsumatur itejjeb il-kooperazzjoni dwar l-infurzar tas-sikurezza tal-prodotti bejn l-Istati Membri. B'mod partikolari, dan jiffaċilita l-attivitajiet ta' skambju ta' informazzjoni, l-organizzazzjoni ta' attivitajiet konġunti ta' sorveljanza tas-suq, l-iskambju ta' għarfien espert u l-aħjar prattiki. In-Network tas-Sikurezza tal-Konsumatur jenħtieġ li jkun irrappreżentat u jipparteċipa kif xieraq fl-attivitajiet ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni tan-Network tal-Unjoni għall-Konformità tal-Prodotti previst fir-Regolament (UE) 2019/1020 kull meta tkun meħtieġa koordinazzjoni tal-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni taż-żewġ Regolamenti sabiex tiġi żgurata l-effettività tagħhom.
- (58) L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jistgħu jwettqu attivitajiet konġunti ma' awtoritajiet jew organizzazzjonijiet oħra li jirrappreżentaw lill-operaturi ekonomiċi jew lill-utenti finali, bil-għan li jipromwovu s-sikurezza tal-prodotti u jidentifikaw prodotti perikolużi, inklużi dawk li jiġu offruti għall-bejgħ online. Meta jagħmlu dan, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u l-Kummissjoni, kif xieraq, jenħtieġ li jiżguraw li l-għażla tal-prodotti u tal-produtturi kif ukoll l-attivitajiet imwettqa ma joħolqux sitwazzjoni li tista' tfixkel il-kompetizzjoni jew taffettwa l-oġġettività, l-indipendenza u l-imparzjalità tal-partijiet.
- (59) Azzjonijiet simultanji kkoordinati ta' kontroll ("sweeps") huma azzjonijiet speċifiċi ta' infurzar li jistgħu jkomplu jtejbu s-sikurezza tal-prodotti. B'mod partikolari, jenħtieġ li jitwettqu sweeps fejn ix-xejriet tas-suq, l-ilmenti tal-konsumaturi jew indikazzjonijiet oħra jissuġġerixxu li ċerti kategoriji ta' prodotti ta' spiss jinstabu li joħolqu riskju serju.
- (60) L-interfaċċa pubblika tas-Safety Gate, il-portal Safety Gate, tippermetti lill-pubbliku ġenerali, inklużi l-konsumaturi, l-operaturi ekonomiċi u s-swieq online, li jiġi infurmat dwar il-miżuri korrettivi meħuda kontra prodotti perikolużi preżenti fis-suq tal-Unjoni. Taqsima separata tal-portal Safety Gate tippermetti lill-konsumaturi jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar prodotti li joħolqu riskju għas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumatur li jinsabu fis-suq. Fejn rilevanti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tipprovdi segwitu adegwat, b'mod partikolari billi tittrażmetti tali informazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati.
- (61) Meta l-informazzjoni dwar is-sikurezza tal-prodott għall-pubbliku ssir disponibbli, is-segretezza professjonali, kif issir referenza għaliha fl-Artikolu 339 tat-Trattat, jenħtieġ

li tiġi protetta b'mod li jkun kompatibbli mal-hteġa sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-attivitajiet tas-sorveljanza tas-suq u tal-miżuri ta' protezzjoni.

- (62) Meta prodott li jkun diġà nbiegħ lill-konsumaturi jirriżulta li jkun perikoluż, jista' jkun meħtieġ li jissejjaħ lura biex jiġu protetti l-konsumaturi fl-Unjoni. Il-konsumaturi jistgħu ma jkunux jafu li għandhom prodott imsejjaħ lura. Sabiex tiżdied l-effettività tas-sejħa lura, huwa għalhekk importanti li jintlaħqu aħjar il-konsumaturi kkonċernati. Il-kuntatt dirett huwa l-aktar metodu effettiv biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi dwar is-sejħa lura u tiġi mħeġġa l-azzjoni. Huwa wkoll il-mezz ta' komunikazzjoni preferut fost il-gruppi kollha tal-konsumaturi. Sabiex tiġi żgurata s-sikurezza tal-konsumaturi, huwa importanti li dawn jiġu infurmati b'mod rapidu u affidabbli. Għalhekk, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jużaw id-*data* tal-klijent għad-dispożizzjoni tagħhom biex jinfurmaw lill-konsumaturi dwar sejħa lura u twissijiet ta' sikurezza marbuta mal-prodotti li jkunu xtraw. Għalhekk, huwa meħtieġ obbligu legali biex l-operaturi ekonomiċi jkunu meħtieġa jużaw kwalunkwe *data* tal-klijenti li tkun diġà għad-dispożizzjoni tagħhom biex jinfurmaw lill-konsumaturi dwar sejħa lura u twissijiet ta' sikurezza. F'dan ir-rigward, l-operaturi ekonomiċi se jiżguraw li jinkludu l-possibiltà li jikkuntattjaw direttament lill-klijenti fil-każ ta' sejħa lura jew twissija ta' sikurezza li taffettwahom fi programmi eżistenti ta' lealtà tal-klijent u f'sistemi ta' reġistrazzjoni tal-prodotti, li permezz tagħhom il-klijenti jintalbu, wara li jkunu xtraw prodott, biex jikkomunikaw lill-manifattur fuq bażi volontarja xi informazzjoni bħall-isem, l-informazzjoni ta' kuntatt tagħhom, il-mudell tal-prodott jew in-numru tas-serje.
- (63) Terz tal-konsumaturi jkomplu jużaw prodotti perikolużi minkejja li jaraw avviż ta' sejħa lura, b'mod partikolari minħabba li l-avviżi ta' sejħa lura jiġu abbozzati b'mod kumpless jew jimminimizzaw ir-riskju involut. Għalhekk, l-avviż ta' sejħa lura jenħtieġ li jkun ċar, trasparenti u jiddeskrivi b'mod ċar ir-riskju involut, filwaqt li jevita kwalunkwe terminu, espressjoni jew element ieħor li jista' jnaqqas l-perċezzjoni tar-riskju tal-konsumaturi. Il-konsumaturi jenħtieġ li jkunu jistgħu jiksbu wkoll aktar informazzjoni, jekk meħtieġ, permezz ta' numru tat-telefon mingħajr ħlas jew strument interattiv ieħor.
- (64) Sabiex jiġi mħeġġeġ ir-rispons tal-konsumatur għas-sejħa lura, huwa importanti wkoll li l-azzjoni meħtieġa mill-konsumaturi tkun sempliċi kemm jista' jkun u li r-rimedji offruti jkunu effettivi, mingħajr spejjeż u f'waqthom. Id-Direttiva (UE) 2019/771 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³² tipprovdi lill-konsumaturi bir-rimedji kuntrattwali għal nuqqas ta' konformità tal-oġġetti li kienu jeżistu fil-mument tal-konsenja u li sar evidenti fil-perjodu ta' responsabbiltà. L-operatur ekonomiku responsabbli għas-sejħa lura jenħtieġ li jipprovdi rimedji simili għall-konsumatur.
- (65) Sabiex tiġi faċilitata l-applikazzjoni effettiva u konsistenti tar-rekwiżit tas-sikurezza ġenerali stabbilit f'dan ir-Regolament, huwa importanti li jintużaw standards Ewropej li jkopru ċerti prodotti u riskji b'tali mod li prodott konformi ma' standard Ewropew bħal dan, li r-referenza tiegħu tkun ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, ikun preżunt li huwa konformi ma' dak ir-rekwiżit.
- (66) Meta l-Kummissjoni tidentifika ħtieġa li jkun hemm standard Ewropew li jiżgura konformità ta' ċerti prodotti mar-rekwiżit tas-sikurezza ġenerali skont dan ir-

³² Id-Direttiva (UE) 2019/771 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw kuntratti għall-bejgħ ta' oġġetti, li temenda r-Regolament (UE) 2017/2394 u d-Direttiva 2009/22/KE, u li tħassar id-Direttiva 1999/44/KE (ĠU L 136, 22. 5. 2019, p. 28).

Regolament, din jenħtieġ li tapplika d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³³ biex titlob organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni, waħda jew aktar, biex tabbozza jew tidentifika standard li jkun xieraq biex jiżgura li l-prodotti konformi miegħu huma preżunti bħala sikuri.

- (67) Ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 1025/2012 jenħtieġ li jiġu emendati biex iqisu l-ispeċifità ta' dan ir-Regolament, u b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġu definiti r-rekwiżiti tas-sikurezza speċifiċi skont dan ir-Regolament qabel ma titnieda t-talba lill-organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni.
- (68) Flimkien mal-adattament tar-Regolament (UE) 1025/2012, jenħtieġ li tiġi introdotta proċedura speċifika għall-adozzjoni tar-rekwiżiti tas-sikurezza speċifiċi bl-assistenza tal-Kumitat speċjalizzat previst minn dan ir-Regolament.
- (69) L-istandards Ewropej, li r-referenzi għalihom ġew ippublikati f'konformità mad-Direttiva 2001/95/KE, jenħtieġ li jibqgħu jagħtu l-preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżit tas-sikurezza ġenerali stabbilit f'dan ir-Regolament. It-talbiet tal-istandardizzazzjoni maħruġa mill-Kummissjoni f'konformità mad-Direttiva 2001/95/KE jenħtieġ li jitqiesu bħala talbiet tal-istandardizzazzjoni maħruġa f'konformità ma' dan ir-Regolament.
- (70) Jenħtieġ li l-Unjoni tkun tista' tikkopera u tiskambja informazzjoni relatata mas-sikurezza tal-prodotti mal-awtoritajiet regolatorji ta' pajjiżi terzi jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qafas ta' ftehimiet konklużi bejn il-Kummissjoni u pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali. Tali kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni jenħtieġ li jirrispettaw il-kunfidenzjalità u r-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* personali tal-Unjoni.
- (71) Sabiex ikollhom effett ta' deterrent sinifikanti għall-operaturi ekonomiċi u għas-swieq online biex jipprevjenu t-tqegħid ta' prodotti perikolużi fis-suq, jenħtieġ li l-penali jkunu adegwati għat-tip ta' ksur, għall-vantaġġ possibbli għall-operatur ekonomiku jew għas-suq online u għat-tip u għall-gravità tad-dannu mġarrab mill-konsumatur. Barra minn hekk, livell omoġenju ta' penali huwa importanti biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi, filwaqt li jiġi evitat li l-operaturi ekonomiċi jew is-swieq online jikkonċentraw l-attivitajiet tagħhom f'territorji fejn il-livell ta' penali jkun aktar baxx.
- (72) Meta jiġu imposti penali, jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni dovuta lin-natura, il-gravità u d-durata tal-ksur inkwistjoni. L-impożizzjoni ta' penali jenħtieġ li tkun proporzjonata u jenħtieġ li tikkonforma mad-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali, inkluż ma' salvagwardji proċedurali applikabbli u mal-prinċipji tal-Karta tad-drittijiet fundamentali.
- (73) Sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni aktar konsistenti tal-penali, jenħtieġ li jiġu inklużi kriterji komuni mhux eżawrjenti u indikattivi għall-applikazzjoni tal-penali. Dawk il-kriterji jenħtieġ li jinkludu d-durata jew l-effetti temporali tal-ksur, kif ukoll in-natura u l-gravità tiegħu, b'mod partikolari l-livell ta' riskju mġarrab mill-konsumatur. Ksur ripetut min-naħa tal-istess awtur juri propensità għat-twettiq ta' tali

³³ Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14. 11. 2012, p. 12).

ksur u għalhekk ikun indikazzjoni sinifikanti tal-gravità tal-aġir u, għaldaqstant, tal-ħtieġa li jiżded il-livell tal-penali biex tinkiseb deterrenza effettiva. Il-benefiċċji finanzjarji miksuba, jew it-telf evitat, minħabba l-ksur jenħtieġ li jitqiesu jekk tkun disponibbli d-*data* rilevanti. Jenħtieġ li jitqiesu wkoll fatturi aggravanti jew mitiganti oħrajn applikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

- (74) Sabiex tiġi żgurata aktar konsistenza, jenħtieġ li tiġi inkluża lista ta' dawk it-tipi ta' ksur li jenħtieġ li jkunu soġġetti għal penali.
- (75) L-effett ta' deterrent tal-penali jenħtieġ li jissaħħa bil-possibbiltà li tiġi ppubblikata l-informazzjoni relatata mal-penali imposti mill-Istati Membri. Meta dawn il-penali jinħarġu kontra persuni fiżiċi jew jinkludu *data* personali, dawn jistgħu jiġu ppubblikati b'mod li jikkonforma mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data* kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁴ u fir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁵. Ir-rapport annwali dwar il-penali imposti mill-Istati Membri jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-kundizzjonijiet ekwi u għall-prevenzjoni ta' ksur ripetut. Għal raġunijiet ta' ċertezza legali u f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, jenħtieġ li jiġi speċifikat f'liema sitwazzjonijiet ma għandhiex issir publikazzjoni. F'dak li jikkonċerna l-persuni fiżiċi, id-*data* personali jenħtieġ li tiġi ppubblikata biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali ġġustifikati mis-serjetà tal-ksur, pereżempju, meta tkun ġiet imposta penali lil operatur ekonomiku li ismu jidentifika persuna fiżika u tali operatur ekonomiku jkun naqas ripetutament milli jikkonforma mar-rekwiżit tas-sikurezza ġenerali tal-prodott.
- (76) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tadotta r-rekwiżiti tas-sikurezza speċifiċi, biex tiddetermina l-indikaturi tal-output li abbażi tagħhom l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw *data* dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, biex tadotta l-modalitajiet u l-proċeduri għall-iskambju ta' informazzjoni dwar il-miżuri kkomunikati permezz tas-Safety Gate u l-kriterji għall-valutazzjoni tal-livell ta' riskju, biex tieħu miżuri fir-rigward tal-prodotti li joħolqu riskju serju, biex tadotta l-modalitajiet biex tintbagħat informazzjoni mill-konsumaturi fil-portal Safety Gate, biex tistabbilixxi r-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni tal-prodotti għall-finijiet ta' sejħa lura u biex tadotta l-mudell għal avviż ta' sejħa lura. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁶.
- (77) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta immedjatament atti ta' implimentazzjoni applikabbli fejn, f'każijiet debitament ġustifikati relatati mas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi, raġunijiet imperattivi ta' urġenza jirrikjedu dan.

³⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

³⁵ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

³⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (78) Sabiex jinżamm livell għoli ta' saħħa u sikurezza tal-konsumaturi, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-identifikazzjoni u t-traċċabbiltà tal-prodotti li għandhom riskju serju potenzjali għas-saħħa u s-sikurezza. Huwa partikolarment importanti li waqt il-ħidma preparatorja, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawn il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet³⁷. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċievuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejn ta' atti delegati.
- (79) Peress li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġi żgurat livell għoli konsistenti ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumatur fil-waqt li tiġi ppreservata l-unità tas-Suq Uniku, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba l-ħtieġa għal livell għoli ta' kollaborazzjoni u azzjoni koerenti bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u għal mekkaniżmu għall-iskambju rapidu u effiċjenti ta' informazzjoni dwar prodotti perikolużi fl-Unjoni iżda pjuttost, minħabba l-karattru tal-problema madwar l-Unjoni kollha, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-objettivi.
- (80) Kwalunkwe pproċessar ta' *data* personali għall-finijiet ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun f'konformità mar-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725. Meta l-konsumaturi jirrapportaw prodott fis-Safety Gate, tinħażen biss dik id-*data* personali li tkun meħtieġa biex jiġi rrapportat il-prodott perikoluż u għal perjodu li ma jaqbiżx il-ħames snin wara li tali *data* tkun ġiet ikkodifikata. Il-manifatturi u l-importaturi jenħtieġ li jkollhom ir-reġistru tal-ilmenti tal-konsumaturi biss sakemm dan ikun meħtieġ għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. Il-manifatturi u l-importaturi, meta jkunu persuni fiżiċi, jenħtieġ li jiżvelaw isimhom biex jiżguraw li l-konsumatur ikun jista' jidentifika l-prodott għall-finijiet tat-traċċabbiltà.
- (81) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) Nru 2018/1725 u ħareġ opinjoni fil-XX XXXX.³⁸

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 1

Suġġett

³⁷ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

³⁸ ...

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli essenzjali dwar is-sikurezza tal-prodotti għall-konsumatur li tqiegħdu jew li huma disponibbli fis-suq.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-prodotti definiti fl-Artikolu 3(1), li tqiegħdu jew li huma disponibbli fis-suq sa fejn ma jkun hemm l-ebda dispożizzjoni speċifika bl-istess objettiv fir-regoli tad-dritt tal-Unjoni li tirregola s-sikurezza tal-prodotti kkonċernati.

Meta l-prodotti jkunu soġġetti għal rekwiżiti tas-sikurezza speċifiċi imposti bil-leġislazzjoni tal-Unjoni, dan ir-Regolament għandu japplika biss għall-aspetti u r-riskji jew il-kategoriji tar-riskji mhux koperti b'dawn ir-rekwiżiti.

B'mod partikolari, fir-rigward ta' prodotti soġġetti għal rekwiżiti speċifiċi imposti mil-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni kif definita fl-Artikolu 3(25),

 - (a) il-Kapitolu II ma għandux japplika sa fejn ikunu kkonċernati r-riskji jew il-kategoriji ta' riskji koperti mil-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni;
 - (b) Il-Kapitolu III, it-Taqsima 1, il-Kapitoli V u VII, il-Kapitoli IX sa XI ma għandhomx japplikaw.
2. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal:
 - (a) prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem jew veterinarju;
 - (b) ikel;
 - (c) għalf;
 - (d) pjanti u animali haġġin, organiżmi ġenetikament modifikati u mikroorganiżmi ġenetikament modifikati f'użu kontenut, kif ukoll prodotti ta' pjanti jew animali relatati direttament mar-riproduzzjoni futura tagħhom;
 - (e) prodotti sekondarji tal-annimali u prodotti dderivati;
 - (f) prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti;
 - (g) tagħmir li jirkbu jew jivvjaġġaw fuqu l-konsumaturi u li jitħaddem minn fornitur tas-servizz fil-kuntest ta' servizz mogħti lill-konsumaturi;
 - (h) ingenu tal-ajru msemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE) 2018/1139;
 - (i) antikitajiet.
3. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-prodotti mqiegħda jew disponibbli fis-suq kemm jekk ġodda, użati, imsewwija jew ikkundizzjonati mill-ġdid. Ma għandux japplika għal prodotti li jridu jissewwew jew jiġu kkundizzjonati mill-ġdid qabel jintużaw, meta daww il-prodotti jkunu saru disponibbli fis-suq bħala tali.
4. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għar-regoli stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur.
5. Dan ir-Regolament għandu jiġi applikat filwaqt li jitqies il-prinċipju ta' prekawzjoni.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. “prodott” tfisser kwalunkwe oġġett, interkonness jew le ma’ oġġetti oħra, fornuta jew disponibbli, kemm jekk għal korrispettiv kif ukoll jekk le, matul attività kummerċjali inkluż fil-kuntest tal-forniment ta’ servizz – li huwa maħsub għall-konsumaturi jew li jista’, f’kundizzjonijiet raġonevolment prevedibbli, jintuża mill-konsumaturi anke jekk ma jkunx maħsub għalihom;
2. “prodott sikur” tfisser kwalunkwe prodott li, f’kundizzjonijiet normali jew raġonevolment prevedibbli ta’ użu jew użu ħażin, inkluż id-durata attwali tal-użu, ma jippreżenta l-ebda riskju jew jippreżenta riskji minimi biss kompatibbli mal-użu tal-prodott, meqjusa aċċettabbli u konsistenti ma’ livell għoli ta’ protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi;
3. “prodott perikoluż” tfisser kwalunkwe prodott li mhux konformi mad-definizzjoni ta’ “prodott sikur”;
4. “riskju” tfisser il-kombinazzjoni tal-probabbiltà tal-okkorrenza ta’ periklu li jikkawża ħsara u l-grad ta’ severità ta’ dik il-ħsara;
5. “riskju serju” tfisser riskju li għalih, abbażi ta’ valutazzjoni tar-riskju u filwaqt li jitqies l-użu normali u prevedibbli tal-prodott, il-kombinazzjoni tal-probabbiltà tal-okkorrenza ta’ periklu li jikkawża ħsara u l-grad ta’ severità ta’ dik il-ħsara titqies li tirrikjedi intervent rapidu mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, inklużi każijiet fejn l-effetti tar-riskju ma jkunux immedjati;
6. “disponibbiltà fis-suq” tfisser kwalunkwe provvista ta’ prodott għad-distribuzzjoni, il-konsum jew l-użu fis-suq tal-Unjoni waqt attività kummerċjali, kemm jekk bi ħlas u kemm jekk bla ħlas;
7. “tqegħid fis-suq” tfisser li prodott isir disponibbli għall-ewwel darba fis-suq tal-Unjoni;
8. “manifattur” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li timmanifattura prodott, jew li għandha prodott iddiżinjat jew immanifatturat, u li tikkummerċjalizza dak il-prodott f’isimha jew bit-trademark tagħha;
9. “rappreżentant awtorizzat” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tkun irċeviet mandat bil-miktub minn manifattur biex taġixxi f’ismu b’rabta ma’ kompiti speċifikati;
10. “importatur” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni, li tqiegħed prodott minn pajjiż terz fis-suq tal-Unjoni;
11. “distributtur” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika fil-katina ta’ provvista, li mhijiex il-manifattur jew l-importatur, li tagħmel prodott disponibbli fis-suq;
12. “fornitur tas-servizzi ta’ ġestjoni” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li toffri, matul attività kummerċjali, mill-inqas tnejn mis-servizzi li ġejjin: ħżin, imballaġġ, indirizzar u dispaċċ, mingħajr ma jkollha s-sjieda tal-prodotti involuti, esklużi s-servizzi postali kif definiti fil-Artikolu 2, punt 1 tad-Direttiva 97/67/KE tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁹, servizzi tal-konsenja tal-pakketti kif definiti fil-Artikolu 2, punt 2 tar-Regolament (UE) 2018/644 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁰, u kwalunkwe servizz postali jew servizz ta' trasport tal-merkanzija ieħor;

13. “operatur ekonomiku” tfisser il-manifattur, ir-rappreżentant awtorizzat, l-importatur, id-distributtur, il-fornitur tas-servizzi ta' ġestjoni jew kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika oħra li hija soġġetta għal obbligi fir-rigward tal-manifattura ta' prodotti, li tagħmilhom disponibbli fis-suq f'konformità ma' dan ir-Regolament;
14. “suq online” tfisser fornitur ta' servizz intermedjarju bl-użu ta' software, inkluż sit web, parti minn sit web jew applikazzjoni, operat minn kummerċjant jew f'ismu, li jippermetti lill-konsumaturi jikkonkludu kuntratti mill-bogħod ma' kummerċjanti oħra jew konsumaturi għall-bejgħ ta' prodotti koperti minn dan ir-Regolament;
15. “interfaċċa online” tfisser kwalunkwe software, inkluż sit web, parti minn sit web jew applikazzjoni, li jkun operat minn operatur ekonomiku jew f'ismu, u li jservi biex jagħti aċċess lill-utenti finali għall-prodotti tal-operatur ekonomiku;
16. “utent finali” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tirrisjedi jew li hija stabbilita fl-Unjoni, li għaliha jkun sar disponibbli prodott bħala konsumatur barra minn kwalunkwe kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni jew bħala utent finali professjonali matul l-attivitajiet industrijali jew professjonali tagħha;
17. “Standard Ewropew” tfisser standard Ewropew kif definit fl-Artikolu 2(1), punt (b) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012;
18. “Standard internazzjonali” tfisser standard internazzjonali kif definit fl-Artikolu 2(1), punt (a) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012;
19. “Standard nazzjonali” tfisser standard nazzjonali kif definit fl-Artikolu 2(1), punt (d) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012;
20. “Organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni” tfisser organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni kif elenkata fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012;
21. “sorveljanza tas-suq” tfisser l-attivitajiet imwettqa u l-miżuri meħuda mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq biex jiżguraw li l-prodotti jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament;
22. “awtorità tas-sorveljanza tas-suq” tfisser awtorità maħtura minn Stat Membru skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2019/1020 bħala responsabbli mill-organizzazzjoni u t-twettiq tas-sorveljanza tas-suq fit-territorju ta' dak l-Istat Membru;
23. “sejħa lura” tfisser kwalunkwe miżura maħsuba biex jittieħed lura prodott li jkun diġà sar disponibbli għall-konsumatur;
24. “irtirar” tfisser kwalunkwe miżura maħsuba biex ma tħallix li prodott fil-katina tal-provvista jsir disponibbli fis-suq;
25. “Leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni” tfisser leġiżlazzjoni tal-Unjoni elenkata fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1020 u kwalunkwe leġiżlazzjoni oħra

³⁹ Id-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz (ĠU L 15, 21. 1. 1998, p. 14).

⁴⁰ Ir-Regolament (UE) 2018/644 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' April 2018 dwar servizzi tal-konsenja tal-pakketti transkonfini (ĠU L 112, 2. 5. 2018, p. 19).

tal-Unjoni li tarmonizza l-kundizzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti li għalihom japplika dak ir-Regolament.

Artikolu 4

Bejgħ mill-bogħod

1. Il-prodotti offruti għall-bejgħ online jew b'mezzi oħra ta' bejgħ mill-bogħod, għandhom jitqiesu li saru disponibbli fis-suq jekk l-offerta tkun immirata għal konsumaturi fl-Unjoni. Offerta għall-bejgħ għandha titqies li tkun mmirata għal konsumaturi fl-Unjoni jekk l-operatur ekonomiku rilevanti jidderieġi, bi kwalunkwe mezz, l-attivitajiet tiegħu lejn Stat Membru wieħed jew aktar.
2. Għall-fini li jiġi ddeterminat jekk offerta hijiex immirata lejn il-konsumaturi fl-Unjoni, għandhom jitqiesu l-kriterji mhux eżawrjenti li ġejjin:
 - (a) l-użu ta' lingwa jew munita uffiċjali tal-Istati Membri,
 - (b) l-isem tad-dominju rreġistrat f'wieħed mill-Istati Membri,
 - (c) iż-żoni ġeografiċi li fihom jistgħu jintbagħtu l-prodotti.

KAPITOLU II

Rekwiżiti tas-sikurezza

Artikolu 5

Rekwiżit tas-sikurezza ġenerali

L-operaturi ekonomiċi għandhom iqiegħdu jew jagħmlu disponibbli fis-suq tal-Unjoni dawk il-prodotti biss li huma sikuri.

Artikolu 6

Preżunzjoni tas-sikurezza

1. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, prodott għandu jiġi preżunt li huwa konformi mar-rekwiżit tas-sikurezza ġenerali stabbilit fl-Artikolu 5 f'dawn il-każijiet li ġejjin:
 - (a) jekk jikkonforma mal-istandards Ewropej rilevanti jew ma' partijiet minnhom sa fejn huma kkonċernati r-riskji u l-kategoriji ta' riskju koperti, li r-referenzi tagħhom ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mal-Artikolu 10(7) tar-Regolament (UE) 1025/2012;
 - (b) fin-nuqqas ta' standards Ewropej imsemmija fil-punt (a), fir-rigward tar-riskji koperti mir-rekwiżiti tas-saħħa u s-sikurezza stabbiliti fid-dritt tal-Istat Membru fejn il-prodott isir disponibbli fis-suq, jekk ikun konformi ma' tali rekwiżiti nazzjonali.
2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jiddeterminaw ir-rekwiżiti tas-sikurezza speċifiċi meħtieġa biex tiżgura li l-prodotti li jikkonformaw mal-istandards Ewropej jissodisfaw ir-rekwiżit tas-sikurezza ġenerali stabbilit fl-Artikolu 5. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 42(3).

3. Madankollu, il-preżunzjoni tas-sikurezza skont il-paragrafu 1 ma għandhiex tipprevjeni lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq milli jieħdu azzjoni skont dan ir-Regolament meta jkun hemm evidenza li, minkejja tali konformità, il-prodott ikun perikoluż.

Artikolu 7

Aspetti għall-valutazzjoni tas-sikurezza tal-prodotti

1. Meta l-preżunzjoni tas-sikurezza stabbilita fl-Artikolu 5 ma tkunx tapplika, għandhom jitqiesu l-aspetti li ġejjin b'mod partikolari meta jiġi vvalutat jekk prodott huwiex sikur:
- (a) il-karatteristiċi tal-prodott, inklużi d-disinn tiegħu, il-karatteristiċi tekniċi, il-kompożizzjoni, l-imballaġġ, l-istruzzjonijiet għall-assemblaġġ u fejn applikabbli, għall-istallazzjoni u l-manutenzjoni;
 - (b) l-effett fuq prodotti oħra, meta jkun raġonevolment prevedibbli illi jrid jintuża ma' prodotti oħra, inkluża l-interkonnessjoni tal-prodotti bejniethom;
 - (c) l-effett li prodott oħra jista' jkollhom fuq il-prodott li għandu jiġi vvalutat, inkluż l-effett ta' oġġetti mhux inkorporati li huma maħsuba biex jiddeterminaw, ibiddlu jew ilestu l-mod kif jaħdem prodott ieħor li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, li jridu jitqiesu fil-valutazzjoni tas-sikurezza ta' dak il-prodott l-ieħor;
 - (d) il-preżentazzjoni tal-prodott, it-tikkettar, kwalunkwe twissija u istruzzjoni għall-użu sikur tiegħu u r-rimi tiegħu u kwalunkwe indikazzjoni oħra jew informazzjoni oħra li tirrigwarda l-prodott;
 - (e) il-kategoriji ta' konsumaturi f'riskju meta jużaw il-prodott, b'mod partikolari konsumaturi vulnerabbli bħat-tfal, l-anzjani, il-persuni b'diżabilità;
 - (f) id-dehra tal-prodott u b'mod partikolari meta prodott, għalkemm mhuwiex oġġett tal-ikel, jixbah oġġett tal-ikel u x'aktarx jiġi konfuż ma' oġġett tal-ikel minħabba l-għamla, ir-riħa, il-kulur, id-dehra, l-imballaġġ, l-ittikkettar, il-volum, id-daqs tiegħu jew karatteristiċi oħra;
 - (g) il-fatt li għalkemm mhux iddisinjat jew mhux maħsub għall-użu mit-tfal, il-prodott jixbah oġġett rikonoxxut b'mod komuni bħala attraenti jew maħsub għall-użu mit-tfal, minħabba d-disinn, l-imballaġġ u l-karatteristiċi tiegħu;
 - (h) il-karatteristiċi xierqa taċ-ċibersigurtà meħtieġa biex jiproteġu l-prodott minn influwenzi esterni, inklużi partijiet terzi malizzjużi, meta tali influwenza jista' jkollha impatt fuq is-sikurezza tal-prodott;
 - (i) il-funzjonalitajiet li jevolvu, ta' tagħlim u ta' tbassir ta' prodott.
2. Il-fattibbiltà li jistgħu jintlaħqu livelli ogħla ta' sikurezza jew id-disponibbiltà ta' prodott oħra li joħolqu grad inqas ta' riskju, ma għandhomx joħolqu raġunijiet biex prodott jitqies perikoluż.
3. Għall-fini tal-paragrafu 1, waqt il-valutazzjoni jekk prodott huwiex sikur, għandhom jitqiesu dawn l-aspetti li ġejjin, meta disponibbli, b'mod partikolari:
- (a) l-istandards Ewropej ħliet dawk li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippublikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mal-Artikolu 10(7) tar-Regolament (UE) 1025/2012;

- (b) standards internazzjonali;
- (c) ftehimiet internazzjonali;
- (d) skemi ta' ċertifikazzjoni volontarja jew oqfsa simili ta' valutazzjoni tal-konformità ta' partijiet terzi, b'mod partikolari dawk maħsuba biex jappoġġaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;
- (e) rakkomandazzjonijiet u linji gwida tal-Kummissjoni dwar il-valutazzjoni tas-sikurezza tal-prodotti;
- (f) standards nazzjonali mfassla fl-Istat Membru li fih il-prodott isir disponibbli;
- (g) l-oġġla livell ta' żvilupp tekniku u teknoloġija, inkluża l-opinjoni ta' korpi xjentifiċi rikonoxxuti u kumitati ta' esperti;
- (h) il-kodiċijiet tas-sikurezza tal-prodott tal-prattiki t-tajba fis-seħħ fis-settur ikkonċernat;
- (i) aspettattivi raġonevoli tal-konsumatur li jirrigwardaw is-sikurezza;
- (j) rekwiżiti tas-sikurezza adottati f'konformità mal-Artikolu 6(2).

KAPITOLU III

Obbligi tal-operaturi ekonomiċi

Taqsim 1

Artikolu 8

Obbligi tal-manifatturi

1. Il-manifatturi, meta jqiegħdu l-prodotti tagħhom fis-suq, għandhom jiżguraw li dawn ikunu ġew iddisinjati u mmanifatturati f'konformità mar-rekwiżit tas-sikurezza ġenerali stabbilit fl-Artikolu 5.
2. Il-manifatturi għandhom jinvestigaw l-ilmenti li jaslu li jikkonċernaw prodotti li jkunu għamli disponibbli fis-suq, u li jkunu ġew identifikati bħala perikolużi mill-ilmentatur, u għandhom iżommu reġistru ta' dawn l-ilmenti kif ukoll ta' sejħiet lura tal-prodotti.
 Il-manifatturi għandhom jagħmlu disponibbli pubblikament għall-konsumaturi, mezz ta' komunikazzjoni bħan-numru tat-telefon, l-indirizz elettroniku jew it-taqsim ddedikata tas-sit web tagħhom, li jippermettu lill-konsumaturi jippreżentaw ilmenti u jinfurmawhom dwar kwalunkwe inċident jew kwistjoni ta' sikurezza li jkunu esperjenzaw bil-prodott.
 Id-*data* personali maħżuna fir-reġistru tal-ilmenti għandha tkun biss dik id-*data* personali li hija meħtieġa għall-manifattur biex jinvestiga l-ilment dwar prodott perikoluż allegat. Tali *data* għandha tinżamm biss sakemm tkun meħtieġa għall-finijiet ta' investigazzjoni u mhux aktar minn ħames snin wara li tkun ġiet ikkodifikata.
3. Il-manifatturi għandhom iżommu lid-distributuri, lill-importaturi u lis-swieq online fil-katina tal-provvista kkonċernata infurmati bi kwalunkwe kwistjoni ta' sikurezza li jkunu identifikaw.

4. Il-manifatturi għandhom ifasslu dokumentazzjoni teknika tal-prodott. Id-dokumentazzjoni teknika għandu jkun fiha, kif xieraq:
 - (a) deskrizzjoni ġenerali tal-prodott u tal-proprjetajiet essenzjali tiegħu li huma rilevanti għall-valutazzjoni tas-sikurezza tal-prodott;
 - (b) analiżi tar-riskji possibbli relatati mal-prodott u s-soluzzjonijiet adottati biex jitneħħew jew jitnaqqsu dawn ir-riskji, inkluż ir-riżultat ta' kwalunkwe test li jkun għamel il-manifattur jew xi ħadd ieħor f'ismu;
 - (c) il-lista tal-istandards Ewropej imsemmija fl-Artikolu 6(1), punt a, jew l-elementi l-oħra msemmija fl-Artikolu 7(3), applikati biex jissodisfaw r-rekwiżiti tas-sikurezza ġenerali stabbilit fl-Artikolu 5.

Meta xi standards Ewropej, rekwiżiti jew elementi tas-saħħa u s-sikurezza msemmija fl-Artikolu 7(3) ikunu ġew applikati biss parzjalment, għandhom jiġu identifikati l-partijiet li ġew applikati.

5. Il-manifatturi għandhom iżommu d-dokumentazzjoni teknika għal perjodu ta' 10 snin wara li l-prodott ikun tqiegħed fis-suq, u fuq talba jagħmluha disponibbli għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.
6. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-prodotti tagħhom ikollhom numru tat-tip, tal-lott jew tas-serje jew element ieħor li jippermetti l-identifikazzjoni tal-prodott, li l-konsumaturi jkunu jistgħu jarawh u jaqrawh faċilment jew li, meta d-daqs jew in-natura tal-prodott ma jippermettux dan, tingħata l-informazzjoni meħtieġa fuq l-imballaġġ jew fid-dokument li jkun hemm mal-prodott.
7. Il-manifatturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tagħhom u l-indirizz fejn ikunu jistgħu jiġu kkuntattjati dwar il-prodott jew, jekk dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ tiegħu jew f'dokument li jakkumpanja l-prodott. L-indirizz għandu jindika punt uniku ta' kuntatt fejn jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur.
8. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-prodott tagħhom ikun akkumpanjat minn struzzjonijiet u informazzjoni dwar is-sikurezza b'lingwa li tkun tista' tinftiehem faċilment mill-konsumaturi, kif determinat mill-Istat Membru li fih il-prodott isir disponibbli. Dan ir-rekwiżit ma għandux japplika fejn il-prodott jista' jintuża b'mod sikur u kif maħsub mill-manifattur mingħajr tali struzzjonijiet u informazzjoni dwar is-sikurezza.
9. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li hemm proċeduri fis-seħħ biex il-produttjoni tas-serje tibqa' konformi mar-rekwiżiti tas-sikurezza ġenerali stabbilit fl-Artikolu 5.
10. Il-manifatturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu, abbażi tal-informazzjoni fil-pussess tagħhom, li prodott li jkunu qiegħdu fis-suq ma jkunx sikur, għandhom minnufih jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex il-prodott isir konformi, inkluż irtirar jew sejħa lura, kif xieraq.
11. Il-manifatturi għandhom, permezz tas-Safety Business Gateway msemmi fl-Artikolu 25, javżaw minnufih lill-konsumaturi dwar ir-riskju li prodott li huma mmanifatturaw jippreżenta għas-saħħa u s-sikurezza tagħhom u jinformat minnufih lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri li fihom il-prodott ikun sar disponibbli għal dak il-għan, billi jagħtu d-dettalji, b'mod partikolari, tar-riskju għas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi u ta' kwalunkwe miżura korrettiva li tkun diġà tteħdet.

Artikolu 9

Obbligi tar-rappreżentanti awtorizzati

1. Il-manifattur jista', b'mandat bil-miktub, jaħtar rappreżentant awtorizzat.
2. Rappreżentant awtorizzat għandu jwettaq il-kompiti speċifikati fil-mandat li jirċievi mill-manifattur. Il-mandat għandu jippermetti li r-rappreżentant awtorizzat iwettaq tal-inqas il-kompiti li ġejjin:
 - (a) jipprova lil awtorità tas-sorveljanza tas-suq, fuq talba motivata tagħha, bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera s-sikurezza tal-prodott b'lingwa uffiċjali li tista' tintfieh minn dik l-awtorità;
 - (b) meta jkollhom raġuni biex jemmnu li prodott inkwistjoni jippreżenta riskju, jinformaw lill-manifattur;
 - (c) jikkoopera mal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, fuq talba tagħhom, fir-rigward ta' kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġu eliminati riskji ppreżentati minn prodotti koperti mill-mandat tagħhom.

Artikolu 10

Obbligi tal-importaturi

1. Qabel iqiegħdu prodott fis-suq, l-importaturi għandhom jiżguraw li l-prodott ikun konformi mar-rekwiżit tas-sikurezza ġenerali stabbilit fl-Artikolu 5 u li l-manifattur ikun ikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8(4), (6) u (7).
2. Meta importatur iqis jew ikollu raġunijiet biex jemmen li prodott ma jkunx konformi mal-Artikolu 5 u l-Artikolu 8(4), (6) u (7), dan ma għandux iqiegħed il-prodott fis-suq sakemm ikun inġieb f'konformità. Barra minn hekk, meta prodott ma jkunx sikur, l-importatur għandu jinforma lill-manifattur u jiżgura li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ikunu informati.
3. L-importaturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata, l-indirizz postali jew elettroniku fejn jistgħu jiġu kkuntattjati dwar il-prodott jew, meta dan ma jkunx possibbli, fuq l-imbagg tiegħu jew f'dokument li jakkumpanja l-prodott. Huma għandhom jiżguraw li kwalunkwe tikketta addizzjonali ma tgħatti l-ebda informazzjoni fuq it-tikketta pprovduta mill-manifattur.
4. L-importaturi għandhom jiżguraw li l-prodott li jkunu importaw ikun akkumpanjat minn struzzjonijiet u l-informazzjoni dwar is-sikurezza b'lingwa li tkun tista' tintfieh faċilment mill-konsumaturi, kif determinat mill-Istat Membru li fih il-prodott isir disponibbli, ħliet meta l-prodott ikun jista' jintuża b'mod sikur u kif maħsub mill-manifattur mingħajr tali struzzjonijiet u informazzjoni dwar is-sikurezza.
5. L-importaturi għandhom jiżguraw li, waqt li l-prodott ikun taħt ir-responsabbiltà tagħhom, il-kundizzjonijiet tal-ħażna jew tat-trasport ma jkunux qed ipoġġu f'periklu l-konformità tiegħu mar-rekwiżit tas-sikurezza ġenerali stabbilit fl-Artikolu 5 u l-konformità tiegħu mal-Artikolu 8(6) u (7).
6. L-importaturi għandhom jinvestigaw l-ilmenti, relatati mal-prodotti li jkunu għamli disponibbli fis-suq u jirreġistraw dawn l-ilmenti, kif ukoll is-sejnhiet lura tal-prodotti, fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 8(2), l-ewwel subparagrafu jew fir-reġistru tagħhom

stess. L-importaturi għandhom iżommu lill-manifattur u lid-distributuri infurmati dwar l-investigazzjoni mwettqa u dwar ir-riżultati tal-investigazzjoni.

L-importaturi għandhom jiżguraw li l-mezzi ta' komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(2), it-tieni subparagrafu jkunu disponibbli għall-konsumaturi biex jippermettu lill-konsumaturi jippreżentaw ilmenti u jikkomunikaw kwalunkwe inċident jew kwistjoni ta' sikurezza li jkunu esperjenzaw bil-prodott. Jekk dawn il-mezzi ma jkunux disponibbli, l-importatur għandu jipprovdihom.

Id-*data* personali maħżuna fir-reġistru tal-ilmenti għandha tkun biss dik id-*data* personali li hija meħtieġa għall-importatur biex jinvestiga l-ilment dwar prodott perikoluż allegat. Tali *data* għandha tinżamm biss sakemm tkun meħtieġa għall-finijiet ta' investigazzjoni u mhux aktar minn ħames snin wara li tkun ġiet ikkodifikata.

7. L-importaturi għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u mal-manifattur biex jiżguraw li prodott ikun sikur.
8. L-importaturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu, abbażi tal-informazzjoni fil-pussess tagħhom, li prodott li jkunu qiegħdu fis-suq ma jkunx sikur għandhom jinformat minnufih lill-manifattur u jiżguraw li jiġu adottati l-miżuri korrettivi meħtieġa biex il-prodott isir konformi, inkluż l-irtirar jew is-sejħa lura, kif xieraq. F'każ li dawn il-miżuri ma jkunux ġew adottati, l-importatur għandu jadottahom. L-importaturi għandhom jiżguraw li, permezz tas-Safety Business Gateway imsemmi fl-Artikolu 25, il-konsumaturi jiġu mgħarrfa minnufih u b'mod effettiv bir-riskju fejn applikabbli u li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri li fihom ikunu għamlu l-prodott disponibbli għal dak il-għan jiġu infurmati minnufih, filwaqt li jagħtu d-dettalji, b'mod partikolari, tar-riskju għas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi u ta' kwalunkwe miżura korrettiva li tkun diġà ttieħdet.
9. L-importaturi għandhom iżommu d-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Artikolu 8(4) għal perjodu ta' 10 snin wara li l-prodott ikun tqiegħed fis-suq, u fuq talba jagħmluha disponibbli għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

Artikolu 11

Obbligi tad-distributuri

1. Qabel jagħmlu prodott disponibbli fis-suq, id-distributuri għandhom jivverifikaw li l-manifattur u l-importatur ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8(6), (7) u (8) u mal-Artikolu 10(3) u (4), kif applikabbli.
2. Id-distributuri għandhom jiżguraw li, waqt li l-prodott ikun taħt ir-responsabbiltà tagħhom, il-kundizzjonijiet tal-ħażna jew tat-trasport ma jkunux qed ipoġġu f'periklu l-konformità tiegħu mar-rekwiżit tas-sikurezza ġenerali stabbilit fl-Artikolu 5 u l-konformità tiegħu mal-Artikolu 8(6), (7) u (8) u l-Artikolu 10(3) u (4), kif applikabbli.
3. Id-distributuri li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu, abbażi tal-informazzjoni fil-pussess tagħhom, li prodott ma jkunx konformi mad-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, ma għandhomx jagħmlu l-prodott disponibbli fis-suq sakemm ikun inġieb f'konformità. Barra minn hekk, meta l-prodott ma jkunx sikur, id-distributur għandu jinforma minnufih lill-manifattur jew lill-importatur, kif applikabbli, għal dak il-għan u għandu jiżgura li, permezz tas-Safety Business Gateway msemmija fl-Artikolu 25, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ikunu infurmati.

4. Id-distributuri li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu, abbażi tal-informazzjoni fil-pussess tagħhom, li prodott li huma jkunu għamli disponibbli fis-suq ma jkunx sikur jew ma jkunx konformi mal-Artikolu 8(6), (7) u (8) u mal-Artikolu 10(3) u (4), kif applikabbli, għandhom jiżguraw li jittieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex dan il-prodott isir konformi, inkluż l-irtirar jew is-sejħa lura, kif xieraq. Barra minn hekk, meta l-prodott ma jkunx sikur, id-distributuri għandhom jinformat minnufih lill-manifattur jew lill-importatur, kif applikabbli, għal dak il-għan u għandhom jiżguraw li, permezz tas-Safety Business Gateway imsemmija fl-Artikolu 25, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru li fih ikunu għamli l-prodott disponibbli għal dak il-għan jiġu infurmati, filwaqt li jagħtu d-dettalji, b'mod partikolari, tar-riskju għas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi u ta' kwalunkwe miżura korrettiva li tkun ittieħdet.

Artikolu 12

Każijiet li fihom l-obbligi tal-manifatturi japplikaw għal operaturi ekonomiċi oħra

1. Persuna fiżika jew ġuridika, minbarra l-manifattur, li timmodifika l-prodott sostanzjalment, għandha titqies bħala manifattur għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u għandha tkun soġġetta għall-obbligi tal-manifattur stabbiliti fl-Artikolu 8 għall-parti tal-prodott affettwata mill-modifika jew, għall-prodott kollu jekk il-modifika sostanzjali jkollha impatt fuq is-sikurezza tiegħu.
2. Modifika għandha titqies bħala sostanzjali meta jiġu sodisfatti t-tliet kriterji li ġejjin:
 - (a) il-modifika tbiddel il-funzjonijiet, it-tip jew il-prestazzjoni maħsuba tal-prodott b'mod li ma kienx previst fil-valutazzjoni inizjali tar-riskju tal-prodott;
 - (b) in-natura tal-periklu tkun inbidlet jew il-livell ta' riskju jkun żdied minħabba l-modifika;
 - (c) il-bidliet ma sarux mill-konsumatur għall-użu tiegħu stess.

Artikolu 13

Proċessi interni għas-sikurezza tal-prodotti

L-operaturi ekonomiċi għandhom jiżguraw li jkollhom fis-seħħ proċessi interni għas-sikurezza tal-prodotti, li jippermettulhom jirrispettaw ir-rekwiżit tas-sikurezza ġenerali stabbilit fl-Artikolu 5.

Artikolu 14

Kooperazzjoni tal-operaturi ekonomiċi mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq

1. L-operaturi ekonomiċi għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fir-rigward ta' azzjonijiet li jistgħu jeliminaw jew inaqqsu r-riskji ppreżentati minn prodotti disponibbli fis-suq minn dawk l-operaturi.
2. Fuq talba ta' awtorità tas-sorveljanza tas-suq, l-operatur ekonomiku għandu jipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa, u b'mod partikolari:
 - (a) deskrizzjoni sħiħa tar-riskju ppreżentat mill-prodott;
 - (b) deskrizzjoni ta' kwalunkwe miżura korrettiva meħuda biex tindirizza r-riskju.
3. Fuq talba, l-operaturi ekonomiċi għandhom jidentifikaw u jikkomunikaw ukoll l-informazzjoni li ġejja:

- (a) kwalunkwe operatur ekonomiku li jkun fornihom bil-prodott;
 - (b) kwalunkwe operatur ekonomiku li huma jkunu fornnew bil-prodott.
4. L-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu jistgħu jippreżentaw l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għal perjodu ta' 10 snin wara li jkunu ġew furnuti bil-prodott u għal perjodu ta' 10 snin wara li jkunu fornnew il-prodott, fejn rilevanti.
 5. L-operaturi ekonomiċi għandhom jiżguraw li l-miżura korrettiva meħuda tkun effettiva fl-eliminazzjoni jew fil-mitigazzjoni tar-riskji. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jistgħu jitolbu lill-operaturi ekonomiċi jissottomettu rapporti ta' progress regolari u jiddeċiedu jekk il-miżura korrettiva tistax titqies bħala kompluta jew meta tista' titqies bħala kompluta.

Artikolu 15

Persuna responsabbli għall-prodotti mqiegħda fis-suq tal-Unjoni

1. L-Artikolu 4(1), (2) u (3) tar-Regolament (UE) 2019/1020 għandu japplika wkoll għall-prodotti koperti minn dan ir-Regolament. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, ir-referenzi għal “leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni” fl-Artikolu 4(1), (2) u (3) tar-Regolament (UE) 2019/1020 għandhom jinqraw bħala “Regolament [...]”.
2. Minbarra l-kompiti msemmija fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2019/1020, l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2019/1020 għandu perjodikament iwettaq ittestjar ta' kampjuni ta' prodotti magħżula b'mod aleatorju disponibbli fis-suq. Meta l-prodotti disponibbli fis-suq ikunu ġew soġġetti għal deċiżjoni tal-Kummissjoni adottata skont l-Artikolu 26(1) ta' dan ir-Regolament, l-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2019/1020 għandu jwettaq, mill-inqas darba fis-sena, għad-durata kollha tad-deċiżjoni, ittestjar ta' kampjuni rappreżentattivi ta' prodotti disponibbli fis-suq magħżula taħt il-kontroll ta' uffiċjal ġudizzjarju jew ta' kwalunkwe persuna kkwalfikata maħtura mill-Istat Membru fejn jinsab l-operatur ekonomiku.
3. L-isem, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata, u d-dettalji ta' kuntatt, inkluż l-indirizz postali u elettroniku, tal-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2019/1020 għandhom jiġu indikati fuq il-prodott jew fuq l-imballaġġ tiegħu, il-pakkett jew dokument ta' akkumpanjament.

Artikolu 16

Informazzjoni għall-operaturi ekonomiċi

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċeduri għall-għoti ta' informazzjoni lill-operaturi ekonomiċi, fuq talba tagħhom u mingħajr ħlas, fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 17

Traċċabilità tal-prodotti

1. Għal ċerti prodotti, kategoriji jew gruppi ta' prodotti, li huma suxxettibbli li jkollhom riskju gravi għas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi, abbażi tal-inċidenti reġistrati fis-Safety Business Gateway, l-istatistika tas-Safety Gate, ir-riżultati tal-attivitajiet konġunti dwar is-sikurezza tal-prodotti u indikaturi jew evidenza rilevanti oħra, il-

Kummissjoni tista' tirrikjedi li l-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu u jagħmlu disponibbli dawk il-prodotti fis-suq, jistabbilixxu jew jaderixxu għal sistema ta' traċċabbiltà.

2. Is-sistema ta' traċċabbiltà għandha tikkonsisti fil-ġbir u l-ħżin ta' *data* b'mezzi elettroniċi li jippermettu l-identifikazzjoni tal-prodott, il-komponenti tiegħu jew tal-operaturi ekonomiċi involuti fil-katina tal-provvista tiegħu kif ukoll fil-modalitajiet biex tintwera u tiġi aċċessata dik id-*data*, inkluż it-tqegħid ta' trasportatur tad-*data* fuq il-prodott, fuq l-imballaġġ tiegħu jew fid-dokumenti ta' akkumpanjament.
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 41 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi:
 - (a) tiddetermina l-prodotti, il-kategoriji jew il-gruppi tal-prodotti suxxettibbli li jkollhom riskju gravi għas-saħħa u s-sikurezza tal-persuni kif imsemmi fil-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tiddikjara fl-atti delegati kkonċernati jekk tkunx użat il-metodoloġija tal-analiżi tar-riskju prevista fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/417⁴¹ jew, jekk dik il-metodoloġija ma tkunx xierqa għall-prodott ikkonċernat, hija għandha tagħti deskrizzjoni dettaljata tal-metodoloġija użata;
 - (b) tispeċifika t-tip tad-*data* li għandhom jiġbru u jaħżnu l-operaturi ekonomiċi permezz tas-sistema ta' traċċabbiltà kif imsemmi fil-paragrafu 2;
 - (c) il-modalitajiet biex tintwera u tiġi aċċessata d-*data*, inkluż it-tqegħid ta' trasportatur tad-*data* fuq il-prodott, fuq l-imballaġġ tiegħu jew id-dokumenti ta' akkumpanjament kif imsemmi fil-paragrafu 2.
4. Fl-adozzjoni tal-miżuri msemmija fil-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha tqis:
 - (a) il-kosteffettività tal-miżuri, inkluż l-impatt tagħhom fuq in-negozji b'mod partikolari intrapriżi żgħar u medji;
 - (b) il-kompatibbiltà mas-sistemi ta' traċċabbiltà disponibbli fil-livell tal-Unjoni jew f'livell internazzjonali.

Taqsimha 2

Artikolu 18

Obbligi tal-operaturi ekonomiċi fil-każ ta' bejgħ mill-bogħod

Meta l-prodotti jsiru disponibbli fis-suq online jew permezz ta' mezzi oħra ta' bejgħ mill-bogħod mill-operaturi ekonomiċi rilevanti, l-offerta rilevanti tal-prodott għandha tindika b'mod ċar u viżibbli mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

- (a) l-isem, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tal-manifattur, kif ukoll l-indirizz postali jew elettroniku fejn jistgħu jiġu kkuntattjati;

⁴¹ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/417 tat-8 ta' Novembru 2018 li tiffissa linji gwida għall-ġestjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni Rapida tal-Unjoni Ewropea "RAPEX" stabbilita skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2001/95/KE dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti u s-sistema ta' notifika tagħha (ĠU L 73, 15.3.2019, p. 121).

- (b) f'każ li l-manifattur ma jkunx stabbilit fl-Unjoni, l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon u l-indirizz elettroniku tal-persuna responsabbli skont it-tifsira tal-Artikolu 15(1);
- (c) informazzjoni biex jiġi identifikat il-prodott, inkluż it-tip u, fejn disponibbli, in-numru tal-lott jew tas-serje tiegħu u kwalunkwe identifikatur ieħor tal-prodott;
- (d) kwalunkwe twissija jew informazzjoni dwar is-sikurezza li għandha titwaħħal fuq il-prodott jew li takkumpanjah f'konformità ma' dan ir-Regolament jew mal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni b'lingwa li tista' tinftiehem faċilment mill-konsumaturi.

Artikolu 19

Obbligi tal-operaturi ekonomiċi f'każ ta' inċidenti jew kwistjonijiet ta' sikurezza relatati mal-prodotti

1. Il-manifattur għandu jiżgura li, permezz tas-Safety Business Gateway imsemmi fl-Artikolu 25, inċident ikkawżat minn prodott imqiegħed jew disponibbli fis-suq jiġi nnotifikat lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn seħħ l-inċident fi żmien jumejn tax-xogħol mill-mument li jkun sar jaf dwar l-inċident. In-notifika għandha tinkludi t-tip u n-numru ta' identifikazzjoni tal-prodott kif ukoll iċ-ċirkostanzi tal-inċident jekk ikunu magħrufa. Il-manifattur għandu jinnotifika, fuq talba, lill-awtoritajiet kompetenti kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra.
2. L-importaturi u d-distributuri li jkunu jafu b'inċident ikkawżat minn prodott li jkunu qiegħdu jew għamlu disponibbli fis-suq għandhom jinfurmaw lill-manifattur, li jista' jagħti struzzjonijiet lill-importatur jew lil wieħed mid-distributuri biex jipproċedu bin-notifika.

KAPITOLU IV

Swieq online

Artikolu 20

Obbligi speċifiċi tas-swieq online relatati mas-sikurezza tal-prodotti

1. Is-swieq online għandhom jistabbilixxu punt uniku ta' kuntatt li jippermetti komunikazzjoni diretta mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' sikurezza tal-prodotti, b'mod partikolari għal ordnijiet li jikkonċernaw offerti ta' prodotti perikolużi.
Is-swieq online għandhom jirreġistraw mal-portal Safety Gate u jindikaw fuq il-portal l-informazzjoni dwar il-punt uniku ta' kuntatt tagħhom.
2. F'dak li jikkonċerna s-setgħat mogħtija mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2019/1020, l-Istati Membri għandhom jagħtu lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tagħhom is-setgħa, għall-prodotti kollha koperti minn dan ir-Regolament, sabiex jordnaw lil suq online biex ineħħi kontenut illegali speċifiku li jirreferi għal prodott perikoluż mill-interfaċċa online tiegħu, jiddiżattiva l-aċċess għalih jew juri twissija espliċita lill-utenti finali meta jaċċessawh. Dawn l-ordnijiet għandu jkun fihom dikjarazzjoni tar-raġunijiet u għandhom jispeċifikaw

lokatur jew lokaturi uniformi tar-riżorsi preċiżi u, fejn meħtieġ, informazzjoni addizzjonali li tippermetti l-identifikazzjoni tal-kontenut illegali kkonċernat. Dawn jistgħu jiġu trażmessi permezz tal-portal Safety Gate.

Is-swieq online għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jirċievu u jipproċessaw l-ordnijiet maħruġa f'konformità ma' dan il-paragrafu. Huma għandhom jaġixxu mal-wasla tal-ordni maħruġa mingħajr dewmien żejjed, u fi kwalunkwe każ fi żmien jumejn tax-xogħol fl-Istat Membru fejn jopera s-suq online, mill-wasla tal-ordni. Huma għandhom jinfurmaw lill-awtorità tas-sorveljanza tas-suq emittenti dwar l-effett mogħti lill-ordni billi jużaw il-kuntatti tal-awtorità tas-sorveljanza tas-suq ippubblikati fis-Safety Gate.

3. Is-swieq online għandhom iqisu l-informazzjoni regolari dwar prodotti perikolużi nnotifikata mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq f'konformità mal-Artikolu 24, riċevuta permezz tal-portal Safety Gate, għall-fini tal-applikazzjoni tal-miżuri volontarji tagħhom immirati lejn l-identifikazzjoni, it-tneħħija jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għall-kontenut illegali li jirreferi għal prodotti perikolużi offruti fis-suq tagħhom, fejn applikabbli. Huma għandhom jinfurmaw lill-awtorità li tkun għamlet in-notifika fis-Safety Gate dwar kwalunkwe azzjoni meħuda billi jużaw il-kuntatti tal-awtorità tas-sorveljanza tas-suq ippubblikati fis-Safety Gate.
4. Is-swieq online għandhom jagħtu tweġiba xierqa mingħajr dewmien żejjed, u fi kwalunkwe każ fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol, fl-Istat Membru fejn jopera s-suq online, għal avviżi relatati ma' kwistjonijiet ta' sikurezza tal-prodotti u prodotti perikolużi riċevuti f'konformità mal-[Artikolu 14] tar-Regolament (UE) [.../...] dwar Suq Intern għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE.
5. Għall-finijiet tar-rekwiżiti tal-Artikolu 22(7) tar-Regolament (UE) [.../...] dwar Suq Intern għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE, is-swieq online għandhom ifasslu u jorganizzaw l-interfaċċa online tagħhom b'mod li l-kummerċjanti jkunu jistgħu jipprovdu l-informazzjoni li ġejja għal kull prodott offrut u jiżguraw li din tintwera jew li b'xi mod ieħor tkun faċilment aċċessibbli mill-konsumaturi fuq l-ejenkar tal-prodott:
 - (a) l-isem, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tal-manifattur, kif ukoll l-indirizz postali jew elettroniku fejn jistgħu jiġu kkuntattjati;
 - (b) meta l-manifattur ma jkunx stabbilit fl-Unjoni, l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon u l-indirizz elettroniku tal-persuna responsabbli skont it-tifsira tal-Artikolu 15(1);
 - (c) informazzjoni biex jiġi identifikat il-prodott, inkluż it-tip u, fejn disponibbli, in-numru tal-lott jew tas-serje tiegħu u kwalunkwe identifikatur ieħor tal-prodott;
 - (d) kwalunkwe twissija jew informazzjoni dwar is-sikurezza li għandha titwaħħal fuq il-prodott jew li takkumpanjah f'konformità ma' dan ir-Regolament jew mal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni b'lingwa li tista' tinftiehem faċilment mill-konsumaturi.
6. Is-swieq online għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u ma' operaturi ekonomiċi rilevanti biex jiffaċilitaw kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġu eliminati jew, jekk dan ma jkunx possibbli, biex jittaffew ir-riskji ppreżentati

minn prodott li huwa jew kien offrut għall-bejgħ online permezz tas-servizzi tagħhom. Tali kooperazzjoni għandha tinkludi, b'mod partikolari:

- (a) kooperazzjoni biex jiġu żgurati sejħiet lura effettivi tal-prodotti, inkluż billi jiġi evitat li jitqiegħdu ostakli għas-sejħiet lura tal-prodotti;
- (b) li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jiġu infurmati bi kwalunkwe azzjoni meħuda;
- (c) kooperazzjoni mal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, inkluż l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi, permezz ta' skambju regolari u strutturat ta' informazzjoni dwar offerti li tneħħew abbażi ta' dan l-Artikolu minn swieq online;
- (d) li jiġi permess l-aċċess għall-interfaċċi tagħhom għall-għodod online mħaddma mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq biex jidentifikaw prodotti perikolużi;
- (e) fuq talba tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, meta s-swieq online jew il-bejgiegħa online ikunu daħħlu fis-seħħ ostakli tekniċi għall-estrazzjoni tad-*data* mill-interfaċċi online tagħhom (scraping tad-*data*), jiġi permess li tali *data* tiġi estratta għall-finijiet ta' sikurezza tal-prodotti abbażi tal-parametri ta' identifikazzjoni pprovduti mill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq li jagħmlu t-talba.

KAPITOLU V

Sorveljanza u implimentazzjoni tas-suq

Artikolu 21

Sorveljanza tas-Suq

1. L-Artikoli 10 sa 16, l-Artikoli 18 u 19 u l-Artikoli 21 sa 24 tar-Regolament (UE) 2019/1020 għandhom japplikaw għall-prodotti koperti minn dan ir-Regolament.
2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, ir-Regolament (UE) 2019/1020 għandu jiġi applikat kif ġej:
 - (a) ir-referenzi għal-“leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni” fl-Artikoli 10 sa 16, l-Artikoli 18 u 19 u l-Artikoli 21 sa 24 tar-Regolament (UE) 2019/1020 għandhom jinqraw bħala referenzi għal “dan ir-Regolament”;
 - (b) ir-referenza għal “dik il-leġiżlazzjoni u ma’ dan ir-Regolament” fl-Artikolu 11(1), punt b tar-Regolament (UE) 2019/1020 għandha tinqara bħala “ir-Regolament [...]”;
 - (c) ir-referenzi għan-“Network” fl-Artikoli 10 sa 16, l-Artikoli 18 u 19 u l-Artikoli 21 sa 24 tar-Regolament (UE) 2019/1020 għandhom jinqraw bħala referenzi għan-“Network u n-Network tas-Sikurezza tal-Konsumatur imsemmi fl-Artikolu 28 ta’ dan ir-Regolament”;
 - (d) ir-referenzi għal “nuqqas ta’ konformità” fl-Artikoli 10 sa 16, l-Artikoli 18 u 19 u l-Artikoli 21 sa 24 tar-Regolament (UE) 2019/1020 għandhom jinqraw bħala referenza għal “nuqqas ta’ konformità ma’ dan ir-Regolament”;

- (e) ir-referenza għall-“Artikolu 41” fl-Artikolu 14(4), punt (i) tar-Regolament (UE) 2019/1020 għandha tinqara bħala referenza għall-“Artikolu 40 ta’ dan ir-Regolament”;
 - (f) ir-referenza għall-“Artikolu 20” fl-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) 2019/1020 għandha tinqara bħala referenza għall-“Artikolu 24 ta’ dan ir-Regolament”.
3. Meta prodott perikoluż ikun ġie identifikat, il-manifattur għandu jindika, fuq talba mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, liema prodotti oħra, manifatturati bl-istess proċedura, li jkun fihom l-istess komponenti jew li jkunu parti mill-istess lott ta’ produzzjoni, ikunu affettwati mill-istess riskju.
 4. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jistgħu jistabbilixxu skemi li jiffukaw fuq il-kontroll tal-proċessi interni għas-sikurezza tal-prodotti stabbiliti mill-operaturi ekonomiċi skont l-Artikolu 13.

Artikolu 22

Implimentazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, darba fis-sena, *data* li tikkonċerna l-implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament.
2. Il-Kummissjoni, permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni, għandha tiddetermina l-indikaturi tal-output li abbażi tagħhom l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw din id-*data*. Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f’konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 42(3).

KAPITOLU VI

Sistema ta’ twissija rapida Safety Gate

Artikolu 23

Safety Gate

1. Il-Kummissjoni għandha tkompli tiżviluppa u żżomm sistema ta’ twissija rapida għall-iskambju ta’ informazzjoni dwar miżuri korrettivi li jikkonċernaw prodotti perikolużi (“is-Safety Gate”).
2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandu jkollhom aċċess għas-Safety Gate. Għal dak il-għan, kull Stat Membru għandu jaħtar punt uniku ta’ kuntatt nazzjonali li għandu jwettaq il-kompiti previsti fl-Artikolu 24(1) sa (6).

Artikolu 24

Notifika permezz tas-Safety Gate dwar prodotti li jgħolqu riskju

1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw, fis-Safety Gate, il-miżuri korrettivi meħuda mill-awtoritajiet tagħhom jew mill-operaturi ekonomiċi:
 - (a) abbażi tad-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament fir-rigward ta’ prodotti li jgħolqu riskju għas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi;

- (b) abbażi tar-Regolament (UE) 2019/1020 fir-rigward ta' prodotti li joħlqu riskju serju, f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2019/1020.
2. L-Istati Membri jistgħu jinnotifikaw, fis-Safety Gate, miżuri korrettivi meħuda mill-awtoritajiet tagħhom jew mill-operaturi ekonomiċi abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni u r-Regolament (UE) 2019/1020 fir-rigward ta' prodotti li joħlqu riskju inqas minn serju.
In-notifika għandha tiġi ppreżentata fis-Safety Gate fi żmien jumejn tax-xogħol mill-adozzjoni tal-miżura korrettiva.
 3. Malli tirċievi notifika, il-Kummissjoni għandha tivverifika jekk tikkonformax ma' dan l-Artikolu u mar-rekwiżiti relatati mat-tħaddim tas-Safety Gate ddefiniti mill-Kummissjoni abbażi tal-paragrafu 7 u għandha tittrażmettiha lill-Istati Membri l-oħra jekk ikun hemm konformità mar-rekwiżiti.
 4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw mingħajr dewmien, fis-Safety Gate, kwalunkwe aġġornament, modifika jew irtirar tal-miżuri korrettivi msemmija fil-paragrafu 1.
 5. Meta Stat Membru jinnotifika miżuri korrettivi meħuda fir-rigward ta' prodotti li joħlqu riskju serju, l-Istati Membri l-oħra għandhom jinnotifikaw, fis-Safety Gate, il-miżuri u l-azzjonijiet meħuda sussegwentement fir-rigward tal-istess prodotti u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra, inklużi r-riżultati ta' kwalunkwe test jew analiżi mwettqa fi żmien jumejn tax-xogħol mill-adozzjoni tal-azzjonijiet jew tal-miżuri.
 6. Jekk il-Kummissjoni tidentifika prodotti li x'aktarx joħlqu riskju serju u li għalihom l-Istati Membri ma jkunux ippreżentaw notifika fis-Safety Gate, hija għandha tinforma lill-Istati Membri. L-Istati Membri għandhom iwettqu l-verifiki xierqa u, jekk jadottaw miżuri, jinnotifikawhom fis-Safety Gate f'konformità mal-paragrafu 1.
 7. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa interfaċċa bejn is-sistema ta' informazzjoni u komunikazzjoni imsemmija fl-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2019/1020 u s-Safety Gate, sakemm tevita d-dħul ta' data doppja u tippermetti li jiġi attivat abbozz ta' notifika tas-Safety Gate mis-sistema ta' informazzjoni u komunikazzjoni.
 8. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw l-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu, u b'mod partikolari l-aċċess għas-sistema, it-tħaddim tas-sistema u l-informazzjoni li għandha tiddaħħal fis-sistema, ir-rekwiżiti li n-notifiki jridu jissodisfaw u l-kriterji biex jiġi vvalutat il-livell ta' riskju. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 42(3).

Artikolu 25

Safety Business Gateway

1. Il-Kummissjoni għandha żżomm web portal li jippermetti lill-operaturi ekonomiċi jipprovdu lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u lill-konsumaturi bl-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 8(11), 9(2) punt c), 10(8), 11(3), 11(4) u l-Artikolu 19.
2. Il-Kummissjoni għandha tfassal linji gwida għall-implimentazzjoni Prattika tas-Safety Business Gateway.

KAPITOLU VII

Rwol tal-Kummissjoni u koordinazzjoni tal-infurzar

Artikolu 26

Azzjoni tal-Unjoni kontra prodotti li joħlqu riskju serju

1. Jekk il-Kummissjoni ssir taf bi prodott, jew kategorija jew grupp speċifiku ta' prodotti li joħlqu riskju serju għas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi, hija tista' tiegħu kwalunkwe miżura xierqa, fuq inizzjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Istati Membri, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, adattati għall-gravità u l-urġenza tas-sitwazzjoni jekk, fl-istess ħin:
 - (a) jirriżulta mill-konsultazzjonijiet minn qabel mal-Istati Membri illi huma jiddifferixxu b'mod sinifikanti dwar l-approċċ adottat jew li għandu jiġi adottat sabiex jiġi ttrattat ir-riskju; u
 - (b) ir-riskju ma jistax jiġi ttrattat, minħabba n-natura tal-kwistjoni tas-sikurezza kkawżata mill-prodott, jew mill-kategorija jew il-grupp speċifiku ta' prodotti, b'mod kompatibbli mal-grad tal-gravità jew l-urġenza tal-każ, skont il-proċeduri l-oħra stabbiliti bil-leġiżlazzjoni speċifika tal-Unjoni applikabbli għall-prodotti kkonċernati; u
 - (c) ir-riskju jista' jiġi eliminat biss b'mod effettiv billi jiġu adottati l-miżuri xierqa applikabbli fil-livell tal-Unjoni, sabiex jiġi żgurat livell konsistenti u għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu miżuri li jipprojbixxu, jissospendu jew jirrestrinġu t-tqegħid jew id-disponibbiltà fis-suq ta' tali prodotti jew li jistabbilixxu kundizzjonijiet speċjali għall-kummerċjalizzazzjoni tagħhom, sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-sikurezza tal-konsumatur.

F'dawk l-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi l-miżuri ta' kontroll xierqa li għandhom jittiegħdu mill-Istati Membri biex tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tagħhom.

2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 42(3). L-att ta' implimentazzjoni għandu jiddetermina d-data, minn meta ma jibqax japplika.
3. Għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati marbuta mal-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 42(4).
4. L-esportazzjoni mill-Unjoni ta' prodott li ġie pprojbit milli jitqiegħed jew ikun disponibbli fis-suq tal-Unjoni skont miżura adottata f'konformità mal-paragrafu 1 jew 3 għandha tiġi pprojbita, sakemm il-miżura ma tippermettix dan espressament.
5. Kwalunkwe Stat Membru jista' jissottometti talba motivata lill-Kummissjoni biex teżamina l-hteġa għall-adozzjoni ta' miżura msemmija fil-paragrafu 1 jew 3.

Artikolu 27

Mekkaniżmu ta' arbitraġġ

1. Prodotti li tqiesu perikolużi abbażi ta' deċiżjoni ta' awtorità tas-sorveljanza tas-suq fi Stat Membru wieħed għandhom ikunu preżunti perikolużi mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fi Stati Membri oħra.
2. Meta l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fi Stati Membri oħra jilhqqu konklużjoni differenti f'termini ta' identifikazzjoni jew livell tar-riskju abbażi tal-investigazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskju tagħhom stess, l-Istati Membri kkonċernati jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni biex tarbitra. F'dak il-każ, il-Kummissjoni għandha tistieden lill-Istati Membri kollha biex jesprimu rakkomandazzjoni.
3. Filwaqt li tqis ir-rakkomandazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tadotta opinjoni dwar l-identifikazzjoni jew il-livell tar-riskju tal-prodott rilevanti kif xieraq.
4. L-opinjoni għandha titqies kif xieraq mill-Istati Membri.
5. Il-Kummissjoni għandha tfassal linji gwida għall-implimentazzjoni prattika ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 28

Network tas-Sikurezza tal-Konsumatur

1. Għandu jiġi stabbilit network Ewropew tal-awtoritajiet tal-Istati Membri kompetenti għas-sikurezza tal-prodotti ("Network tas-Sikurezza tal-Konsumatur").
2. Il-Kummissjoni għandha tippromwovi u tiegħu sehem fit-tħaddim tan-*Network tas-Sikurezza tal-Konsumatur*, b'mod partikolari fil-forma ta' kooperazzjoni amministrattiva.
3. L-objettiv ta' dak in-*Network tas-Sikurezza tal-Konsumatur* għandu jkun, b'mod partikolari, li jiffaċilita:
 - (a) l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-valutazzjoni tar-riskji, il-prodotti perikolużi, il-metodi u r-riżultati tat-testijiet, l-iżviluppi xjentifiċi reċenti kif ukoll aspetti oħra rilevanti għall-attivitajiet tal-kontroll;
 - (b) l-istabbiliment u l-eżekuzzjoni ta' proġetti konġunti ta' sorveljanza u testijiet;
 - (c) l-iskambju tal-għarfien espert u tal-aħjar prattiki u l-kooperazzjoni f'attivitajiet ta' taħriġ;
 - (d) il-kooperazzjoni mtejba fil-livell tal-UE rigward l-intraċċar, l-irtirar u s-sejħa lura tal-prodotti perikolużi;
 - (e) il-kooperazzjoni msaħħa dwar l-infurzar tas-sikurezza tal-prodotti bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari, biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 30.
4. In-*Network tas-Sikurezza tal-Konsumatur* għandu jikkoordina l-azzjoni tiegħu mal-attivitajiet l-oħra eżistenti tal-Unjoni.
5. In-*Network tas-Sikurezza tal-Konsumatur* għandu jkun irrappreżentat kif xieraq u jipparteċipa fl-attivitajiet tan-*Network tal-Unjoni għall-Konformità tal-Prodotti* stabbilit skont l-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2019/1020 u għandu jikkontribwixxi għall-attivitajiet tiegħu fir-rigward tas-sikurezza tal-prodotti biex tiġi

żgurata koordinazzjoni adegwata tal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq kemm f'oqsma armonizzati kif ukoll f'oqsma mhux armonizzati.

Artikolu 29

Attivitajiet konġunti dwar is-sikurezza tal-prodotti

1. Fil-qafas tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 28(3), punt (b), l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jistgħu jaqblu ma' awtoritajiet rilevanti oħra jew ma' organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-operaturi ekonomiċi jew lill-konsumaturi biex iwettqu attivitajiet immirati biex jiżguraw is-sikurezza u l-protezzjoni tas-saħħa tal-konsumaturi fir-rigward ta' kategoriji speċifiċi ta' prodotti mqiegħda jew disponibbli fis-suq, b'mod partikolari kategoriji ta' prodotti li spiss jinstabu li joħlqu riskju serju.
2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u l-Kummissjoni, fejn applikabbli, għandhom jiżguraw li l-ftehim li jitwettqu attivitajiet ma jwassalx għal kompetizzjoni inġusta bejn l-operaturi ekonomiċi u ma jaffettwax l-oġġettività, l-indipendenza u l-imparzjalità tal-partijiet fil-ftehim.
3. Awtorità tas-sorveljanza tas-suq tista' tuża kwalunkwe informazzjoni li tirriżulta minn attivitajiet imwettqa bħala parti minn kwalunkwe investigazzjoni li twettaq rigward is-sikurezza tal-prodotti.
4. L-awtorità tas-sorveljanza tas-suq ikkonċernata u l-Kummissjoni, fejn applikabbli, għandhom jagħmlu l-ftehim dwar attivitajiet konġunti, inklużi l-ismijiet tal-partijiet involuti, disponibbli għall-pubbliku.

Artikolu 30

Sweeps

1. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jistgħu jiddeċiedu li jwettqu azzjonijiet simultanji kkoordinati ta' kontroll ("sweeps") ta' kategoriji ta' prodotti partikolari biex jivverifikaw il-konformità ma' dan ir-Regolament jew biex jidentifikaw ksur ta' dan ir-Regolament.
2. Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ikkonċernati, is-sweeps għandhom jiġu kkoordinati mill-Kummissjoni. Il-koordinatur tas-sweep jista', fejn xieraq, jagħmel ir-riżultati aggregati disponibbli għall-pubbliku.
3. Meta jwettqu sweeps, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq involuti jistgħu jużaw is-setgħat ta' investigazzjoni stabbiliti fil-Kapitolu V u kwalunkwe setgħa oħra mogħtija lilhom mid-dritt nazzjonali.
4. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jistgħu jistiednu lill-uffiċjali tal-Kummissjoni, u lil persuni oħra li jakkumpanjawhom awtorizzati mill-Kummissjoni, biex jipparteċipaw fis-sweeps.

KAPITOLU VIII

Dritt għall-informazzjoni u għal rimedju

Artikolu 31

Informazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-konsumaturi

1. L-informazzjoni disponibbli lill-awtoritajiet tal-Istati Membri jew lill-Kummissjoni fir-rigward tal-miżuri dwar prodotti li jgħolqu riskji għas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi għandha tkun disponibbli b'mod ġenerali lill-pubbliku, f'konformità mar-rekwiżiti tat-trasparenza u mingħajr preġudizzju għar-restrizzjonijiet meħtieġa għall-attivitajiet ta' monitoraġġ u investigazzjoni. B'mod partikolari, il-pubbliku għandu jkollu aċċess għall-informazzjoni dwar l-identifikazzjoni tal-prodotti, in-natura tar-riskju u l-miżuri meħuda. Din l-informazzjoni għandha tingħata f'formati aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità.
2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jiżguraw illi l-uffiċjali u l-aġenti tagħhom ikunu meħtieġa li ma jiżvelawx informazzjoni miksuba għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament li, min-natura tiegħu, huwa kopert bis-segretezza professjonali f'każijiet debitament ġustifikati, ħlief għal informazzjoni relatata mal-proprjetajiet tas-sikurezza ta' prodotti li għandhom isiru pubbliċi sabiex jiproteġu l-konsumaturi.
3. Il-protezzjoni tas-segretezza professjonali ma għandhiex tipprevjeni d-disseminazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-informazzjoni rilevanti sabiex jiżguraw l-effikaċja tal-monitoraġġ tas-suq u l-attivitajiet tas-sorveljanza. L-awtoritajiet li jirċievu l-informazzjoni koperta mis-segretezza professjonali għandhom jiżguraw il-protezzjoni tagħha.
4. L-Istati Membri għandhom jagħtu lill-konsumaturi u lill-partijiet interessati l-oħra l-opportunità li jissottomettu lmenti lill-awtoritajiet kompetenti rigward is-sikurezza tal-prodotti u dwar l-attivitajiet ta' sorveljanza u kontroll u dawn l-ilmenti għandhom jiġu segwiti kif xieraq.

Artikolu 32

Portal Safety Gate

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 31(1) u l-Artikolu 19, il-Kummissjoni għandha żżomm portal Safety Gate, li jipprovdi lill-pubbliku ġenerali b'aċċess liberu għal informazzjoni magħżula nnotifikata f'konformità mal-Artikolu 24.
2. Il-konsumaturi għandu jkollhom il-possibbiltà li jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar prodotti li jgħolqu riskju għas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumatur permezz ta' taqsima separata tal-portal Safety Gate. Il-Kummissjoni għandha tqis kif xieraq l-informazzjoni li tirċievi u tiżgura s-segwitu, fejn xieraq.
3. Il-Kummissjoni, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, għandha tadotta l-modalitajiet biex tintbagħat informazzjoni mill-konsumaturi f'konformità mal-paragrafu 2, kif ukoll għat-trażmissjoni ta' tali informazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati għal segwitu possibbli. Dan l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 42(3).

Artikolu 33

Informazzjoni mill-operaturi ekonomiċi lill-konsumaturi

1. F'każ ta' sejħa lura jew fejn ċerta informazzjoni trid tinġieb għall-attenzjoni tal-konsumaturi biex jiġi żgurat l-użu sikur ta' prodott ("twissija ta' sikurezza"), l-operaturi ekonomiċi, f'konformità mal-obbligi rispettivi tagħhom kif previst fl-Artikoli 8, 9, 10 u 11, għandhom jinnotifikaw direttament lill-konsumaturi affettwati kollha li jistgħu jidentifikaw. L-operaturi ekonomiċi li jgħbrud *d-data* personali tal-klijenti tagħhom għandhom jagħmlu użu minn din l-informazzjoni għal sejħiet lura u twissijiet ta' sikurezza.
2. Meta l-operaturi ekonomiċi jkollhom sistemi ta' reġistrazzjoni tal-prodotti jew programmi ta' lealtà tal-klijenti fis-seħħ għal finijiet oħra minbarra li jikkuntattjaw lill-klijenti tagħhom b'informazzjoni dwar is-sikurezza, huma għandhom joffru l-possibbiltà lill-klijenti tagħhom li jipprovdu dettalji ta' kuntatt separati biss għall-finijiet ta' sikurezza. Id-*data* personali miġbura għal dak il-għan għandha tkun limitata għall-minimu meħtieġ u tista' tintuża biss biex jiġu kkuntattjati l-konsumaturi f'każ ta' sejħa lura jew twissija ta' sikurezza.
3. Il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, għandha tistabbilixxi rekwiżiti għar-reġistrazzjoni ta' prodotti jew kategoriji speċifiċi ta' prodotti. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 42(3).
4. Jekk mhux il-konsumaturi affettwati kollha jkunu jistgħu jiġu kkuntattjati direttament, l-operaturi ekonomiċi, f'konformità mar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, għandhom ixerrdu avviż ta' sejħa lura jew twissija ta' sikurezza permezz ta' mezzi xierqa oħra, filwaqt li jiżguraw l-usa' firxa possibbli inkluż, fejn disponibbli: is-sit web tal-kumpanija, il-mezzi tal-midja soċjali, bullettini u l-ħwienet tal-bejgħ bl-imnut u, kif xieraq, avviżi fil-midja tal-massa u mezzi oħra ta' komunikazzjoni. L-informazzjoni għandha tkun aċċessibbli għall-konsumaturi b'diżabilità.

Artikolu 34

Avviż ta' sejħa lura

1. Meta l-informazzjoni dwar sejħa lura tingħata lill-konsumaturi f'forma miktuba, f'konformità mal-Artikoli 33(1) u (4), din għandha tiegħu l-forma ta' avviż ta' sejħa lura.
2. Avviż ta' sejħa lura għandu jkun disponibbli bil-lingwa/i tal-Istat(i) Membru/i fejn il-prodott ikun tqiegħed fis-suq u għandu jinkludi l-elementi li ġejjin:
 - (a) intestatura "Sejħa lura ta' prodott għal raġunijiet ta' sikurezza";
 - (b) deskrizzjoni ċara tal-prodott imsejjaħ lura, inklużi:
 - (i) ritratt, l-isem u l-marka kummerċjali tal-prodott;
 - (ii) in-numri ta' identifikazzjoni tal-prodott, bħan-numru tal-lott jew tas-serje, u, jekk applikabbli, indikazzjoni grafika fuq il-prodott ta' fejn għandhom jinstabu;
 - (iii) informazzjoni dwar meta u fejn ikun inbiegħ il-prodott, jekk disponibbli.

- (c) deskrizzjoni ċara tal-periklu assoċjat mal-prodott imsejjaħ lura, filwaqt li jiġi evitat kwalunkwe element li jista' jnaqqas il-perċezzjoni tar-riskju tal-konsumaturi, inklużi termini u espressjonijiet bħal “volontarji”, “prekawzjoni”, “diskrezzjonali”, “f’sitwazzjonijiet rari/speċifiċi” kif ukoll billi jiġi indikat li ma kien hemm l-ebda inċident irrapportat;
 - (d) deskrizzjoni ċara tal-azzjoni li l-konsumaturi jenħtieġ li jieħdu, inkluża struzzjoni biex jieqfu minnufih jużaw il-prodott imsejjaħ lura;
 - (e) deskrizzjoni ċara tar-rimedju disponibbli għall-konsumaturi jekk xieraq;
 - (f) numru tat-telefon bla ħlas jew servizz interattiv online, fejn il-konsumaturi jistgħu jiksbu aktar informazzjoni bil-lingwa/i uffiċjali rilevanti tal-Unjoni;
 - (g) inkoraġġiment biex tiġi kondiviża aktar l-informazzjoni dwar is-sejħa lura, jekk xieraq.
3. Il-Kummissjoni, permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni, għandha tistabilixxi l-mudell għal avviż ta’ sejħa lura, filwaqt li tqis l-iżviluppi xjentifiċi u tas-suq. Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f’konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 42(2).

Artikolu 35

Dritt għal rimedju

1. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva (UE) 2019/771, fil-każ ta’ sejħa lura, l-operatur ekonomiku responsabbli għas-sejħa lura għandu joffri lill-konsumatur rimedju effettiv, mingħajr ħlas u f’waqtu. Dak ir-rimedju għandu jikkonsisti f’mill-inqas wieħed minn dawn li ġejjin:
 - (a) tiswija tal-prodott imsejjaħ lura;
 - (b) sostituzzjoni tal-prodott imsejjaħ lura b’wieħed sikur tal-istess tip u, tal-inqas, tal-istess valur u kwalità;
 - (c) rifużjoni tal-valur tal-prodott imsejjaħ lura.
2. It-tiswija, ir-rimi jew il-qerda tal-prodott mill-konsumaturi għandha titqies biss bħala rimedju effettiv fejn tkun tista’ titwettagħ faċilment u b’mod sikur mill-konsumatur. F’każijiet bħal dawn, l-operatur ekonomiku responsabbli għas-sejħa lura għandu jipprovdli lill-konsumaturi bl-istruzzjonijiet meħtieġa u/jew, fil-każ ta’ awtotiswija, b’parts tal-bdil bla ħlas jew b’aġġornamenti tas-software.
3. Ir-rimedju ma għandux jinvolvi inkonvenjenza sinifikanti għall-konsumatur. Il-konsumatur ma għandux iġarrab l-ispejjeż tat-trasport jew tar-ritorn tal-prodott b’mod ieħor. Għall-prodotti li min-natura tagħhom ma jkunux portabbli, l-operatur ekonomiku għandu jagħmel arranġamenti għall-ġbir tal-prodott.

KAPITOLU IX

Kooperazzjoni internazzjonali

Artikolu 36

Kooperazzjoni internazzjonali

1. Il-Kummissjoni tista' tikkoopera, inkluż permezz tal-iskambju ta' informazzjoni, ma' pajjiżi terzi jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qasam tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, bħal:
 - (a) attivitajiet u miżuri ta' infurzar relatati mas-sikurezza, inkluża s-sorveljanza tas-suq;
 - (b) metodi tal-valutazzjoni tar-riskju u l-ittestjar tal-prodotti;
 - (c) sejħiet lura kkoordinati tal-prodotti u azzjonijiet simili oħra;
 - (d) kwistjonijiet xjentifiċi, tekniċi, u regolatorji, biex jgħinu fit-titjib tas-sikurezza tal-prodotti;
 - (e) kwistjonijiet emerġenti ta' rilevanza sinifikanti għas-saħħa u s-sikurezza;
 - (f) attivitajiet li jirrigwardaw l-istandardizzazzjoni;
 - (g) skambju ta' uffiċjali.
2. Il-Kummissjoni tista' tipprovdi lil pajjiżi terzi jew lil organizzazzjonijiet internazzjonali b'informazzjoni magħżula mis-sistema tagħha tas-Safety Gate u tirċievi informazzjoni rilevanti dwar is-sikurezza tal-prodotti għall-konsumatur u dwar miżuri preventivi, restrittivi u korrettivi meħuda minn dawk il-pajjiżi terzi jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali. Il-Kummissjoni għandha tikkondividi tali informazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali, fejn rilevanti.
3. L-iskambju ta' informazzjoni msemmi fil-paragrafu 2 jista' jieħu l-forma ta':
 - (a) skambju mhux sistematiku, f'każijiet debitament ġustifikati u speċifiċi;
 - (b) skambju sistematiku, abbażi ta' arranġament amministrattiv li jispeċifika t-tip ta' informazzjoni li għandha tiġi skambjata u l-modalitajiet għall-iskambju.
4. Il-parteeċipazzjoni sħiħa fis-sistema tas-Safety Gate tista' tkun miftuħa għall-pajjiżi applikanti u għal pajjiżi terzi, sakemm il-leġiżlazzjoni tagħhom tkun allinjata mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni u li jipparteċipaw fis-Sistema Ewropea ta' Standardizzazzjoni. Tali parteċipazzjoni għandha tinvolvi l-istess obbligi bħal dawk għall-Istati Membri skont dan ir-Regolament, inklużi obbligi ta' notifika u ta' segwitu. Il-parteeċipazzjoni sħiħa fis-Safety Gate għandha tkun ibbażata fuq ftehimiet bejn l-Unjoni u dawk il-pajjiżi, skont l-arranġamenti definiti f'dawn il-ftehimiet.
5. Kwalunkwe skambju ta' informazzjoni skont dan l-Artikolu, sa fejn ikun jinvolvi *data* personali, għandu jitwettaq f'konformità mar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*. Id-*data* personali għandha tiġi ttrasferita biss sal-punt li tali skambju jkun meħtieġ għall-iskop uniku tal-protezzjoni tas-saħħa jew tas-sikurezza tal-konsumaturi.
6. L-informazzjoni skambjata skont dan l-Artikolu għandha tintuża għall-iskop uniku tal-protezzjoni tas-saħħa jew tas-sikurezza tal-konsumaturi u tirrispetta r-regoli tal-kunfidenzjalità.

KAPITOLU X

Dispożizzjonijiet finanzjarji

Artikolu 37

Attivitajiet ta' finanzjament

1. L-Unjoni għandha tiffinanzja l-attivitajiet li ġejjin fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament:
 - (a) it-twettiq tal-kompiti tan-Network tas-Sikurezza tal-Konsumatur imsemmi fl-Artikolu 28;
 - (b) l-iżvilupp u t-tħaddim tas-Safety Gate imsemmi fl-Artikolu 23, inkluż l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet elettroniċi ta' interoperabbiltà għal:
 - l-iskambju ta' *data* bejn is-Safety Gate u s-sistemi nazzjonali tas-sorveljanza tas-suq;
 - l-iskambju ta' *data* bejn is-Safety Gate u s-sistemi doganali nazzjonali;
 - l-iskambju ta' *data* ma' sistemi ristretti rilevanti oħra użati mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għall-finijiet ta' infurzar tagħhom.
 - (c) l-iżvilupp u ż-żamma tal-portal Safety Gate imsemmi fl-Artikolu 32 u s-Safety Business Gateway, imsemmi fl-Artikolu 25, inkluża interfaċċa tas-software pubblika mhux ristretta għall-iskambju tad-*data* mal-pjattaformi u ma' partijiet terzi.
2. L-Unjoni tista' tiffinanzja l-attivitajiet li ġejjin b'rabta mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament:
 - (a) l-iżvilupp ta' strumenti ta' kooperazzjoni internazzjonali msemmija fl-Artikolu 36;
 - (b) it-tfassil u l-aġġornar tal-kontribuzzjonijiet għal-linji gwida dwar is-sorveljanza tas-suq u s-sikurezza tal-prodotti;
 - (c) it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni tal-għarfien espert tekniku jew xjentifiku għall-fini ta' assistenza lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tagħha tal-kooperazzjoni amministrattiva tas-sorveljanza tas-suq;
 - (d) it-twettiq ta' xogħol preliminari jew anċillari b'rabta mal-implimentazzjoni tal-attivitajiet tas-sorveljanza tas-suq relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, bħal studji, programmi, evalwazzjonijiet, linji gwida, analiżijiet komparattivi, programmi ta' żjarat u ta' żjarat konġunti reċiproċi, skambju ta' persunal, xogħol ta' riċerka, l-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' bażijiet tad-*data*, attivitajiet ta' taħriġ, xogħol fil-laboratorju, ittestjar tal-proficijenza, testijiet bejn laboratorji u xogħol ta' valutazzjoni tal-konformità;
 - (e) kampanji ta' sorveljanza tas-suq u attivitajiet assoċjati tal-Unjoni, inklużi riżorsi u tagħmir, taħriġ u għodod tal-IT;
 - (f) l-attivitajiet imwettqa skont programmi ta' assistenza teknika, kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u l-promozzjoni u t-tiżiħ tal-politika u tas-sistemi tal-Unjoni ta' sorveljanza tas-suq fost il-partijiet interessati fil-livelli tal-Unjoni u internazzjonali.

3. L-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għall-attivitajiet skont dan ir-Regolament għandha tiġi implimentata f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴², b'mod dirett, jew inkella b'mod indirett billi jiddelegaw kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja lill-entitajiet elenkati fl-Artikolu 62(1), punt (c) ta' dak ir-Regolament.
4. L-appropriazzjonijiet allokatu għall-attivitajiet imsemmija f'dan ir-Regolament għandhom ikunu stabbiliti kull sena mill-awtorità baġitarja fil-limiti tal-qafas finanzjarju fis-seħħ.
5. L-appropriazzjonijiet iddeterminati mill-awtorità baġitarja għall-finanzjament tal-attivitajiet tas-sorveljanza tas-suq jistgħu jkopru wkoll l-ispejjeż tal-attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' verifika u ta' evalwazzjoni li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-attivitajiet skont dan ir-Regolament u l-kisba tal-oġġettivi tagħhom; b'mod partikolari, l-istudji, il-laqgħat tal-esperti, l-azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluża l-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni sa fejn dawn huma marbuta mal-oġġettivi ġenerali tal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq, l-ispejjeż marbuta man-networks tal-IT li jiffokaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju tal-informazzjoni, flimkien mal-ispejjeż l-oħra kollha ta' assistenza teknika u amministrattiva mġarrba mill-Kummissjoni għall-immaniġġjar tal-attivitajiet skont dan ir-Regolament.

Artikolu 38

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tiegħu miżuri xierqa biex tiżgura li, meta jiġu implimentati azzjonijiet ifffinanzjati skont dan ir-Regolament, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiġu mħarsa permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' kontrolli effettivi u, jekk jinstabu irregolaritajiet, permezz tal-irkupru tal-ammonti mħallsa bi żball u, fejn xieraq, permezz ta' penali amministrattivi u finanzjarji effettivi, proporzjonati u dissważivi.
2. Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri għandu jkollhom is-setgħa li jwettqu awditjar, abbażi ta' dokumenti u spezzjonijiet fuq il-post, tal-benefiċjarji ta' għotjiet, tal-kuntratturi u tas-subkuntratturi kollha li jkunu rċevew fondi tal-Unjoni skont il-Programm għas-Suq Uniku u s-suċċessur tiegħu⁴³.
3. L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inkluż kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, f'konformità mad-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁴ u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96⁴⁵,

⁴² Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

⁴³ ĠU L292, 14.11.1996, p.2.

⁴⁴ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

bil-għan li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' xi ftehim ta' għotja jew deċiżjoni ta' għotja jew kuntratt iffinanzjat skont il-programm.

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1, 2 u 3, il-ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, kuntratti, ftehimiet ta' għotja u deċiżjonijiet ta' għotja li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jinkludu dispożizzjonijiet li b'mod espliċitu jagħtu setgħa lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-OLAF biex iwettqu tali awditi u investigazzjonijiet, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom.

KAPITOLU XI

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 39

Responsabbiltà

1. Kwalunkwe deċiżjoni meħuda skont dan ir-Regolament u li tinvolvi restrizzjonijiet fuq it-tqegħid ta' prodott fis-suq jew li teħtieġ l-irtirar jew is-sejħa lura tiegħu ma għandhiex taffettwa l-valutazzjoni tar-responsabbiltà tal-parti kkonċernata, fid-dawl tad-dritt nazżjonali li japplika għall-każ inkwistjoni.
2. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa d-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE⁴⁶.

Artikolu 40

Penali

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penali applikabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u b'dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha, mingħajr dewmien, bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom, sa [daħħal id-data - 3 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].
2. L-Istati Membri għandhom iqisu tal-inqas il-kriterji indikattivi li ġejjin għall-impożizzjoni ta' penali, fejn xieraq:
 - (a) id-durata jew l-effetti temporali tal-ksur, in-natura u l-gravità, b'mod partikolari l-livell ta' riskju mġarrab mill-konsumatur;
 - (b) l-għadd ta' prodotti perikolużi disponibbli fis-suq jew l-għadd ta' konsumaturi affettwati jew it-tnejn;
 - (c) ir-rwol u r-responsabbiltà tal-operatur ekonomiku jew tas-swieq online;

⁴⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tippoteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

⁴⁶ Id-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE tal-25 ta' Lulju 1985 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar ir-responsabbiltà għal prodotti difettużi (ĠU L 210, 7.8.1985, p. 29).

- (d) kwalunkwe azzjoni meħuda mill-operatur ekonomiku jew mis-swieq online biex itaffu jew jirrimedjaw d-dannu mġarrab mill-konsumaturi fil-ħin;
 - (e) fejn xieraq, il-karattru intenzjonali jew negliġenti tal-ksur;
 - (f) kwalunkwe ksur preċedenti mill-operatur ekonomiku jew mis-swieq online;
 - (g) il-benefiċċji finanzjarji miksuba jew telf evitat direttament jew indirettament mill-operatur ekonomiku jew mis-swieq online minħabba l-ksur, jekk id-*data* rilevanti tkun disponibbli;
 - (h) id-daqs tal-impriża;
 - (i) il-grad ta' kooperazzjoni mal-awtorità;
 - (j) il-mod li bih il-ksur sar magħruf lill-awtorità, b'mod partikolari jekk, u jekk ikun il-każ, sa liema grad, l-operatur ekonomiku jew is-swieq online mnotifikaw il-ksur fil-ħin;
 - (k) kwalunkwe fattur aggravanti jew mitiganti ieħor applikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-każ.
3. It-tipi ta' ksur mill-operaturi ekonomiċi jew mis-swieq online, fejn applikabbli, soġġetti għal penali għandhom ikunu kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:
- (a) ksur tar-rekwiżit dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodott;
 - (b) nuqqas li jinfurmaw l-awtorità fil-ħin dwar prodott perikoluż li jkun qiegħdu fis-suq;
 - (c) nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe deċiżjoni, ordni, miżura *interim*, impenn tal-operatur ekonomiku jew miżura oħra adottata skont dan ir-Regolament;
 - (d) nuqqas ta' konformità mal-obbligi tat-traċċabbiltà u ta' informazzjoni tal-operaturi ekonomiċi msemmija fl-Artikoli 8, 9, 10, 11 u 18 u 19;
 - (e) għoti ta' informazzjoni skorretta, mhux kompluta jew qarrieqa bi tweġiba għal talba mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq;
 - (f) nuqqas li tiġi pprovduta l-informazzjoni mitluba fil-limitu ta' żmien meħtieġ;
 - (g) rifjut li jissottomettu ruħhom għall-ispezzjonijiet;
 - (h) nuqqas li jiġu pprovduti d-dokumenti jew il-prodotti meħtieġa matul l-ispezzjonijiet;
 - (i) falsifikazzjoni tar-riżultati ta' testijiet.
4. Fil-każ ta' multi, l-ammont massimu ta' penali għandu jkun mill-inqas 4 % tal-fatturat annwali tal-operatur ekonomiku jew, fejn applikabbli, tas-suq online fl-Istat Membru jew fl-Istati Membri kkonċernati.
5. L-Istati Membri jistgħu jimponu wkoll pagamenti perjodiċi ta' penali biex iħeġġu lill-operaturi ekonomiċi jew lis-swieq online, fejn applikabbli:
- (a) itemmu l-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament;
 - (b) jikkonformaw ma' deċiżjoni li tordna miżura korrettiva;
 - (c) jipprovdu informazzjoni kompluta u korretta;
 - (d) jissottomettu ruħhom għal spezzjoni;

- (e) jippermettu lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq iwettqu scraping tad-*data* tal-interfaċċi online.
6. Sal-31 ta' Marzu ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar it-tip u d-daqs tal-penali imposti skont dan ir-Regolament, jidentifikaw il-ksur attwali ta' dan ir-Regolament, u jindikaw l-identità tal-operaturi ekonomiċi jew tas-swieq online li fuqhom ġew imposti l-penali.
 7. Kull sena, il-Kummissjoni għandha tfassal u tippubblika rapport dwar il-penali imposti mill-Istati Membri.
 8. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 6 ma għandhiex tiġi ppubblikata fir-rapport imsemmi fil-paragrafu 7 fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:
 - (a) fejn ikun meħtieġ li tiġi ppreservata l-kunfidenzjalità ta' investigazzjoni jew ta' proċedimenti ġudizzjarji nazzjonali;
 - (b) fejn il-pubblikazzjoni tikkawża ħsara sproporzjonata lill-operatur ekonomiku jew lis-suq online;
 - (c) fejn tkun ikkonċernata persuna fiżika, sakemm il-pubblikazzjoni tad-*data* personali ma tkunx iġġustifikata minn ċirkostanzi eċċezzjonali, fost l-oħrajn, mis-serjeta' tal-ksur.

Artikolu 41

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adożzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adożzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 17(3) għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [*daħħal id-data* - id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 17(3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni tar-revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016⁴⁷.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 17(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu jista' jiġi estiż b'xahrejn fuq inizzjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

⁴⁷ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1

Artikolu 42

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.

Artikolu 43

Evalwazzjoni

1. Sa [daħħal id-data ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ] il-Kummissjoni għandha twestaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. Ir-rapport għandu jivvaluta b'mod partikolari jekk dan ir-Regolament laħaqx l-oġettiv li titjeb il-protezzjoni tal-konsumaturi kontra prodotti perikolużi filwaqt li jqis l-impatt tiegħu fuq in-negozji u b'mod partikolari fuq l-intrapriżi żgħir u medji.
2. Fuq talba, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa għall-evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 44

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1025/2012

1. Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 huwa emendat kif ġej:

Fl-Artikolu 10, jiżdied il-paragrafu 7 kif ġej:

“7. Fejn standard Ewropew abbozzat b'appoġġ għar-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁸[*dan ir-Regolament (GPSR)*] jissodisfa r-rekwiżit tas-sikurezza ġenerali stabbilit fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament u r-rekwiżiti tas-sikurezza speċifiċi msemmija fl-[Artikolu [6] ta' dak ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tippubblika referenza ta' tali standard Ewropew mingħajr dewmien f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.”

Fl-Artikolu 11, il-paragrafi 1, 2 u 3 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

“1. Meta Stat Membru jew il-Parlament Ewropew iqis li standard armonizzat jew standard Ewropew abbozzat b'appoġġ għar-Regolament (UE) .../...[*dan ir-Regolament (GPSR)*] ma jissodisfax kompletament ir-rekwiżiti li għandu l-għan li jkopri u li huma stabbiliti fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni jew f'dak ir-Regolament, huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan bi

⁴⁸ Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/357/KEE u d-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU ...)”

spjegazzjoni dettaljata. Il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta lill-kumitat stabbilit mil-leġislażzjoni korrispondenti tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni, jekk jeżisti, jew il-kumitat stabbilit mir-Regolament (UE) .../... [dan ir-Regolament (GPSR)], jew wara forom oħra ta' konsultazzjoni ta' esperti settorjali, tiddeċiedi:

- (a) li tippubblika, li ma tippubblikax jew li tippubblika b'restrizzjoni r-referenzi għall-istandard armonizzat jew l-istandard Ewropew abbozzat b'appoġġ għar-Regolament (UE) ... / ... [GPSR] ikkonċernat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
 - (b) li żżomm, li żżomm b'restrizzjoni jew li tirtira r-referenzi għall-istandard armonizzat jew l-istandard Ewropew abbozzat b'appoġġ għar-Regolament (UE) ... / ... [GPSR] ikkonċernat fi jew mill-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*."
2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika informazzjoni fis-sit web tagħha dwar l-istandards armonizzati u l-istandards Ewropej abbozzati b'appoġġ għar-Regolament (UE) ... / ... [GPSR] li kienu soġġetti għad-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1.
 3. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni kkonċernata dwar id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 u, jekk ikun meħtieġ, titlob li jiġu riveduti l-istandards armonizzati jew l-istandards Ewropej abbozzati b'appoġġ għar-Regolament (UE) ... / ... [GPSR] ikkonċernat."

Artikolu 45

Tħassir

1. Id-Direttiva 87/357/KEE u d-Direttiva 2001/95/KE jitħassru b'effett minn [data ta' applikazzjoni].
2. Ir-referenzi għad-Direttivi 87/357/KEE u 2001/95/KE għandhom jiġu mifhuma bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness.

Artikolu 46

Dispożizzjonijiet tranżitorji

L-Istati Membri ma għandhomx ixekklu d-disponibbiltà fis-suq ta' prodotti koperti mid-Direttiva 2001/95/KE li jkunu konformi ma' dik id-Direttiva u li jitqiegħdu fis-suq qabel [daħħal id-data - data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament].

Artikolu 47

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika minn [6 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. Objettiv(i) ġenerali

1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li hu addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imġhoddi

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni

1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat/i

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-ħlas u fl-għeluq)

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

- 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA**
- 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i**
- 3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet**
- 3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali*
- 3.2.2. Output stmat iffinanzjat bl-appropriazzjonijiet operazzjonali*
- 3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi*
- 3.2.4. Kompatibilità mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*
- 3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*
- 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul**

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti għall-konsumatur u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/357/KEE u d-Direttiva 2001/95/KE

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Titolu: 03 – Suq Uniku –

Kapitolu: 03 02 Programm għas-Suq Uniku

Partita: 03 02 04 L-abilitazzjoni tas-soċjetà tal-konsumaturi u s-soċjetà ċivili u l-iżgurar ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u ta' sikurezza tal-prodotti inkluż il-parteċipazzjoni tal-utenti finali fit-tfassil tal-politika tas-servizzi finanzjarji

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

azzjoni ġdida

azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja⁴⁹

l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. Objettiv(i) ġenerali

Protezzjoni tal-konsumatur, suq intern aktar ġust u aktar profond; suq uniku diġitali.

Biex jiġi żgurat li jitqiegħdu biss prodotti sikuri fis-suq intern u biex jiġi żgurat livell għoli ta' sikurezza u protezzjoni tal-konsumatur u kundizzjonijiet ekwi għan-negozji fis-Suq Uniku.

L-għan tal-proposta huwa li tirrevedi d-Direttiva 2001/95/KE dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti biex tiżgura li l-konsumaturi tal-UE jkunu protetti minn prodotti perikolużi, filwaqt li tiżgura l-funzjonament xieraq tas-Suq Uniku, b'mod partikolari kundizzjonijiet ekwi għan-negozji.

L-għan tal-azzjoni proposta bbaġitjata huwa li jkomplu jiġu żviluppatti aktar il-miżuri ta' kooperazzjoni relatati mas-sorveljanza tas-suq (inkluż fil-livell internazzjonali), il-finanzjament tal-interfaċċi elettroniċi li jippermettu l-iskambju tad-*data* u li jinfurmaw lill-konsumaturi u lill-operaturi ekonomiċi dwar prodotti perikolużi u li jimplimentaw il-proposta l-ġdida (permezz ta' atti ta' implimentazzjoni u delegati u aktar attivitajiet ta' standardizzazzjoni).

1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

Objettiv speċifiku Nru

1. Tisħiħ tal-proċeduri ta' kooperazzjoni fis-sorveljanza tas-suq fost l-awtoritajiet tal-infurzar, biex b'hekk jitnaqqsu l-frammentazzjoni u l-inefficijenzi;

⁴⁹ Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

2. Żieda fil-kapaċità operazzjonali, titjib tal-effiċjenza u d-disponibbiltà tar-riżorsi għall-koordinazzjoni tal-infurzar u l-implimentazzjoni tal-proposta (monitoraġġ, atti delegati), żieda fl-użu tal-proċedura ta' standardizzazzjoni;
 3. Tishiĥ tas-sett ta' għodod ta' infurzar, li jippermetti lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jużaw għodod aktar deterrenti, effettivi u li jibqgħu validi għall-futur;
 4. Titjib tal-iskambju ta' informazzjoni dwar prodotti perikolużi kemm fl-UE kif ukoll ma' sħab esterni (inkluż permezz ta' għodod tal-IT). Titjib tal-informazzjoni lin-negozji u lill-konsumaturi dwar prodotti perikolużi permezz ta' għodod tal-IT;
 5. Promozzjoni tal-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sikurezza tal-prodotti dwar prodotti għall-konsumatur mhux armonizzati.
- L-oġġettivi jkopru s-sorveljanza tas-suq fl-UE u fil-fruntieri esterni u jkopru l-ktajjen ta' provvista diġitali kif ukoll tradizzjonali.

1.4.3. *Riżultat(i) u impatt mistennija*

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Il-popolazzjoni fil-mira se tkun il-konsumaturi kollha tal-Unjoni Ewropea li se jibbenefikaw minn prodotti sikuri mqiegħda fis-suq intern. Sorveljanza akbar tas-suq se tkun ta' benefiċċju għall-produtturi Ewropej billi tipprevjeni kundizzjonijiet ekwi inġusti għan-negozji li ma jirrispettawx l-obbligi tagħhom li jipproteġu s-saħħa u s-sikurezza tal-konsumatur.

1.4.4. *Indikaturi tal-prestazzjoni*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta se jkun ibbażat fuq indikaturi ewlenin predefiniti tal-monitoraġġ u tal-infurzar. Il-Kummissjoni se tibda timmonitorja l-implimentazzjoni tad-DSĠP riveduta wara d-dħul fis-seħħ tal-inizjattiva.

Il-Valutazzjoni tal-Impatt identifikat sett ta' indikaturi tal-monitoraġġ proposti biex tiġi mmonitorjata l-kisba tal-oġġettivi ta' politika identifikati (ara t-taqsima 9 tal-Valutazzjoni tal-Impatt).

Il-monitoraġġ se jsir prinċipalment mill-Kummissjoni, abbażi ta' sħarriġ regolari tal-konsumaturi madwar l-UE kollha, *data* pprovduta min-negozji u mill-MSAs u *data* mis-Safety Gate. Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni se jsiru abbażi ta' sorsi ta' *data* eżistenti fejn possibbli.

Il-proposta tistabbilixxi obbligi ta' rapportar għall-Istati Membri. Dan ir-rapportar se jsir abbażi ta' indikaturi tal-infurzar li se jiġu ddefiniti aktar minn studju. Il-Kummissjoni qed twettaq studju li għandu l-għan li jiddefinixxi sett komuni ta' indikaturi tal-infurzar fattibbli u rilevanti fil-qasam tas-sikurezza tal-prodotti, li għandu jintlaħaq bi qbil mal-Istati Membri.

Il-Kummissjoni mmappjat ukoll is-sorsi eżistenti ta' informazzjoni dwar il-korriment u eżaminat il-possibbiltà li tiġi stabbilita bażi tad-*data* dwar il-korriment fil-livell tal-UE biex tgħin fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza tal-prodotti. Bħalissa qed tivvaluta l-kostijiet u l-benefiċċji tal-istabbiliment ta' tali bażi tad-*data* dwar il-korriment madwar l-UE kollha (permezz ta' azzjonijiet koordinati mal-Istati Membri).

Minbarra l-monitoraġġ u r-rapportar regolari, qed tiġi proposta evalwazzjoni tal-effettività, tal-effiċjenza, tar-rilevanza, tal-koerenza u tal-valur miżjud tal-UE ta' dan l-intervent leġiżlattiv ħames snin wara l-implimentazzjoni mill-Istati Membri ta' din il-proposta.

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi(u) ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Din il-proposta għandha l-għan li tissodisfa l-kisbiet li ġejjin:

Il-valutazzjoni tar-riskju li joħlqu prodotti tat-teknoloġija ġodda se titjeb mill-adozzjoni tal-proposta u b'hekk tippermetti li l-att leġiżlattiv jiffunzjona aħjar bħala xibka ta' sikurezza.

Fuq terminu qasir, nistennew titjeb fis-sikurezza tal-prodotti tal-konsumatur mixtrija online bis-saħħa ta' regoli aħjar tas-sorveljanza tas-suq għall-bejgħ online u aktar obbligi dwar is-sikurezza tal-prodotti għas-swieq online.

Ir-regoli tas-sorveljanza tas-suq għall-prodotti mhux armonizzati se jiġu allinjati ma' dawk tal-prodotti armonizzati. Barra minn hekk, xi titjeb fir-regoli tas-sorveljanza tas-suq skont din l-inizjattiva għas-sorveljanza tas-suq tal-prodotti kollha se jtejjeb is-sorveljanza tas-suq u jiżgura sikurezza oġġla tal-prodotti fuq terminu medju.

It-titjeb propost tas-sistema attwali Safety Gate/RAPEX se jagħmel l-iskambju ta' informazzjoni aktar rapidu, u jippermetti li l-azzjonijiet korrettivi jittieħdu aktar malajr.

L-effettività tas-sejħa lura tal-prodotti hija mistennija li tiżdied fuq terminu qasir bis-saħħa tal-proċedura msaħħa ta' sejħa lura u informazzjoni aħjar lill-konsumaturi.

Aktar effiċjenza fil-livell tal-Kummissjoni fil-proċess ta' standardizzazzjoni għal prodotti mhux armonizzati se tiffaċilita l-istabbiliment ta' standards għal dawn il-prodotti: nistgħu nistennew li jkun hemm għadd akbar ta' standards fit-terminu medju. Iż-żieda fl-użu tal-istandards Ewropej se tagħti lill-produtturi ċertezza akbar li l-prodotti tagħhom jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti tas-sikurezza u se tippermetti lin-negozji jikkompetu f'kundizzjonijiet ekwi billi tiżgura li jkollhom opportunitajiet indaqs.

Il-proposta se tarmonizza l-valutazzjoni tar-riskju ta' prodotti li jixbhu l-ikel u b'hekk tiżgura t-trattament ugwali tagħhom madwar l-Istati Membri.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li hu addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinholq mill-Istati Membri waħedhom.*

Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell Ewropew (*ex ante*)

L-involviment tal-UE fis-sikurezza tal-prodotti għal prodotti mhux armonizzati għandu benefiċċji ċari murija mill-evalwazzjoni tad-DSĠP u l-valutazzjoni tal-impatt ta' din il-proposta:

- Ir-regoli komuni tal-Unjoni jippermettu ekonomija ta' skala fis-sorveljanza tas-suq, b'mod partikolari minħabba l-iżvilupp esponenzjali tal-bejgħ online li jintensifika l-bejgħ transfruntier u l-importazzjonijiet diretti minn barra l-UE. Il-

kondiviżjoni tal-kostijiet tas-sorveljanza tas-suq isseħħ ukoll billi jitwettqu azzjonijiet konġunti ta' sorveljanza tas-suq fost il-pajjiżi tal-UE u tiġi skambjata l-informazzjoni.

- L-azzjoni tal-UE tippermetti ċirkolazzjoni aktar rapida u aktar effiċjenti tal-informazzjoni, b'mod partikolari permezz ta' Safety Gate/RAPEX, u b'hekk tiżgura azzjonijiet rapidi kontra prodotti perikolużi madwar l-UE u kundizzjonijiet ekwi.

- Ir-regoli komuni għas-sikurezza tal-prodotti fil-livell tal-UE għandhom benefiċċji f'termini ta' ffrankar tal-kostijiet u tnaqqis tal-piż amministrattiv u tal-kumplessitajiet għan-negozji billi jevitaw li jkollhom jikkonformaw ma' settijiet eteroġeni ta' regoli nazzjonali. Dan jippermetti wkoll iċ-ċirkolazzjoni libera tal-merkanzija fl-UE u jippermetti kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-Istati Membri.

- Ir-regoli komuni tal-Unjoni jippermettu l-iżvilupp ta' standards tal-UE dwar is-sikurezza tal-prodotti, li billi jagħtu preżunzjoni madwar l-UE tas-sikurezza jiffaċilitaw il-konformità mas-sikurezza tal-prodotti għan-negozji (u potenzjalment inaqqsu l-kostijiet relatati).

- Fil-livell internazzjonali, is-sett komuni ta' dispożizzjonijiet stabbilit mid-DSĠP ppermetta wkoll li l-UE tkun aktar b'saħħitha fil-promozzjoni ta' livell għoli ta' sikurezza ma' atturi internazzjonali, u b'hekk tiġi indirizzata iċ-ċirkolazzjoni dejjem aktar għolja ta' oġġetti minn pajjiżi terzi permezz tal-bejgħ online.

Valur miżjud tal-Unjoni li mistenni jkun iġġenerat (*ex post*)

Il-funzjonament tas-suq intern se jittejjeb permezz ta' azzjoni fil-livell tal-UE peress li regoli koerenti dwar is-sikurezza tal-prodotti u s-sorveljanza tas-suq madwar l-UE se jiżguraw trattament aktar uniformi tan-negozji u għalhekk jkun hemm probabbiltà inqas ta' tfixkil fil-kompetizzjoni fis-Suq Uniku tal-UE. Sorveljanza aħjar tas-suq u koordinazzjoni msaħħa bejn l-Istati Membri se jwasslu għal detezzjoni ogħla ta' prodotti mhux sikuri, u b'hekk għal protezzjoni u fiduċja akbar tal-konsumatur.

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imġhoddi*

L-Unjoni adottat l-ewwel regolament tagħha dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti fl-1992. Id-DSĠP attwali ġiet adottata fl-2001. L-evalwazzjoni tad-DSĠP attwali u l-ftehimiet tal-partijiet ikkonċernati wrew li d-DSĠP għadha strument validu ħafna b'mod partikolari bis-saħħa tal-funzjoni tagħha ta' "xibka ta' sikurezza". B'mod ġenerali jidher li kisbet l-oġġettivi tagħha li tiżgura livell għoli ta' sikurezza tal-konsumaturi, filwaqt li tiżgura suq intern tal-merkanzija li jopera b'mod effettiv; madankollu, nosservaw li għad hemm wisq prodotti mhux sikuri li jilħqu idejn il-konsumaturi jew jibqgħu f'idejhom, u dan jipprovdi r-raġunijiet għall-proposta attwali.

1.5.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

L-għan tal-proposta huwa li tirrevedi d-Direttiva 2001/95/KE dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti biex tiżgura li l-konsumaturi tal-UE jkunu protetti minn prodotti perikolużi, filwaqt li tiżgura l-funzjonament xieraq tas-Suq Uniku, b'mod partikolari kundizzjonijiet ekwi għan-negozji. Għalhekk, dan jidħol perfettament fl-Artikolu 3(2)(d) tar-Regolament dwar il-Programm tas-Suq Uniku li għandu jagħti s-setgħa lis-soċjetà tal-konsumaturi u s-soċjetà ċivili u jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u ta' sikurezza tal-prodotti.

L-impatt finanzjarju tal-appropriazzjonijiet operazzjonali se jkun kopert kollu mill-allokkazzjonijiet previsti fil-QFP 2021-27 permezz tal-pakketti finanzjarji tal-Programm għas-Suq Uniku.

Il-proposta hija waħda mill-inizjattivi legali skont l-Aġenda tal-Konsumatur il-Ġdida.

Il-proposta tiżgura allinjament aħjar mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2019/1020 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti. Il-proposta, bħala xibka ta' sikurezza, hija kompatibbli u komplementari għal-leġislazzjoni armonizzata b'żewġ modi. L-ewwel nett, tapplika fl-intier tagħha għall-prodotti għall-konsumatur li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġislazzjoni armonizzata (eż. għamara, oġġetti għall-indukrar tat-tfal, ħwejjeġ). It-tieni, tapplika parzjalment għall-prodotti tal-konsumatur koperti minn leġislazzjoni armonizzata (eż. ġugarelli jew karozzi) sakemm l-aspetti tas-sikurezza tal-prodotti koperti mid-DSĠP ma jkunux koperti fil-leġislazzjoni armonizzata.

Is-sikurezza tal-prodotti tal-ikel hija regolata separatament skont ir-Regolament dwar il-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel (KE) Nru 178/2002. Madankollu, ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 dwar il-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel jista' jinteraġixxi mal-proposta fir-rigward ta' prodotti li jkun fihom tali materjali (eż. lunch boxes li jistgħu jergħu jintużaw) u jibqa' kompatibbli. Prodotti mhux sikuri li fihom prodotti ta' materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel jistgħu jkunu soġġetti għal twissijiet ta' sikurezza fiż-żewġ sistemi ta' twissija, RASFF għall-ikel u Safety Gate/RAPEX għal prodotti li mhumiex tal-ikel.

Il-proposta hija konsistenti u kompatibbli bis-sħiħ mal-politiki l-oħra tal-UE u mal-proposti riċenti biex jissaħħaħ l-infurzar f'oqsma ta' politika oħrajn, bħal:

- L-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA): Il-proposta tad-DSA għandha l-għan li tistabbilixxi obbligi ġodda għall-intermedjarji online, fost l-oħrajn fir-rigward ta' kif jittrattaw it-tipi kollha ta' kontenut illegali fis-siti web tagħhom inklużi prodotti mhux sikuri. Id-DSA jistabbilixxi l-obbligi orizzontali ġenerali għall-intermedjarji online u jħalli lok għal leġislazzjoni fir-rigward ta' tipi speċifiċi ta' kontenut illegali (bħas-sikurezza tal-prodotti) biex tkun aktar speċifika. Din il-proposta se tirregola wkoll aspetti oħra tas-sikurezza tal-prodotti tal-bejgħ online lil hinn mir-rwol tal-intermedjarji online, bħar-rwol tal-bejjiegħa u s-setgħat tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

- Il-Qafas orizzontali dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (IA): dan għandu l-għan li jiffoka fuq applikazzjonijiet b'riskju għoli. Konsegwentement, u fir-rigward tas-sikurezza tal-prodotti, dan se jiffunzjona bħal leġislazzjoni settorjali, li tistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi għall-applikazzjonijiet tal-IA, u din il-proposta se tapplika bħala xibka ta' sikurezza għall-prodotti u l-aspetti mhux koperti minn leġislazzjoni settorjali oħra biex tipprovdi bażi legali għall-irtirar ta' tali prodotti biex tiġi żgurata protezzjoni effettiva tal-konsumaturi.

- Id-Direttiva NIS: Il-proposta reċenti tistabbilixxi obbligi għall-Istati Membri kollha biex jadottaw strateġija nazzjonali dwar is-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni biex itejbu ċ-ċibersigurtà madwar l-UE. Madankollu, din ma tinkludix rekwiżiti minimi taċ-ċibersigurtà għall-prodotti għall-konsumatur, u għalhekk ma tipprovdi l-ebda bażi ġuridika biex l-awtoritajiet jieħdu azzjoni kontra prodotti li joħlqu tali riskji.

- Ekonomija Ċirkolari: Skont il-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid għal Ekonomija Ċirkolari, il-prodotti mqiegħda fis-suq tal-UE jenħtieġ li jkunu aktar sostenibbli u

għalhekk imfassla biex iservu aktar fit-tul, biex ikunu aktar faċli għat-tiswija u l-aġġornament, għar-riċiklaġġ u għall-użu mill-ġdid. Huwa essenzjali li l-prodotti li jissewwew, jiġu aġġornati, riċiklati jew użati mill-ġdid ikomplu jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-sikurezza tal-prodott. Skont id-Direttiva dwar l-ekodisinn, is-sikurezza u s-saħħa għandhom jitqiesu fl-għażla ta' soluzzjoni speċifika tad-disinn; madankollu, il-kwistjonijiet ta' sikurezza relatati mal-prodotti finali mhumiex indirizzati speċifikament. L-Inizjattiva ta' Politika dwar il-Prodotti Sostenibbli (li se tissostitwixxi d-direttiva dwar l-ekodisinn u testendi l-kamp ta' applikazzjoni tagħha) se jkollha, b'mod partikolari, l-għan li tikkoreġi l-fatt li ħafna prodotti ma jistgħux jintużaw mill-ġdid, jissewwew jew jiġu riċiklati faċilment u b'mod sikur. F'każ li xi aspetti tas-sikurezza relatati mal-prodotti fl-ekonomija ċirkolari ma jiġux indirizzati speċifikament minn inizjattivi mill-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari, tidħol fis-seħħ il-funzjoni ta' xibka ta' sikurezza ta' din il-proposta.

Għalhekk, ma hemm l-ebda trikkib, iżda komplementarjetà bejn dawn l-inizjattivi. Il-vantaġġ tal-integrazzjoni ta' aspetti ta' oqsma ta' politika alternattivi sostantivi fil-leġislazzjoni dwar is-sikurezza tal-prodotti huwa għalhekk li tiġi żgurata xibka ta' sikurezza reali għall-konsumaturi, li tagħmilha possibbli li l-prodotti kollha għall-konsumatur li mhumiex tal-ikel fis-suq tal-UE jkunu sikuri.

1.5.5. *Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

/

1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

durata limitata

- fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS
- Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

durata mhux limitata

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,
- segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat/i⁵⁰

Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

- mid-dipartimenti tagħha, inkluż il-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

- mill-aġenziji eżekuttivi

Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

Ġestjoni indiretta billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

- lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;
- lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
- lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investment;
- lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;
- lill-korpi tal-liġi pubblika;
- lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati;
- lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati;
- lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.
- *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, ipprovi d-dettalji fit-taqsimha "Kummenti".*

Kummenti

L-aġenzija eżekuttiva tista' timmaniġġja l-aspetti kuntrattwali ta' proġetti speċifiċi taħt is-superviżjoni tad-DĠ ta' referenza.

⁵⁰ Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: <https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx>

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Il-proposta tinkludi obbligu ta' evalwazzjoni.

Is-sistema tal-IT imsejħa "Safety Gate" li tgħaqqad l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u l-Kummissjoni se tissaħħaħ b'din il-proposta. Bl-użu tas-sistema tal-IT, il-monitoraġġ tal-attività operattiva jista' jsir fuq bażi kontinwa b'mod effiċjenti.

Il-monitoraġġ permezz tas-sistema tal-IT se jitlesta mix-xogħol tan-network eżistenti tas-Sikurezza tal-Konsumatur u l-ġoti mill-Istati Membri ta' informazzjoni aktar affidabbli u aktar komprensiva dwar is-sikurezza tal-prodotti u l-attività ta' infurzar ta' prodotti mhux armonizzati bħala parti mill-istrateġiji nazzjonali ta' infurzar tagħhom.

Il-kisba tal-obiettivi speċifiċi se tiġi mmonitorjata abbażi tal-indikaturi predefiniti.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

Il-ġestjoni diretta mill-Kummissjoni se tippermetti li jinżammu kuntatti diretti mal-awtoritajiet tal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati involuti fl-attivitàjiet. Permezz ta' ġestjoni diretta, il-Kummissjoni tista' tadatta aħjar l-azzjonijiet għall-ħtiġijiet tal-politika biex ikollha aktar flessibilità biex taġġusta mill-ġdid il-prijoritajiet f'każ ta' ħtiġijiet emerġenti u tikkontribwixxi għall-obiettivi komuni tal-Unjoni.

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

Ir-riskji operazzjonali jikkonċernaw is-sistema tal-IT Safety Gate: riskju li s-sistema tal-IT tonqos milli tappoġġa b'mod effettiv il-kooperazzjoni tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u n-Network tas-Sikurezza tal-Konsumatur.

Ir-riskji operazzjonali jikkonċernaw ukoll il-livell ta' riżorsi ddedikati lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fil-livell tal-Istati Membri.

Sabiex jittaffew, jiġu implimentati proċessi effettivi ta' governanza tal-IT, li jinvolvu b'mod attiv lill-utenti tas-sistemi.

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti") u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-ħlas u fl-għeluq)

Il-kostijiet tal-kontrolli huma negliġibbli meta mqabbla mal-approprijazzjonijiet għall-iżvilupp tal-ġhodda tal-IT innifisha.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

Il-miżuri implimentati mill-Kummissjoni se jkunu soġġetti għall-kontrolli *ex ante* u *ex post* f'konformità mar-Regolament Finanzjarju. Kuntratti u ftehimiet li

jiffinanzjaw l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament se jintitolaw b'mod espliċitu lill-Kummissjoni, inkluż l-OLAF, u lill-Qorti tal-Awdituri biex iwettqu awditi, verifiki u spezzjonijiet fuq il-post.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Type of nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff. ⁵¹	mill-pajjiżi tal-EFTA ⁵²	mill-pajjiżi kandidati ⁵³	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
1	03.020401	Diff.	IVA	LE	LE	LE

⁵¹ Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

⁵² EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

⁵³ Pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali

- Il-proposta/l-inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali
- Il-proposta/l-inizjattiva tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali		Numru 1								
DĠ: JUST			Sena 2024 ⁵⁴	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			TOTAL
• Appropriazzjonijiet operazzjonali							Wara l-2027			
Linja baġitarja ⁵⁵ 03.020401	Impenji	(1a)	7,000	7,000	7,000	7,000				28,000
	Pagamenti	(2a)	2,100	7,000	7,000	7,000	4,900			28,000
Appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi ⁵⁶										
Linja baġitarja 03010101		(3)	0,200	0,200	0,200	0,200				0,800
TOTAL tal-appropriazzjonijiet għad-DĠ JUST		Impenji	=1a+1b+3	7,200	7,200	7,200	7,200			28,800
		Pagamenti	=2a+2b+3	2,300	7,200	7,200	7,200	4,900		28,800

⁵⁴ Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi n-“N” bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-listess għas-snin ta' wara.

⁵⁵ Skont in-nomenklatura tal-baġit uffiċjali.

⁵⁶ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji “BA”), riċerka indiretta u riċerka diretta.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	7	“Nefqa amministrattiva”
--	----------	-------------------------

Jenħtieġ li din it-taqsima timentela billi tintuża d-“*data* baġitarja ta’ natura amministrattiva” li, qabel kollox, trid tiġi introdotta fl-Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva (l-Anness V tar-regoli interni), li jittella’ fid-DECIDE għall-finijiet ta’ konsultazzjoni bejn is-servizzi.

miljuni ta’ EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			TOTAL
DĠ: JUST									
•Riżorsi umani		3,054	3,054	3,054	3,054				12,216
• Nefqa amministrattiva oħra		0,095	0,095	0,095	0,095				0,380
TOTAL DĠ JUST	Approprijazzjonijiet	3,149	3,149	3,149	3,149				12,596

TOTAL tal-approprijazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total ta’ impenji = Total ta’ pagamenti)	3,149	3,149	3,149	3,149				12,596
---	---	--------------	--------------	--------------	--------------	--	--	--	---------------

miljuni ta’ EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena 2024 ⁵⁷	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			TOTAL
TOTAL tal-approprijazzjonijiet skont l-INTESTATURA 1 sa 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	10,349	10,349	10,349	10,349				41,396
	Pagamenti	5,449	10,349	10,349	10,349	4,900			41,396

⁵⁷ Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi n-“N” bl-ewwel sena ta’ implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta’ wara.

3.2.2. Output smat iffinanzjat bl-apporjazzjonijiet operazzjonali

Apporjazzjonijiet ta' impenn f' miljuni ta' EUR (għal tliet pozzizzjonijiet deċimali)

Indika l-objettivi u l-outputs ↓			Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)										TOTAL		
	OUTPUTS																		
	Tip ⁵⁸	Kost medju	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1 ⁵⁹			Tisħiħ tal-proċeduri ta' kooperazzjoni fis-sorveljanza tas-suq fost l-awtoritajiet tal-infurzar, biex b'hekk jitnaqqsu l-frammentazzjoni u l-ineffiċjenzi																
Attivitajiet koordinati għas-sikurezza tal-prodott	attivitajiet	0,300	10	3,000	10	3,000	10	3,000	10	3,000								40	12,000
Studji, evalwazzjonijiet bejn il-pari, il-pilotaġġ ta' strateġiji	rapporti	0,200	2	0,400	2	0,400	2	0,400	2	0,400								8	1,600
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1			12	3,400	12	3,400	12	3,400	12	3,400								48	13,600
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ...			Żieda fil-kapaċità operazzjonali, titjib tal-effiċjenza u disponibbiltà tar-riżorsi għall-koordinazzjoni tal-infurzar u l-implimentazzjoni tal-proposta (monitoraġġ, atti delegati), żieda fl-użu tal-proċedura ta' standardizzazzjoni																

⁵⁸ L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

⁵⁹ Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi ..."

Implimentazzjon i tal-proposta (atti delegati, monitoraġġ, standardizzazzjo																		
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2																		
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 3			Tisħiħ tas-sett ta' għodod għall-infurzar, li jippermetti lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jużaw għodod aktar deterrenti, effettivi u li jibqgħu validi għall-futur															
Big data u għodod innovattivi	ġbir tad-data Għodod	0,125	2	0,250	2	0,250	2	0,250	2	0,250								1,000
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 3			2	0,250	2	0,250	2	0,250	2	0,250								1,000
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 4			Titjib tal-iskambju ta' informazzjoni dwar prodotti perikolużi kemm fl-UE kif ukoll ma' sħab esterni (inkluż permezz ta' għodod tal-IT). Titjib tal-informazzjoni lin-negozji u lill-konsumaturi dwar prodotti perikolużi permezz ta' għodod tal-IT															
Safety Gate galaxy	Sistemi tal-IT	0,166	9	1,500	9	1,500	9	1,500	9	1,500								6,000
Skambju ta' data ma' sħab internazzjonali u kooperazzjoni internazzjonali oħra	Konnesjoni ma' sistemi oħra	0,35	3	1,050	3	1,050	3	1,050	3	1,050								4,200
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 4			12	2,550	12	2,550	12	2,550	12	2,550								10,200
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 5			Promozzjoni tal-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sikurezza tal-prodotti dwar prodotti għall-konsumatur mhux armonizzati.															
Attivitajiet ta' promozzjoni u komunikazzjoni	Konferenzi, stampa, kampanja	0,2	4	0,800	4	0,800	4	0,800	4	0,800								3,200
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 5			4	0,800	4	0,800	4	0,800	4	0,800								3,200
TOTALI				7,000		7,000		7,000		7,000								28,000

3.2.3. *Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi*

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena 2024 ⁶⁰	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)	TOTAL
--	-------------------------	-----------	-----------	-----------	--	-------

INTESTATURA 7tal-qafas finanzjarju pluriennali							
Riżorsi umani	3,054	3,054	3,054	3,054			12,216
Nefqa amministrattiva oħra	0,095	0,095	0,095	0,095			0,380
Subtotal INTESTATURA 7tal-qafas finanzjarju pluriennali	3,149	3,149	3,149	3,149			12,596
TOTAL	3,149	3,149	3,149	3,149			12,596

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-appropriazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

⁶⁰ Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi n-“N” bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

3.2.3.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani.
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time

	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal- impatt (ara l-punt 1.6)		
• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)							
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	18	18	18	18			
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet)							
01 01 01 01 (Riċerka indiretta)							
01 01 01 11 (Riċerka diretta)							
Linji baġitarji oħra (speċifika)							
• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE)⁶¹							
20 02 01 (AC, END, INT mill-“pakkett globali”)	5	5	5	5			
20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-delegazzjonijiet)							
XX 01 xx yy zz ⁶²	- fil-Kwartieri Ġenerali						
	- fid-Delegazzjonijiet						
01 01 01 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta)							
01 01 01 12 (AC, END, INT – Riċerka diretta)							
Linji baġitarji oħra (speċifika)							
TOTAL	23	23	23	23			

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riasenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	<p>It-tnejn ta' atti delegati (relatati mat-traċċabbiltà u mas-sejthiet lura), l-istabbiliment ta' attivitajiet ġodda ta' kooperazzjoni (mekkaniżmu ta' arbitraġġ ġdid, revizzjonijiet bejn il-pari, kooperazzjoni man-Network tal-Unjoni għall-Konformità tal-Prodotti), strateġiji nazzjonali pilota għall-infurzar tas-sikurezza tal-prodotti, it-titjib tal-interkonnessjonijiet ma' bażijiet tad-<i>data</i> oħrajn (ICSMS, dwana), il-kooperazzjoni internazzjonali u l-monitoraġġ tar-Regolament. It-tnejn ta' atti ta' implimentazzjoni għall-attivitajiet ta' standardizzazzjoni.</p> <p>Persunal tal-AD għas-sikurezza tal-prodotti u s-sorveljanza tas-suq, analiżi teknika u legali, ġestjoni ta' azzjonijiet konġunti, għarfien espert speċifiku tas-sorveljanza tas-</p>
-------------------------------	--

⁶¹ AC= Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondar; INT = Persunal tal-Aġenziji; JPD= Professjonisti Subalterni f'Delegazzjonijiet.

⁶² Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji “BA”).

	<p>suq, ġestjoni tal-proġetti, koordinazzjoni u implimentazzjoni tas-Safety Gate, kooperazzjoni internazzjonali, is-Segretarjat tan-Network tas-Sikurezza tal-Konsumatur, attivitajiet ta' komunikazzjoni u promozzjoni, superviżjoni tal-IT u tas-sistemi tad-<i>data</i> u kompiti ta' ġestjoni finanzjarja.</p> <p>Persunal tal-AST għall-appoġġ għall-organizzazzjoni tal-laqgħat u għall-kompiti amministrattivi kollha.</p>
Persunal estern	Manutenzjoni tal-IT ta' rutina u proġetti speċifiċi ta' żvilupp –.

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/l-inizjattiva:

- tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

Spjega liema riprogrammazzjoni hija meħtieġa, filwaqt li tispjega l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. Ipprova tabella Excel f'każ ta' riprogrammazzjoni kbira.

Ma huwa meħtieġ l-ebda programmar mill-ġdid.

- teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP.

Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispjega l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati, l-ammonti korrispondenti, u l-istrumenti proposti li għandhom jintużaw.

- teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

Spjega x'inhu meħtieġ, filwaqt li tispjega l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

- ma tippredix kofinanzjament minn partijiet terzi
- tippredix l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f' miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena N ⁶³	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)		Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament							
TOTAL tal-appropriazzjonijiet kofinanzjati							

⁶³ Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi n-“N” bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- Il-proposta/inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- Il-proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
- fuq ir-riżorsi proprji
- fuq dħul ieħor

indika, jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Appropjazzjo nijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ⁶⁴					Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3				
Artikolu									

Għad-dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

/

Rimarki oħra (eż. metodu/formula użati għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

/

⁶⁴ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.